MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2011

Numru. 836/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**CARMELO PULIS**
**FRANCESCO sive GODWIN SCERRI**
**-OMISSIS-**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmelo Pulis ta’ 58 sena bin Emmanuele u Nicolina nee’ Abela, mwieled Had-Dingli fis-7 ta’ Awissu 1945 u residenti: Kunvent Sant’ Agatha, Rabat. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru: 878645M.

Francesco sive Godwin Scerri ta' 67 sena bin Angelo u Angela nee' Muscat, mwieled Marsa fid-13 ta' Frar 1936 u residenti "Kunvent Sant' Agatha, Rabati. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru: 156936M.

-Omissis-

Gew akkuzati:

Talli fil-11 ta' Lulju 2003 u fis-snin ta' qabel, fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera, f'Dar Sant' Agatha Rabat u fil-Marfa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkorrompew lil Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Kevin Micallef u Oliver Goodrum, persuni taht l-eta, liema minuri kienu fdati lilhom, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehdu hsiebhom, jedukawhom, jghallmuhom, jindukrawhom jew izzommuhom, liema persuni li fuqhom sar l-abbuz kienu taht l-eta ta' tnax il-sena u/jew ma kienux jistghu jirrezistu minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipentdenti mill-eghmil taghhom, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li inqdew bihom.

<u>Lil Francesco (Godwin) Scerri wahdu:</u>

Talli fis-Sajf tal-1992 fil-Marfa, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta Leonard Camilleri, liema persuna kienet taht l-eta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* u l-Kummissarju tal- Pulizija ppresentata fid-9 ta'Mejju, 2011 u n-Nota responsiva tal-imputati Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri ghan-Nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* u tal-Kummissarju tal-

Pulizija liema Nota responsiva giet ippresentata fil-21 ta' Gunju, 2011.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni, minn Dr Patrick Valentino ghall- parte civile u minn Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputati.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 (Ara fol. 162 tal-Process) u nnutat li l-imputati fis-Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004 kienu ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja (Ara fol. 163 tal-Process).

Tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta tat-18 ta' Frar, 2011 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Louise Calleja iddikjarat li l-imputat Joseph Bonnet miet fil-mori tal-kawza u precizament fit-13 ta' Jannar, 2011 u ghal dan il-fini ppresentat b'Nota ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija estratt mic-certifikat tal-mewt tal-istess Joseph Bonnet bhala Dok LCP1. Ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talbet li l-Qorti tordna Procediment Estint rigwardanti l-imputat Joseph Bonnet rigwardanti din il-kawza stante l-mewt tal-istess imputat Joseph Bonnet fil-mori tal-kawza u inoltre talbet li l-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-imputati Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri.

Tirrileva ukoll li fl-istess Seduta, il-Qorti wara li rat Dok LCP1 esebit b'Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, laqghet it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Louise Calleja, iddikjarat Procediment Estint rigwardanti l-imputat Joseph Bonnet rigwardanti din il-kawza stante l-mewt tal-istess imputat Joseph Bonnet fil-mori tal-kawza u inoltre ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-imputati Carmelo Pulis u Francesco Godwin Scerri.

Il-Qorti tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-partijiet iddikjaraw li qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-ghoti tas-Sentenza huma jaqblu li nkwantu ghat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni moghtija fis-Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003 li tinsab minn fol. 135 sa fol. 136 tal-Process fejn hemm

indikat l-isem ta' Chris Falzon bhala l-persuna li ddeponiet, fil-fatt din id-deposizzjoni saret minn Charles Falzon u mhux Chris Falzon kif erronjament indikat fl-imsemmija traskrizzjoni. Inoltre l-istess partijiet iddikjaraw li jaqblu li fejn fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni moghtija fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003 li tinsab minn fol. 116 sa fol. 120 tal-Process fejn hemm indikat a fol. 116 tal-Process l-isem tal-persuna Angleo Spiteri bhala l-persuna li ddeponiet, fil-fatt din id-deposizzjoni saret minn Angelo Spiteri u mhux minn Angleo Spiteri kif erronjament indikat fl-imsemmija traskrizzjoni a fol. 116 tal-Process.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011 fejn Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputati, b'referenza ghan- Nota responsiva ta' Fr. Carmelo Pulis u Fr. Francesco sive Godwin Scerri presentata fil-21 ta' Gunju, 2011, iddikjarat li kull fejn fl-imsemmija Nota hemm indikat Leonard Caruana ir-referenza hi ghal Leonard Camilleri.

Innutat li fin-Nota responsiva tal-imputati Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri ghan-Nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* u tal- Kummissarju tal-Pulizija, liema Nota responsiva tal-imsemmija imputati giet presentata fil-21 ta' Gunju, 2011, l-esponenti, *inter alia,* iddikjaraw li il-maggor parti ta' l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghhom huma illum preskritti.

Imbaghad l-esponenti iddikjaraw: "Illi l-piena ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravata hu dak ta' tlett snin sa sitt snin prigunerija. Ghalhekk skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali ghal dan ir-reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' ghaxar snin. L-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-esponenti gew prezentati fil-Qorti fit- 13 ta' Ottubru tas-sena 2003 u l-esponenti gew necessarjament notifikati bihom wara dik id-data. Ghalhekk l-allegazzjonijiet li jirrisalu ghal iktar minn ghaxar snin qabel din in-notifika ghandhom jigu immedjatament dikjarati bhala preskritti."

Fl-istess Nota l-esponenti esponew ukoll:
"<u>2.1 Preskrizzjoni: Il-perijodu ta' l-allegazzjonijiet.</u>

Illi huwa qabel xejn ghalhekk opportun li jigu ezaminati l-allegazzjonijiet tal-*parte civile* ta’ korruzzjoni ta’ minorenni sabiex jigi stabbilit il-perijodu taghhom.

*Leonard Caruana* twieled fit-2 ta’ Lulju tas-sena 1977. Dan ix-xhud qal li l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront ta’ Fr. Pulis jirrisalu ghal meta kellu tlettax (13) jew erbatax (14) -il sena. Caruana ppreciza li pero’ ma jiftakarx ezatt meta sehhew l-atti minnu allegati. Ghalhekk fl-ahjar ipotezi ghall-prosekuzzjoni, l-allegazzjonijiet tax-xhud fil-konfront ta’ Fr. Pulis jirrisalu ghas-sajf tas-sena 1991. L-allegazzjoni li Caruana ghamel fuq Fr. Scerri wkoll tirrisali ghas-sena 1991.

L-allegazzjonijiet ta’ *David Cassar* fil-konfront ta’ Fr. Pulis jirrisalu ghas-sena 2003.

*Noel Dimech* twieled fis-16 ta’ Dicembru tas-sena 1972. L-allegazzjonijiet tax-xhud fil-konfront ta’ Fr. Pulis jirrisalu ghas-sena 1987.

*Charles Falzon* twieled fl-24 ta’ Jannar tas-sena 1984. Falzon dahal fl-Istitut meta kellu erbatax (14) -il sena. Dan ix-xhud qal sempliciment li xi gimghatejn wara li dahal fl-Istitut, f’okkazzjoni wahda, Fr. Pulis beda jmisslu saqajh u mbaghad il-parti tieghu. Ghalhekk l-allegazzjoni tieghu tirrisali ghall-bidu tas-sena 1998.

*Lawrence Grech* twieled fl-10 ta’ Awissu tas-sena 1972 u dahal San Guzepp meta kellu ghaxar snin. Fir-rigward ta’ l-allegazzjonijiet fil-konfront ta’ Fr. Pulis, qal li dawn waqqfu ghal kollox meta kellu erbatax -il sena u nofs (14½) u cioe’ fl-1986.

*Oliver Goodrum* twieled fil-5 ta’ April tas-sena 1971. Ix-xhud dahal fl-Istitut ta’ San Guzepp meta kellu hdax (11) -il sena u baqa’ hemmhekk sakemm kellu hmistax (15) -il sena. Ghalhekk dan ix-xhud telaq mill-Istitut fl-1986.

*Joseph Magro* twieled fid-9 ta’ Marzu tas-sena 1972. Hu dahal fl-Istitut ta’ San Guzepp meta kellu ghaxar (10) snin

u dam hemmhekk tmien snin. Kellu tmintax (18) -il sena meta hareg minn dan l-Istitut. L-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' Fr. Pulis jirrisalu ghal meta kellu bejn hmistax (15) u sbatax (17) -il sena. Ghalhekk l-ahhar allegazzjoni tirrisali ghas-sena 1989.
*Angelo Spiteri* twieled fl-24 ta' Lulju tas-sena 1978. Hu dahal fl-Istitut ta' San Guzepp meta kellu hdax (11) -il sena u dam hemmhekk sakemm ghalaq sittax (16) -il sena. Dan ix-xhud qal li l-abbuz ta' Fr. Pulis dam ghaddej matul il-perijodu kollu li dam fl-Istitut. Fi kliem iehor, ix-xhud telaq mill-Istitut fl-1994.

Illi ghalhekk, bl-eccezzjoni ta' David Cassar, Charles Falzon u Angelo Spiteri, l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni huma preskritti."

Fl-istess Nota Responsiva, rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gie sottomess illi dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 ma japplikax ghal fini tal-komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni.

Mentri l-Prosekuzzjoni u Dr Patrick Valentino ghall-parte civile fit-trattazzjoni argumentaw li dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 japplika ghal fini tal-komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni u inoltre sostnew li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputati mhux preskritti.

Illi fin-Nota responsiva tal-imputati gie, *inter alia,* sollevat il-punt dwar il- kliem uzat fl-artikolu 18 tal-Kap. 9: "maghmula b'risoluzzjoni wahda" u trapass ta' zmien bejn att kriminuz u iehor u dan fl-ambitu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mill-*Codice Penale Annotato con la Giurisprudenza* (S. Beltrani, E. Caringella u R. Marino – 1994 – Edizioni Simone, p. 392): "L'esistenza di un **consistente lasso di tempo** tra due episodi criminosi **non puo' far escludere la continuazione** tra gli stessi, *se sia provato che entrambi gli episodi criminosi sono stati commessi in esecuzione del medesimo disegno criminoso.* L'art. 81cod. Pen., infatti, richiede solamente tale requisito e

non anche quello della contiguita’ temporale. – Sez.1 sent. 04512 del 27-1-91 (cc. 27-11-91) rv. 189031.”

Illi fin-Nota responsiva tal-imputati gie, *inter alia*, sottomess u dan ukoll fl-ambitu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni illi ir-reat kontinwat ma huwiex applikabbli ghal pluralita’ ta’ soggetti passivi.

In sostenn tal-argument taghhom l-esponenti, inter alia, irriportaw bran fin-Nota responsiva taghhom (ara pagna 861 tal-process) mill-*Notes on Criminal Law* (p. 176) tal-Professur Mamo.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma’ tali tesi difensjonali u sejra ticcita mill-istess Notes on Criminal Law tal-Professur Mamo (p. 177) u precizament is-segwenti: “ Yet it must be noted that the law itself does not make any distinction: it does not expressly require that the several violations constituting a continuous offence should be directed against or be to the detriment of the same person: In the absence of any such condition in the law, Crivellari thinks that the matter cannot be settled by the absolute ‘a priori’ rule laid down by Impallomeni. He holds that, in practice, it is not absolutely impossible that several individuals may be injured in their person or their reputation etc. In pursuance of one and the same resolution and he, therefore, concludes that even in the case of offences against the person, though the victims may be different, the several violations of the same provision of the law may constitute a continuous offence: ”

Il-Qorti sejra ukoll ticcita s-segwenti bran mill-*Manuale Di Diritto Penale* Parte Generale – Francesco Antolisei, quindicesima edizione, Giuffre’editore, p. 527: “In passato si sostenne che il reato continuato resta escluso dalla diversita’ dei soggetti passivi[(32)]. Successivamente la dottrina fu concorde nell’opinare che tale diversita’ di per se’ non rende impossibile la continuazione, dato che l’art. 81 del codice non richiede il requisito dell’unicita’ del soggetto passivo. Solo allorche’ la diversita’ delle vittime esclude un identico disegno criminoso, non si avra’ reato continuato. Per tal modo

sara' responsabile di omicidio continuato colui che, in base ad un preciso programma, uccida successivamente, per identico fine, vari membri di una famiglia(33)." (Footnotes: "(32)V.: RENDE, *Reato continuato e pluralita' di soggetti passivi,* in *Riv. It.* 1993, 57. (33) Nel senso dell' irrilevanza della diversita' di soggetti passivi cfr. Cass. 25 marzo 1971, in *Mass. Pen.* 1972, n. 1199; In. 22 gennaio 1947, in *Giust. Pen.* 1948, II, 161, 152; Id. 20 ottobre 1947, in *Riv. Pen.* 1948, 237, 133").

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ukoll ticcita is-segwenti bran minn *Diritto Penale* Parte Generale – N. Bartone u L. Delpino, X edizione -1993- Edizioni Simone, p. 391: "Anche la diversita' dei soggetti passivi dei vari fatti - come e' ormai pacifico - non impedisce la sussistenza della continuazione, sempre che vi sia identita' di disegno criminoso".

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Carmel A. Agius) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alphonse Cauchi) vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri" deciza fit-30 ta' Ottubru, 2001 liema Sentenza rriferiet ghaliha d-Difiza fit-trattazzjoni taghha. "Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.

Dan ifisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha titiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi iffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici." "......................................."

"Din il-Qorti taghmel taghha ukoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett". Ghalhekk din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu ukoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda din il-Qorti qed tghid li ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali."

In kontrast ghas-Sentenza hawn fuq riferita l-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-segwenti brani mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Vincent Degaetano) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Joseph Borg" deciza fl-10 ta' Mejju, 2000: "5. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi, fis-Sentenza ta' l-4 ta' Novembru, 1976 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Grazio Zerafa***, iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 688 ghandu jigi kunsidrat id-delitt in kwistjoni[5]. In fatti l-Artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dana l-Artikolu 689. Fil-ligi taghna ir-reat kontinwat, li kien gie mudellat fuq l-Artikolu 79 tal-*Codice Zanardelli*[6], u meqjus bhala forma *sui generis* ta' konkors ta' reati[7], bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed." (Ara footnotes 5, 6 u 7 li qedin fis-Sentenza hawn riferita).

Din il-Qorti taqbel ma’ dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Borg”. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid: “Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva.”

Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-Sentenza hawn fuq riferita “Il-Pulizija vs Joseph Borg”, jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m’ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta illi iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix qeda inkluza fl-imsemmi artikolu 689. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-kontinwat f’dan l-artikolu bhala haga li wiehed m’ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni kien jinkludi l-kontinwat f’dan l-artikolu – *Ubi voluit dixit*.

Jigi nnutat li l-artikolu 689 tal-Kap. 9 tinkludi ir-recidiva bhala wahda minn dawk l-affarijiet li wiehed m’ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Issa l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jghid: “Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ............ tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena.” Hawn il-Qorti tissottolinja il-kelma “tista” fl-artikolu 50 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant fil-fehma ta’ din il-Qorti l-argument li rigward l-kontinwita’ l-piena applikabbli tista u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kap. 9 u *ergo* m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni ma treggix, anzi tkompli ssahhah il-fehma ta’ din il-Qorti li kieku il-legislatur ried li l-kontinwita m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi zmien tal-preskrizzjoni kien allura il-legislatur jinkludiha fl-artikolu 689 tal-Kap. 9.

Hawn il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mill-*Codice Penale Annotato con la Giurisprudenza* (S.Beltrani, E. Caringella u R. Marino - 1994 - Edizioni Simone, p. 608):

“Nel reato continuato l’unitario disegno criminoso solo apparentemente si fraziona nei singoli episodi, ma resta sostanzialment unico: i singoli spezzoni di esso si saldano pertanto l’uno con l’altro costituendo tappe intermedie di un unico *iter* criminoso che si conclude con la consumazione dell’ ultimo episodio criminoso ne deriva che *il termine prescrizionale comincia a decorrere solo dal momento in cui tutto il complessivo iter criminoso sia stato portato a compimento.-* Sez.3 sent. 06155 del 27-4-90 (ud. 13-3-90) rv.184158.”

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li z-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni. F’dan ir-rigward, il- Qorti, ghal kull buon fini, dwar kompetenza ta’ din il-Qorti, taghmel referenza ghall-artikolu 370(2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ezaminati l-atti tal-kawza, il-provi prodotti u mehuda in konsiderazzjoni l-provvedimenti tal-Ligi applikabbli, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni u ta’ Dr Patrick Valentino ghall-parte civile fit-trattazzjoni li l-akkuzi migjuba kontra l-imputati fil-kawza odierna mhux preskritti. Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fin-Nota responsiva tal-imputati Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri liema eccezzjoni ta’ preskrizzjoni giet sollevata nkwantu l-allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni ta’ minorenni bl-eccezzjoni ta’ David Cassar, Charles Falzon u Angelo Spiteri a tenur tal-artikolu 688(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat li fis-Seduta tad-9 ta’ Marzu, 2011, Dr Giannella Caruana Curran u Dr Joseph Giglio ghall-imputati iddikjaraw li qeghdin jeccepixxu l-innammissibilita’ tal-Istqarrijiet taz-zewg akkuzati.

Innutat ukoll li fis-Seduta tat-28 ta’ Marzu, 2011 saret trattazzjoni fuq l-eccezzjoni dwar l-innammissibilita’ tal-Istqarrijiet taz-zewg akkuzati sollevata minn Dr Giannella Caruana Curran u Dr Joseph Giglio fis- Seduta tad-9 ta’ Marzu, 2011 u l-Qorti irriservat li tipprovdi ghal din l-eccezzjoni fis-Sentenza finali.

Innutat ukoll dak sottomess fin-Nota responsiva tal-imputati presentata fil-21 ta' Gunju 2011 fuq l-imsemmija eccezzjoni.

Inoltre innutat dak sottomess mill-Prosekuzzjoni, minn Dr Patrick Valentino ghall-parte civile u minn Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputati fit-trattazzjoni li saret fis-27 ta' Gunju, 2011 fuq l-imsemmija eccezzjoni.

B'referenza ghal tali eccezzjoni l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mis-Sentenza tal-Grand Chamber ***Salduz v. Turkey*** (27.11. 2008) fejn, inter alia, intqal:

"55. Against this background, the Court finds that in order for the right to_a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even_where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a_lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, *mutatis mutandis*, *Magee,* cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be_irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

Minn dan il-bran, liema bran gie citat fin-Nota responsiva tal-imputati, din il-Qorti temfasizza l-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem insistiet li: "The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn din il-Qorti taghmel emfasi partikolari ghas-segwenti frasi mill- bran li ghadu kif gie citat : " are used for a conviction".

Il-Qorti Kostituzzjonali nostrana fis-segwenti Sentenzi moghtija minnha fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera*** (11.04.2011), ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi*** (12.04.2011) u ***Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino*** (12.04.2011) segwit il-principju appena menzjonat f'***Salduz***. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mis-Sentenza ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi*** (12.04. 2011): "Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."

Din il-Qorti hawn temfasizza partikolarment is-segwenti frasi mill-bran hawn fuq riportat: " u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu".

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-Sentenzi ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera***, ***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi*** u ***Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino*** nonostante li sabet lezjoni minhabba li f'dawk il-kazijiet l-imputat kien irrilaxxja stqarrijiet minghajr assistenza ta' avukat, xorta wahda ma ddikjaratx dawk l-istqarrijiet bhala inammissibbli jew nulli u lanqas sfilzathom u halliet f'idejn il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tiddeciedi l-piz li tista' taghti lil dawk l-istqarrijiet fid-dawl tas-sejba ta' lezjoni anti konvenzjonali.

Filwaqt li din il-Qorti, wara li ikkunsidrat it-talba hawn fuq imsemmija ghal dikjarazzjoni ta' non ammissibilita' tal-istqarrijiet taz-zewg imputati u ghalkemm fl-istess hin mhix qeda tisfilza l-istqarrijiet taz-zewg imputati, minhabba dak li ghadu kif inghad hawn fuq, issib li fil-kaz odiern hemm bizzejjed provi independenti mill-istqarrijiet u minghajr ma' dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra l-imputati ghal sejbien ta' htija biex din il- Qorti tasal ghal decizjoni dwar htija o meno tal-imputati.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, mhix qeda tiddikjara li l-istqarrijiet taz-zewg imputati huma inammissibbli, imma mhux sejra tuza dawn l-istqarrijiet ghal fini ta’ sejbien ta’ htija o meno tal-istess imputati.

Il-Qorti tosserva ukoll li fin-Nota responsiva tal-imputati ppresentata fil- 21 ta’ Gunju, 2011 gie sottomess li l-istat mentali ta’ Fr. Pulis meta huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu kien tali li jirrendiha mhux attendibbli. Fl-istess Nota responsiva gie ukoll dikjarat li l-istqarrija ta’ Fr. Pulis ghandha tigi dikjarata bhala inammissibbli. Fl-imsemmija Nota responsiva tal-imputati u dan rigward il-parti konklussiva fuq il-kwistjoni issa in disamina jinghad: “Illi ghalhekk huwa car li l-mod kif ittiehdet l-Istqarrija ta’ Fr. Pulis ma huwa ‘il boghod minn sodisfacjenti u dak li tirrikjedi l-ligi u, indipendentement minn kwistjonijiet ta’ lezjonijiet ta’ drittijiet fondamentali, ghandha tigi dikjarata bhala inammissibbli. Ic-cirkostanzi kienu tali li l-Pulizija ma kellhom qatt jinterrogaw lil Fr. Pulis li kieku verament kellhom rispett lejn l-ispirtu tal- ligi u l-ahjar andament ta’ amministrazzjoni tal-gustizzja.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti fid-dawl ta’ dak li ghadha kif iddecidiet fuq l-istqarrijiet taz-zewg imputati u senjatament il-fatt li l-Qorti mhux sejra tuza dawn l-istqarrijiet ghal fini ta’ sejbien ta’ htija o meno tal-istess imputati l-Qorti trid taghmilha cara li se jkollha tirreferi ghal-istqarrija tal-imputat Carmelo Pulis u brani minn deposizzjonijiet li huma rilevanti ghal din il-kwistjoni tal-inammissibilita’ o meno tal-istqarrija tal-imsemmi imputat Carmelo Pulis limitatament ghal tali kwistjoni imqanqla fin-Nota responsiva tal-imputati.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra ticcita s-segwenti brani mill-kontinwazzjoni tal-kontro- ezami tal-imputat Carmelo Pulis (Seduta 17 ta’ Frar, 2009):

“Nghid illi jiena lil Assistent Kummissarju Michael Cassar fl-Istqarrija tieghi gdibtlu meta kont ghidtlu li jiena kont abbuzajt sesswalment mit-tfal. Nghid illi fl-istqarrija tieghi m’hijiex kollha gideb. Kien hemm affarijiet fejn jiena tkellimt bhala l-proprju Father Carmelo Pulis. Nghid li jiena dak il-hin tkellimt bhala proprju Father Carmelo Pulis ma

kontx qieghed nibza'. Biss dawn kienu fuq affarijiet pozittivi. Nghid illi jiena bdejt nibza' ghaliex bzajt illi l-Assistent Kummissarju Michael Cassar kien se jimmanetjani u johodni l-Habs. Jiena qatt ma dehert quddiem il- pulizija u dejjem iddefendejt lit-tfal."

"............................................................"

"Nghid illi jiena lil Assistent Kummissarju Michael Cassar ma kontx semmejtlu dwar id-depression. Nghid illi fil-fatt dak il-hin lanqas kont naf li qieghed nezisti. Nghid illi jiena matul l-istqarrija tieghi kien hemm mumenti fejn jiena kien hemm affarijiet pozittivi allura kien qieghed jitkellem il-certu Father Carmelo Pulis u kien hemm mumenti ohra fejn jiena kont qieghed veru nbaghti b'biza kbira." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar li fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Sussegwentement bghattna ghal Fr. Charles Pulis li mmedjatament avzajtu li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx jixtieq li jitkellem imma dak li jghid setgha jingab bhala prova. Hu rrilaxxja stqarrija li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok MC5. Din l-istqarrija fiha 4 faccati u fuq kull faccata qed naghraf il-firem fuq u isfel tal-pagni kemm ta' Fr. Charles Pulis kif ukoll dik tieghi u ta' l-ispettur Joseph Cordina." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita s-segwenti brani mill-kontro-ezami tal-imputat Carmelo Pulis (Seduta tas-17 ta' Frar, 2009):

"Jiena meta gejt arrestat kienu gew il-Pulizija ghalija f' Sant Agatha u qaluli li s-Supretendent ried ikellimni. Qaluli biex imur maghhom. Kien ghal habta ta' xi t-tmienja u nofs ta' filghodu li l-Pulizija kienu gew ghalija. Nghid fl-ebda hin jien ma gejt immanetjat. Nghid illi jiena meta gew ghalija l-Pulizija ma kienux gew b' vettura tal-Pulizija fis-sens bil-markings tal-Pulizija. Kienet vettura komuni. Nghid fil-fatt Pulizija kien gie wiehed ghalija. Fil-vettura jiena u l-Pulizija

li kien ukoll ix-xufier tal- vettura ma tkellimniex. Nghid jiena l- Pulizija lili li qalli li ried ikellimni s-Supretendent. Jiena mbaghad qaghad nistenna go ufficju zghir sa kemm ikellimni s-Supretendent.

Nghid illi fil-fatt kien interrogani l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u kien ordna ma jidhol hadd fil-kamra fejn kont hemm jien pero' kien hemm skrivan. Nghid dan l-iskrivan ma kienx bl-uniformi u nghid sa kemm gie l-Assistent Kummissarju qaghad nitkellem ma' dan l-iskrivan pjuttost aktar fuq affarijiet spiritwali." "............................" "Nghid li jiena l-hin kollu li domt id-Depot u cioe' mid-disgha ta' filghodu sa l-ghaxra ta' bil-lejl jiena bqajt f' din il-kamra. Qatt ma gejt mehud f' xi cella pero' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar kien ordna li din il-kamra kellha tibqa' maghluqa u kellu jibqa' mieghi biss l-iskrivan."

"..........................................................................................
.........."

"Nghid illi in kwantu ghal atmosfera tal-interrogazzjoni kienet wahda kalma u trankwilla pero' nirrepeti l-fatt li jien kont fil-presenza tal- Pulizija lili krejali ansjeta." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hawn tosserva li fin-Nota responsiva tal-imputati din il-kwistjoni in disamina (ara minn fol. 864 sa fol. 867 tal-Process) tistrieh hafna fuq dak li xehed il-Psikjatra Dr Joseph Cassar fis-Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010.

Issa l-Qorti sejra ticcita xi brani minn dak li xehed l-imsemmi Dr Joseph Cassar fis-Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010:

"..........................................................................................
........................."

"Nixtieq inzid nghid illi mbaghad fl-2001 l-imsemmi Carmelo Pulis kien gie ghandi, qalli li kien anzjuz hafna ghax kien sejjer l-Awstralja u jien fil-fatt kont tajtu xi kalmanti hafif biex inaqqaslu din l-ansjeta'."

“......................................................................................
........................”

“Nghid illi qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm –il darba jiena f’ Ottubru tal-2003 kontx rajt lil Father Pulis nghid li effettivament kont rajtu fil-21 t’ Ottubru 2003 u qieghed nigi mistoqsi ulterjorment mid-Difiza illi f’ dak il-perjodu t’ Ottubru 2003 l-imsemmi Carmelo Pulis kien ghamel stqarrija lil Pulizija u qieghed nigi mistoqsi illi in kwantu mill-lat psikjatriku dan kienx f’posizzjoni illi jaghmel din l-istqarrija u jghid certu affarijiet li qal fl-istqarrija. Dwar dan nirrispondi, nghid illi jiena ma kontx gejt mitlub mill-Pulizija biex nara qabel it-tehid ta’ din l-istqarrija u ghaldaqstant jiena ma kontx naf il-kundizzjoni tieghu qabel ma huwa kien irrilaxxa din l-istqarrija.”

“................................................” “Nixtieq nghid illi hu fil-fatt f’ dina l-okkazzjoni tal-21 t’ Ottubru 2003 kien gie prattikament iqerr ghandi u qalli li huwa kien ghamel zball ghaliex huwa meta kien kellem lil Pulizija peress li beda jibza’ li huma l- Pulizija setghu jaqfluh ghal affarijiet ghax huwa haseb li jekk jghid lil Pulizija dawk l-affarijiet dawn ma kienux ser jaqfluh.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti tissottolinja l-fatt li l-istess Psikjatra Dr Joseph Cassar, li ra lill-imputat Pulis fil-21 ta’ Ottubru, 2003 mentri l-istqarrija ttiehdet fit-2 ta’ Ottubru, 2003 u ghalhekk jigi sottolinjat li kien hemm trapass ta’ numru sew ta’ granet bejn meta ttiehdet l-istqarrija sa meta Dr Joseph Cassar ra lill-imputat Pulis. Inoltre skond dak li jghid Dr Joseph Cassar fid-deposizzjoni tieghu: “............. u qieghed nigi mistoqsi illi in kwantu mill-lat psikjatriku dan kienx f’pozizzjoni illi jaghmel din l-istqarrija u jghid certu affarijiet li qal fl-istqarrija. Dwar dan nirrispondi, nghid illi jiena ma kontx gejt mitlub mill-Pulizija biex nara qabel it-tehid ta’ din l-istqarrija u ghaldaqstant jiena ma kontx naf il-kundizzjoni tieghu qabel ma huwa kien irrilaxxa din l-istqarrija.” (Seduta tas-7 ta’ Mejju, 2010) (Sottolinjar tal-Qorti). Dan ifisser li l-Psikjatra Dr Joseph Cassar ma setax jghid jekk mil-lat psikjatriku l-imputat Pulis kienx

f'posizzjoni illi jaghmel din l-istqarrija u jghid certu affarijiet li qal fl-istqarrija.

Il-Qorti tissottolinja ukoll il-fatt li mill-atti tal-kawza mkien ma' jirrizulta li l-imputat Pulis kien talab lill-Pulizija li jarah Psikjatra. Di piu', kif jirrizulta mis-segwenti bran li qal l-istess imputat Pulis fil-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami (Seduta 17 ta' Frar, 2009): ".............................." "Nghid illi jiena lil Assistent Kummissarju Michael Cassar ma kontx semmejtlu dwar id-depression." (Sottolinjar tal-Qorti). Allura kif setghet ragonevolment il-Pulizija isejjah ghal Psikjatra sabiex jara lill-imputat qabel l-Istqarrija? Lanqas ma jista' wiehed jiddeduci li l-imputat Pulis kien maghruf mal-Pulizija u b'hekk il-Pulizija setghet kienet taf bil-kundizzjoni medika tieghu ghax l-imputat Pulis stess xehed : "Jien qatt ma dehert quddiem il-pulizija ..........." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddikjara li ma' jirrizultawx dawk l-elementi necessarji sabiex l-istqarrija tal-imputat Carmelo Pulis tigi dikjarata bhala inammissibbli u ghaldaqstant il-Qorti mhix qeda tiddikjara l-istqarrija tal-imputat Carmelo Pulis bhala inammissibbli.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghal diversi Sentenzi u awturi rilevanti ghal kaz odiern.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li

trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

B'referenza ghar-reat ta' stupru l-Qorti sejra issa taghmel referenza ghal dak li jghid il-**Professur Mamo** fin-Noti tieghu ***Notes on Criminal Law***. Huwa jissottolinja zewg elementi f'dan ir-reat u cioe:

a. the carnal knowledge, u

b. the violence

Huwa jkompli jghid li:

*"The sexual connection need not be complete or consumated" u fil-fatt, "The crime is deemed to be complete by the commencement of the connection without the necessity of proving any further acts... It is not necessary of to prove the actual emission of seed in order to constitute carnal knowledge, but the carnal knowledge is deemed complete upon proof of <u>penetration</u> only, and the slightest penetration is sufficient ................"*

Dwar it-tieni element u cioe' dak ta' vjolenza li jiddistingwi dan r-reat mir-reati l-ohra 'kontra l-persuna'. Huwa

element essenzjali tar-reat u mhux aggravju tieghu, u tali vjolenza trid tkun ezercitata fuq il-persuna stess li qed tigi stuprata. Il-ligi ma tispecifikax f’hiex ghandha tikkonsisti il-vjolenza, ghax il-gudikant irid f’kull kaz individwalment, jezamina l-fatti specie tal-kaz u cioe irid jara jekk l-atti sehhewx kontra l-volunta ta’ persuna.

Izda l-ligi taghna kkrejat certi presunzjonijiet rigward l-element ta’ vjolenza u dan fl-artikolu 201 tal-Kap. 9 u cioe meta ssir fuq persuna taht l-eta ta’ tnax il-sena jew fuq persuna li ma tkunx tista tirresisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-eghmil tal-hati, inkellha minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom.

Il-Qorti issa sejra ticcita mis-Sentenza moghtija ***nhar t-tnejn ta’ Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Demanuele** fejn**,** *inter alia,* gie ritenut is-segwenti:

*“Il-ligi taghna in tema ta stupru tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-<u>vjolenza</u>. Tali vjolenza tista tkun fizika jew morali (jew naturalment t-tnejn flimkien). Il-ligi pero’ ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia l-grad ta’ vjolenza li trid tigi uzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u b’mod partikolari fuq l-eta tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta’ sahha u l-forzi taghhom, t-temperament jew karattru taghhom, kif wkoll fuq c-cirkostanzi parltikolari li jkun jinsab fihom s-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal-kawza u effett ta’ mezz u fini.”*

Skond **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** 1924 ***- Vol 3 - pagni 178 u 179*** :

*“L indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha*

*potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Rigward ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 203 li jiddisponi 'li kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna ta' taht l-eta'. Is-sub artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe:

a. jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;

b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;

c. jekk d-dlitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

Il-**Professur Mamo** fin-Noti tieghu ***Notes on Criminal Law***, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe :

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax il-sena;
2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il- vittma jew fil-presenza tal-vittma;

3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Il- Professur Mamo jirritjeni li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral*

*integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example become he or she was to some degree already depraved - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilment."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar 1975*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Portelli** gie ritenut li l- gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista attwalment jinghad li bih l-persuna giet korotta.

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, issir referenza ghas- Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** fejn gie ritenut:

*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza'(Manzini,V., op.cit., p. 359).The duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl – in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed – with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*As to the requirement of the actual defilement,this is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the appointed Judge- the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the*

*case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.*

Fis-Sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit- 23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi :
“ *Tifel ta’ appena tlettax- il sena li jigi espost ghall- eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal- izvillup fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita morali tal-minorenni.”*

F’dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Lawrence Grech li fis-Seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2003, inter alia, qal:

“Jien twelidt fl-10 ta’ Awissu 1972. Qed nigi muri Dok. MC2. Nikkonferma li din hija il-kwerela tieghi. Jien dhalt San Guzepp ta’ 10 snin u dan in kwantu ghal San Guzepp qed nirreferixxi ghall-istitut ta’ San Guzepp ta’ gewwa St. Venera.” “...............................................................” Ahna lil Fr. Pulis konna nharsu lejh bhala ragel li kien ifissidna u jghinna. Nghid jien il-kunfidenza tieghi ma Fr. Pulis kibret ghax hu kien ikellimni fil-kurutur u anke jien kont inkellmu u hu ukoll kien jigdimni f’wicci pero dan mhux b’mod li jwegga’. Kien ukoll Fr. Pulis idahhal idejh gol-patata minn gol-qalziet u kien ikellimna b’certu kunfidenza. In kwantu ghal dak li ghidt li kien jigdimni f’wicci nghid dan kien jaghmlu b’sens ta’ kunfidenza zejda.” “.......................” “Nghid wara xi gimghatejn li kont ilni mal-kbar Fr. Pulis kien taghni kamra kbira. Din kienet fejn il-kamra ta’ Fr. Pulis u nghid li tfal favoriti kienu jinghataw il-kamra ta’ fejh. Ghaddew l-ewwel tlett gimghat jew xahar u nghid li Fr. Pulis imbghad filghaxija kien jigi hdejja u dan wara li jkun raqqad lil kulhadd. Hu kien jixghel id-dawl tal-kamra ghax jien kelli bozza. Kien jigi bil-qeghda fejja u kien jaqbadli saqajja. Jien kont inkun mindud fis-sodda. Kien imbghad imissli l-parti tieghi. Kien

johrogieli barra u kien jimmasturbani. Imbghad ghadda iktar zmien. Nixtieq hawn nghid li meta tlajt mal-kbar kelli 13-il sena u nofs. Meta Fr. Pulis kien imissni kelli dik l-eta. U nghid dan fis-sens li kien jimmasturbani dan kien fis-sens ta’ bejn it-13 u 13-il sena u nofs. nghid li din semmejt dwar li Fr. Pulis kien jigi fil-kamra tieghi u kien jimmasturbani nghid kienet tigri xi tlieta jew erbgha darbiet fil-gimgha u dan ghal perjodu ta’ sena. Nghid imbghad kien hemm zmien ukoll meta hu kienigaghlni naghmel lilu hekk. Nghid darba kont mort fil-kamra tieghu u rajt lil Fr. Pulis jimmasturba lilu nnifsu u nghid ghaliex kont dhalt u qbadtu hekk dan kien taghni daqqa ta’ harta u qalli darba ohra habbat. Qed nigi mistoqsi mill-ufficjal prosekutur x’kienet ir-reazzjoni tieghi meta Fr. Pulis kien jghidli biex nimmasturbah nghid bejn kienet li jien nibza u nghid bejn kont niehu pjacir u nghid dik kienet il-hajja meta wiehed jidhol go l-istutut ta’ San Guzepp. Inzid nghid li imbghad ta’ 14-il sena u nofs kien waqaf kollox. Nghid Fr. Pulis kien imbgha beda perjodu fejn kien juri li kien ihobbni hafna fis-sens li kien dejjem jehodni nigri mieghu u fil-fatt kulhadd kien jghajjarni ghax kienu jghiduli li jien kont il-fessud ta’ Pulis.” “....................................” “Jien bdejt naghmel advertisment fil-gazzetta biex jien insib dar fejn noqghod u nghid li darba minnhom Fr. Pulis kien taghni Lm1,000 biex naghmel depositu fuq dar halli nixtireha u meta staqsejtu dwar il-flus qalli li kienet taghthomlu wahda mara.” “......................................” “Nghid jien wassalni li jiena issa mmur ghand il-pulizija ghax jien nghid li go fija dejjem kelli guilt li bata haddiehor minhabba fija. Nghid fl-Awstralja jien kelli problema u mort ghand tabib u dan kien baghtni ghand psikjatra u l-psikjatra lili kien qalli li dak li kelli jien kien ghax kont gejt abbuzat. Jien imbghad kif sirt naf li David kien gie abbuzat ghalija kienu provi cari li l-affarijiet kienu ghadhom isiru. Jien illum ghandi tifla ta’ hames snin. Jien la qatt ma ghannaqtha u lanqas qatt ma bistha ghax dan dejjem nahseb li sejjer nabbuzaha u jien ghal hekk issa tkellimt mal-pulizija.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mill-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami ta’ Lawrence Grech li fis-Seduta tat-18 ta’ Jannar, 2006, inter alia, qal:

"................................................" "Nghid illi jien dwar li Fr. Pulis kien jabbuza minni kont kellimt ma certa Lina Caruana li din ghadha hajja u hija omm ta' superjur tal-Muzew u kienet residenti Hal-Balzan. Nixtieq nghid illi fuq domanda li qed issirli mid-difiza jekk jien in kwantu ghal Fr Pulis kontx tkellimt ma xi nies jew anke tfal li kienu gewwa l-Istitut ta' San Guzepp nghid illi jien ma stajtx nitkellem ma hadd ghaliex ghalija Fr Pulis kien qisu father figure u ghalhekk ma kienx hemm xi hadd qisu ghola minnu li stajt nitkellem fuq dan. Jien kont nibza' li jekk nirraporta lil Fr Pulis jien kont inkun qisni qed niggakbinah."

"................................................" "Nghid illi jien dwar l-abbuzi ta' Fr Pulis fil-konfront tieghi la lil Fr Tomlin u lanqas lil Fr Edwin ma kont ghidt. Nikkonferma illi qabel ma Fr Pulis kien abbuza minni sesswalment kien hemm diga' diversi persuni ohra li qabel kienu abbuzaw minni sesswalment jew ippruvaw jabbuzaw minni." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Leonard Camilleri li fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fit-2 ta' Lulju 1977." "........................................" "Inzerta kien sajf minnhom li tlajna il-Marfa u hemm hekk bdiet esperjenza kerha ohra. Dan kien qisu meta kelli bejn 13 u 14-il sena li morna il-Marfa pero ma niftakarx ezatt. Konna ghamilna xi xahar u konna mal-grupp tal-mezzanin. Fil-fatt nghid li ahna konna l-grupp tal-mezzanin. Kien wasal iz-zmien biex ahna ninzlu mill-Marfa u kellhom jitilghu il-kbar. Peress li jien ma kellix fejn immur iddeciedew li jien nibqa il-Marfa. Lejla minnhom kont hemm hekk il-Marfa u il-father li kien jiehu hsieb, Fr Pulis kien iddecieda li nibqa mal-kbar. Nghid lil Fr. Pulis qed naghrfu bhala l-imputat li qieghed fin-nofs bejn iz-zewg imputati l-ohra fl-awla. Nghid Fr. Pulis kien qed jiehu hsiebna mentri domna il-Marfa. U hawn hekk nixtieq nippreciza li kien qed jiehu hsieb il-kbar u dan spicca biex ha hsieb lili ghax lili zammewni mal-kbar ghax ma kellix fejn immur. Jien kont ghandi mohh ir-rih. Nghid li f'okkazzjoni minnhom u hawn hekk nixtieq naghmel

spjegazzjoni u nghid li fil-weekends it-tfal kienu jittiehdu f’van gewwa Bugibba biex dawn jiddevertu pero peress li jien kont zghir kont ninzamm il-Marfa u darba minnhom jien kont qieghed wahdi hemm hekk. Kien hemm Fr. Pulis. Jien mort hdejn Fr. Pulis. Nghid kienet drawwa taghna li ahna kif naraw father immorru nigru hdejh u l-father jilqaghna b’idu. F’din l-okkazzjoni Fr. Pulis idejh spiccat mal-genitali tieghi. Hu qalli biex nidhlu gewwa. Dan dahhalni fil-kamra tieghu. Dan beda jerdani. Tefaghni fuq sodda. Kixifli l-parti tieghi. Kixef il-parti tieghu. Beda jgerri tieghi. Qabadli idejja u gaghlni nimmasturba lilu u solitament l-ohrajn jigu lura bil-van xi nofsillejl. Smajna il-van u Fr. Pulis qalli biex jien immur nigri norqod. Qalli li qisu ma gara xejn u biex ma nghid lil hadd. U nghid fl-istess sajf din il-haga gewwa l-Marfa rrepetiet ruhha tlett darbiet ohra. Imbghad inzilna San Guzepp. Imbghad ghalqat l-eta li nigi trasferit ghall-kbar u lilna il-kbar kien jiehu hsiebna Fr. Pulis. Hu kien taghni kamra hdejh u kien qalli li dak li kien gara il-Marfa qisu ma gara xejn. Li sar sar. Inzid nghid li imbghad is-Sajf ta’ wara jien kelli esperjenza ohra. Kont mal-kbar u konna qed nilghabu Battleship wara nofsinhar u kien hemm certu Fr. Godwin li ma kienx jiehu hsiebna u kien gie weekend ghall-mistrieh. Dan beda jhares lejja u kif daqq il-hin fl-erbgha biex ninzlu ghat-te jew kafe, l-ohrajn nizlu u dan lili ghajjatli. Dan dahal f’kamra. Qalli biex immur ghax xi haga ghalija. Staqiesni jekk inhobbux nitgharrax u jien ta’ tifel ghidtlu iva. Qalli biex immur ha jurini. Nizzilli z-zip u redali l-parti tieghi. Dan qalli li imbghad kien ser jarani San Guzepp. Jien qieghed ukoll naghraf lil Fr. Godwin bhala wiehed mill-imputati li qieghed fuq in-naha tax-xellug quddiem il-Magistrat. Nixtieq nghid li din ta’ Fr. Godwin grat gewwa l-Marfa. Nghid ukoll li meta grat din ta’ Fr. Godwin gewwa l-Marfa jien kelli 14-il sena. Meta morna lura imbghad San Guzepp dan Fr. Godwin kien isejjahli biex immur fil-kamra tieghu halli jkellimni u dan kien jaghtini bhal per ezempju cikkulata, kien isemmili dwar il-Canada. Kien jurini x’kien ipitter u jpengi u kif konna nkunu kwieti kien jimmasturbali l-parti tieghi. Jien kont nghidlu biex jieqaf u kien jghidli tinkwetax hawn gew qeghdin. Kont nitlaq u kien jghidli biex ma nghid lil hadd u biex darba ohra nerga mmur. Darba minnhom niftakar filghodu kont sejjer l-iskola. Hu

sejjahli biex immur fil-kamra tieghu ghax kellu xi haga ghalija u f'din l-okkazjoni kien taghni xi flus u kien hemm drabi ohra fejn Fr. Godwin taghni l-flus, kien jaghtini xi Lm2. Kien hemm drabi fejn jien mort f'kamartu u kien ukoll jaghtini xi sigaretti. Kien ukoll jehodni l-Belt u jixtrili xi xlipper. Kien ukoll mill-Belt jixtrili l-pastizzi. Kont immur naqta xaghri ghand huh b'xejn. Kien ukoll offrieli meta jien nohrog minn San Guzepp, ma kelli nghid lil hadd, kien ukoll offrieli cekk ta' flus. Naf li imbghad Fr. Godwin kien mar St. Agatha. Ma niftakarx jekk kontx ghadni jew le St. Joseph meta Fr. Godwin mar St. Agatha. Li naf zgur li din l-istorja li qed nghid kienet damet sejra xi sena. Darba minnhom kont fil-kamra ta' Fr. Godwin gewwa San Guzepp u ghidtlu li kont ser nitlaq mill-kamra tieghu u hu zammni u qalli biex nibqa hemm hekk. Hu f'daqqa wahda dawwarni u hu mmasturbani minn wara. Kien nezzaghni Fr. Godwin u jien ghidtlu li ridt nitlaq u qalli biex nibqa hemm hekk. Huwa zammni. Niftakar li beda jhabbat il-bieb u beda jsejjahli certu wiehed Kevin u beda jghidli 'ejja ejja ghax il-Father iridek.' Father Godwin qalli biex ma nitkellimx u naghlaq halqi. Wara qisu xi hamsa minuti jew ghaxar minuti ma smajniex iktar il-bieb u dan Fr. Godwin kompla u jien ghidlu ha nitlaq. Hu dawwarli wicci mas-sodda u nghid ppenetrani minn wara. U kien xarrabni. Jien cert li dan ppenetrani minn wara ghax jien hassejt. Jien wkoll rajt il-parti tieghu. nghid li hu Fr. Godwin kien neza. Jiena rajt il-parti tieghu u imbghad hu dawwarni u imbghad wara li dawwarni dan kien ppenetrani minn ara. Nerga nghid li jien kont hassejt il-parti tieghu go fija. Nghid li imbghad il-father hareg rasu mill-bieb, ttawwal u imbghad qalli biex jien niehu stereo u qalli lill-father ghidlu li inti gejt ghandi biex nkun nista naghtik l-istereo. Imbghad qalli biex jien immur. Jien kont mort fil-grupp tal-kbar bl-istereo f'idi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Jason Camilleri fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Nghid li jien twelidt fit-28 ta' Novembru 1975. Qed nigi muri Dok. MC3. Nikkonferma li din hija l-kwerela tieghi. Jien dhalt gewwa l-istitut ta' San Guzepp ta' St. Venera

meta kelli madwar 10 snin u nofs u jien domt hemm hekk sakemm kelli 17-il sena u nofs." "……………………."
" Nghid li imbaghad konna nirritornaw lura San Guzepp Santa Venera." "........................................." Kelli xi 11-il sena u nofs. Kien jigi Fr. Pulis. Kien jigi jghannaqni u jbusni. Jien ibusni, jigdimni, jaqbad jilghabli man-nipple u affarijiet hekk. Nghid lil Fr. Pulis qed ngharfu bhala li hu l-imputat li qieghed fin-nofs bejn zewg imputati l-ohra fl-awla. Din grat iktar minn darba." "........................................................................"

"Jien meta kelli 14-il sena ma Fr. Pulis qatt ma hassejtni li kont safe mieghu. Dan minhabba dak li kien jaghmilli. Nisma xi stejjer ukoll minghand shabi. Jien spiccajt biex imbghad ta' 14-il sena sirt agressiv hafna fl-iskola u anke l-istitut. Jien kont naghmel il-lock fil-kamra tieghi biex meta Fr. Pulis jigi biex iqajimni, jien kont naghmel il-lock biex Fr. Pulis ma kienx jidholli fil-kamra. Nghid meta jien allura ghalaqt 14-il sena u wasal iz-zmien li tlajt mal-kbar, Fr. Pulis kien jigi f'kamarti biex iqajjimni u kein jigi b'hafna kunfidenza fosthom ibusni u kien jigi jbusni u jdellek u jien kont nghidlu x'riha tinten ghandu u nimbtuttah u spiccajt li jien kont naghmel il-lock biex hu ma jidhollix fil-kamra." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Noel Dimech li fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fis-16 ta' Dicembru 1972. Jien dhalt fl-istitut ta' San Guzepp bejn wiehed u iehor fl-1985 jew 1986. Nixtieq naghamel korrezzjoni li jien dhalt fl-istitut ta' San Guzepp bejn wiehed u iehor meta kelli minn 10 sa 11-il sena u allura nghid li dhalt qisu circa 1982 jew 1983." "……………………." "Pero nghid li meta imbghad tlajt fil-grupp tal-kbar u dan kien ftit qabel l-elezzjoni tan-1987 u jien kelli xi 15-il sena, anzi nixtieq nghid li nahseb li kont izghar minn 15-il sena. Jien kont qed inhossni li qed nigi abbuzat mill-father tieghi li kien Fr. Charles Pulis li qed ngharfu bhala l-imputat li qieghed fin-nofs bejn iz-zewg imputati l-ohra fl-awla. Dan qed nghidu ghaliex dak iz-zmien meta jien kont nigi biex norqod jew inkella meta nigi

bex inqum kmieni filghodu kien jidhol fil-kamra tieghi, ahna il-kbar kellna il-kamra taghna u kien jitfa idejh fuq il-parti tieghi. Nghid jien kont inkun bil-pygama u gnhid li Fr. Pulis kien jitfa idejh fuq il-parti tieghi. Nghid dan kien jaghmilha qabel ma norqod u filghodu kmieni. Nghid pero dan ma kienx jaghmel hekk kuljum. Nghid Fr. Pulis kien jidhol fil-kamra tieghi, jintefa bil-qeghda fuq is-sodda u hawn nixtieq nippreciza li l-kamra taghna kienet zghira u bil-mod kien iqieghed idu u jmexxieha sakemm imiss il-parti tieghi. Kien joqghod imiss il-parti tieghi ghal xi minn 3 sa 5 minuti u ibmghad kien imur. Jien kont nirreagixxi billi kont jew nissikka mal-hajt jew kont nipprova ndawwar wicci lejn il-hajt. Dan kont naghmlu kif kont nisimghu ser jiftah il-bieb. Nghid filghodu Fr. Pulis biex iqajjimni kien jidhol fil-kamra tieghu u kien jaghmel l-istess haga. Kont jien nistenbah u nsibu hemm hekk u nghid sakemm inqum minn gos-sodda kien joqghod jaghmilli l-istess li kien jaghmilli filghaxija. Jien imbghad meta kont inqum mis-sodda kont nipprova nohrog mill-kamra. Kellna l-kurutur tat-toilets fejn jien kont immur biex nahsel wicci u kont nipprova nehlisha b'hekk. Wara li kont nahsel wicci kont nerga mmur lura fil-kamra tieghi. Nghid Fr. Pulis ma jkunx ikun ghadu fil-kamra." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Raymond Azzopardi li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Nghid li jien twelidt fit-18 ta' Ottubru tas-sena 1978. Jien fid-dar ta' San Guzepp gewwa St. Venera dhalt fl-eta ta' xi 10 snin u hrigt minn hemm hekk fl-eta ta' 14-il sena. Jien l-ewwel kont mal-grupp taz-zghar imbghad jien tlajt mal-grupp tal-mezzanin. Nghid jien tlajt mal-grupp tal-mezzanin bejn wiehed u iehor meta kelli 11 sa 12 il sena. Nghid li jien hassejt il-htiega li jien immur ghand il-pulizija u naghmel rapport u dan stante illi ghax jien hassejt li l-affarijiet li kienu qed isiru gewwa d-dar ta' San Guzepp ma kellhomx jibqghu isiru." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Kevin Micallef li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

“Jien twelidt fis-17 ta’ Mejju 1977. Jien dhalt fl-istitut ta’ San Guzepp St. Venera meta kelli 11-il sena. U nghid ghal hekk jien dhalt fl-istitut circa 1988, Jien kelli 17-il sena u ftit meta jien imbghad tlaqt mill-istitut ta’ San Guzepp. F’okkazzjoni li jien kont diga qieghed mal-grupp tal-kbar fl-istitut ta’ San Guzepp jien kelli 15-il sena. Diga ghidt kont mal-kbar u nghid li Leonard Camilleri li kien ukoll fl-istitut kien wiehd mill-hbieb tieghi u kont l-iktar li naghmilha mieghu. U nghid li Fr. Pulis kien staqsa ghalih u jien kont ghidtlu li issa kont rajtu. Qalli biex immur infittex lil Leonard. Nghid li prattikament kwa kuruturi hemm tlett kuruturi li hemm dak tal-qassisin, imbghad jigi il-kurutur taz-zghar u imbghad hemm kurutur iehor li hu tal-mezzanin u li wkoll hemm tal-kbar. Jien mort biex nilhaq lil Leonard. Jien grejt girja ghax Leonard kien diga qabli. Kif indur il-kurutur tal-qassisin jien rajt lil Leonard ma Fr. Godwin dehlin gewwa kamra u li naf li kienet il-kamra ta’ Fr. Godwin. Jien rajthom dehlin gewwa l-kamra u dan rajt allura lil Leonard Camilleri u Fr. Godwin dehlin fil-kamra ta’ Fr. Godwin. Jien bdejt inhabbat fuq il-bieb. Bdejt nisma kliem fil-baxx li ma kienx car. Kont naf li qeghdin hemm hekk. Naf li kien hemm kliem fil-baxx. Jien ghamilt xi 15-il minuta nistenna wara l-bieb ghaliex jien ghidt li sakemm immur nghid lil Fr. Pulis li rajt lil Leonard huma kienu jilhqu johorgu mill-kamra peress li jien kelli tlett kuruturi fejn rrid immur. Jien imbghad kif idejjaqt mort mal-kbar. Ghamilt qisu kwarta u lil Fr. Pulis avzajtu jien li jien lil Leonard ma rajtux. Jien imbghad kif rajt lil Leonard ghidtlu li jien rajtu diehel fil-kamra ta’ Fr. Godwin u dan qalli li mhux veru. Jien imbghad avzajt lil Fr. Pulis u hu kien staqsieni jekk hux veru li jien rajthom it-tnejn hemm gew u jien ghidtluli veru ghax jien rajthom b’ghajnejja dehlin hemm gew. Imbghad ftit wara rajt lil Leonard gej bi stereo u dan kien stereo Panasonic bis-CD fuqu. Nixtieq nghid li jien meta kont rajt lil Leonard wara li hu kien hareg mill-kamra ta’ Fr. Godwin f’idejh Leonard ma kellu xejn. Jien nnutajt lil Leonard bl-istereo ghall-habta ta’ xis-7.00pm ta’ dak inhar stess u nghid li jien kont rajt lil Leonard u lil Fr. Godwin dehlin fil-kamra ta’ Fr. Godwin ghall-habta tal-4.00pm ta’ dak inhar stess. Nixtieq nghid li meta jien kont rajt lil Leonard meta hu ma kellu xejn f’idejh

hu lili oltre li qalli li mhux veru li hu kien dahal il-kamra ta' Fr. Godwin flimkien ma Fr. Godwin hu qalli li hu l-ground kien. Meta jien filghaxija rajt lil Leonard bl-istereo f'idejh kkummentajt kemm kien sabih dan l-istereo u hu kien qalli li kien tahulu Fr. Gowin. Imbghad sar jaf Fr. Pulis. Fr. Pulis staqsa lil Loneard min kien tahulu. Dan qallu li Fr. Godwin. U dan qallu li hadd mhu ser jaghtik xejn ta' xejn. Mhux sew li inti ghandek stereo u haddiehor ma ghandux u wkoll qallu biex imur jerga jaghtihulu lura. Imbghad naf li l-istereo ma baqax ghand Leonard. Fil-kwarta li jien domt quddiem il-bieb ta' Fr. Godwin habbatt diversi drabi. Anke b'saqajja tajtu il-bieb u dan ghax kont certu li kienu qeghdin hemm gew. Ma pruvajtx nifthu il-bieb. Ma nafx jekk il-bieb kienx imsakkar jew le. Il-bieb kien maghluq pero jekk kienx imsakkar ma nafx. Nghid dan il-bieb partikolari biex jinfetah jinfetah tramite cavetta. Cavetta barra ma kienx hemm fil-lock u ghal hekk jien il-bieb ma stajx nifthu. Kieku kien hemm ic-cavetta barra fil-lock kieku kont nifthu il-bieb. Nixtieq nghid li kieku riedu setghu fethu huma. Pero jien nghid li jien ma stajtx nifthu il-bieb ghax ma kienx hemm ic-cavetta biex nifthu u f'dan il-kuntest jien bdejt insabbat fuq il-bieb u nhabbat biex jiena nifthu. Jien ghal hekk ghamilt kwarta inhabbat. Kieku riedu fethu huma." "……………………….." "Nghid kien hemm okkazzjoni fejn jien spiccajt b'sitt punti fuq rasi u dan b'daqqa ta' siggu mignhad Fr. Pulis. Nghid f'din l-okkazzjoni konna qedghin id-dar tal-patrijiet taghna il-Marfa u konna hadna il-breakfast. Min mit-tfal imur jghum u min imur jara t-television. Jien kont ghamilt nofs ta'nhar fuq is-sodda u veru kont kwiet. Nghid erbgha minn dawn it-tfal qabdu paddle boat u marru Kemmuna. Damu hafna hemm hekk. Mill-gallarija rajneihom bit-tromba ghax damu sas-2.30pm biex gew u dan ghaliex ridna nieklu. Kif gew Fr. Pulis ghajjat maghhom u nzilna nieklu. La naf qabel jew wara li kilna, Fr. Pulis ried jghid xi haga. Hu qal li minn issa il-quddiem ma riedx affarijiet tal-bahar bhal lylos u jien biss kelli lylos hem gew. Jien ghidtlu ma ghandux x'jaqsam bejn paddle boat u lylo. Bdejt ingorr ftit u qalli biex nitla il-fuq u bdejn il-hajt u s-siggijiet u allura kif inkunu f'posizoni li nkunu qed naghtu dahrna lill-hajt jien kelli nghaddi minn wara shabi. Fr. Pulis kien fit-tarf. Qabad siggu tal-hadid, ikun kollu tal-hadid u dan li jkollu

advert iswed fuq dahar is-siggu bhala Coca Cola, qabdu b'idejn wahda u tefahuli fuq rasi. Jien tlajt fuq. Kien hemm siehbi Angelo li kont naghmilha ta' spiss mieghu. Jien dak il-hin bdejt nidghi u dan qalli biex jien naqtaghha u ma nidghix. U Fr. Pulis gie hdejja. Hu qisu ppanikkja u qali biex malajr immorru il-polyclinic tal-Mosta u hadni u ghamluli sitt punti. Jien lit-tabib li dewwieni ghidlu li kont waqajt. Fil-fatt lanqas lil ommi ma kont ghidt ghax kien is-Sajf u kelli mmur ghall-festa ta' Kristu Re tar-Rahal Gdid u mort bil-beritta. Hi kienet staqsietni x'kien mort bil-berritta u ghidtilha li ghax ridt noqghod bil-berita. Nghid li qed naghraf bhala l-imputati presenti fl-awla lil fr. Pulis, lil Fr. Godwin kif ukoll lil ....................." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Angleo (recte: Angelo) Spiteri li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fis-24 ta' Lulju 1978. Jien kelli 11-il sena meta jien dhalt fl-istitut ta' San Guzepp St. Venera. Jien domt hemm hekk sakemm kelli 16-il sena. Jien kemm domt hemm hekk kelli esperjenza ta' abbuzi. Jien qabel ma dhalt fl-istitut ta' San Guzepp kont fl-istitut tas-sorijiet u fl-istitut tas-sorijiet qatt ma gejt abbuzat. Kif dhalt fl-istitut ta' San Guzepp jien gejt abbuzat min zewg patrijiet u dawn kienu Fr. Charles Pulis u …………………………." "In kwantu ghal Fr. Charles Pulis dan kien idahhalni fil-kamra tieghu kif kulhadd ikun rieqed u kien ukoll imellisli il-genitali tieghi, jigdimni fuq halqi u fuq xuftejja. Din ma kintix f'okkazzjoni wahda biss u kien hemm ukoll okkazzjonijiet li hu kien jitla fil-kamra tieghi u jien dan meta jien inkun ha norqod u jigi hdeja, kien jikxifni u kien ukoll imissli il-genitali tieghi u din ukoll ma kintix xi okkazzjoni ta' darba. Nghid li jien in kwantu dan li semmejt li kien jaghmilli father Charles Pulis din bidet minn mindu jien prattikament dhalt l-istitut u baqghet sejra sakemm jien spiccajt biex hrigt mill-istitut. Dak iz-zmien kont norqod bla hwejjeg u nghid li jien ghadni sa llum hekk. U nghid ghal hekk Fr. Pulis kien imissli direttament fuq il-genitali tieghi. Nghid li Fr. Pulis kien jigi jigdimni fuq wicci u kien jghollili l-lizar ghax jien kont inkun mghotti b'lizar u imbghad kien imissli il-gnietali tieghi. Jien ghal dan l-agir

ta' Fr. Pulis kont niddejjaq gewwa fija nnifsi pero lilu ma kont nghidlu xejn. U qatt ma kelli l-kuragg li nghidlu. Jien zgur ma kontx niehu pjacir x'hin ikun qed jaghmilli hekk. Jien kont niddejjaq nurih li kien qed jaghmilli hazin. Jien kont nibza li kieku kont nghidlu xi haga lil Fr. Pulis kien zgur isir jafu shabi u jghajjruni. U jien ma kontx nahseb li kieku kont ser nitkellem kont ser nigi emmnut. Nghid li Fr. Pulis kien gieli mmasturbani pero ma kienx jibqa sejjer sa l-ahhar u din dwar li kien imissni u jimmasturbani ma kienx ikun hin ta' tul. Kien jaghmel ftit hin. Jien li niftakar hu li dan dejjem sehh fil-ghaxija. Meta kont ghadni l-istitut darba tkellimt mal-qassis dwar dan u nghid li nonostante li dan il-father ghidtlu dwar dan l-abbuz ma kein sar xejn. Fis-sens li ma ttiehdu l-ebda passi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Oliver Goodrum li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fil-5 ta' April 1971. Nghid jien naf li l-Qorti taghtni l-gurament biex jien nghid is-sew. Jien ghamilt zmien l-istitut ta' San Guzepp ta' St. Venera. Jien meta dhalt l-istitut ta' san guzepp kelli 11-il sena. U domt hemm hekk sakemm kelli 15-il sena. Kemm domt hemm hekk kien hemm xi affarijiet lil lili kienu jdejjquni. Nghid li Fr. Pulis kien jigi imissli l-genitali tihgi meta jien kont inkun rieqed fil-kamra tieghi. Jien kont norqod wahdi fil-kamra. Il-bieb kien ikun maghluq. Jien kont norqod liebes qalziet tal-pygama. Jien kont inkun rieqed u ma kontx ninduna li xi hadd ikun dahal fil-kamra pero imbghad kont inhossu. U nghid illi kont inhossu qed imissli l-genitali tieghi. Kien inezzali l-qalziet tal-pygama u l-qalziet ta' taht u ghal hekk kien imbghad imissli l-genitali tieghi direttament u nghid kien jimmasturbani. Jien kif kien imissni kont inqum u kont naghrfu li kien Fr. Pulis. Meta kien jaghmilli hekk kont niddejjaq u nghid li jien kien ikolli ejakulazzjoni. Fis-sens li nghid li dan kien igibieli. Jien lilu kont nghidlu biex ihallini. Kien jibqa sejjer xorta. Nghid hu ma kienx jirrispondini pero kien jibqa sejjer jaghmel dak li kien qed jaghmel. Darba minnhom jiena iddecidejt li nibqa imqajjem. Bqajt imqajjem u kif huwa dahal u rani li jien kont imqajjem, hareg u ma ghamel xejn. Wara din l-okkazzjoni rega xorta

lura kien jerga jigi u kien jaghmel l-istess. Dawn l-affarijiet baqghu isehhu sakemm kelli 15-il sena. Dan sakemm jien gejt biex nitlaq mill-istitut. Kien allura meta jien tlaqt mill-istitut li kien waqaf kollox. U dan kien dejjem jigri gewwa l-istitut ta' San Guzepp f'Santa Venera. Jien fid-dar tas-Sajf fil-Marfa gieli mort u nghid li hemm hekk u allura god-dar tal-Marfa kien hemm Fr. Godwin li waqt li jien nkun ghaddej fil-kurutur Fr. Godwin kien jigi jmissli l-genitali tieghi minn fuq il-qalziet u nghid din grat hafna drabi. U baqghet ukoll sejra hekk sakemm jien imbhgad tlaqt mill-istitut." "..............................." "Nghid jien qed naghraf fl-awla fil-bank ta' l-imputati lil Fr. Godwin li qieghed fuq in-naha tax-xellug quddiem il-Magistrat u kif ukoll lil Fr. Pulis li qieghed fin-nofs bejn iz-zewg imputati." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Anthony Catania li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien nahdem bhala care worker fid-dar ta' San Guzepp gewwa St. Venera u ilni f'dan ix-xoghol mill-1997. Jien dejjem nahdem bhala night shift u nghid darba nahdem mit-8.00pm at-8.00am u l-ghada nahdem mit-8.00pm sal-11.30pm ta' l-istess gurnata. Jien niehu hsieb grupp ta' tfal zghar li huma residenti fl-istitut u jien niehu hsiebhom sal-11.00pm u imbghad wara l-hdax jekk ikun imissni x-xift sa filghodu jkolli responsabilta generali fuq it-tfal kollha pero nghid li sal-11.00pm ir-responsabilta tieghi tkun specifika fuq it-tfal iz-zghar. Il-gruppi tat-tfal huma maqsumin fiz-zghar, mezzanin u kbar. In kwantu l-eta ta' dawn it-tfal in kwantu il-grupp taz-zghar dan ikun mill-eta ta' 8 sa 11-il sena. In kwantu dak tal-mezzanin ikun minn 12-il sena sa 15-il sena u in kwantu ghall-kbar il-grupp ikun bejn is-16-il sena u t-18-il-sena. Nghid pero jkun hemm varjazzjonijiet dwar l-eta fejn ikunu t-tfal fis-sens nghid presentement ghandna kaz fejn tifel ta' 13-il sena qieghed maz-zghar. Nghid li fl-10 ta' Lulju li ghadda jien hadt lit-tfal iz-zghar li kont responsabbli taghhom ghal bbq li kien organizzat mill-grupp tal-mezzanin. Nghid li wara li gejna lura u jien raqqadt lit-tfal jien kien sarli il-hin biex jien naghmel ir-ronda tal-gruppi pero nghid li dak inhar jien

kont nghid duty il-lejl kollu. Kienu ghall-habta ta’ xi 11.45pm ta’ l-10 ta’ Lulju, dhalt fil-flat tal-kbar. Il-flat kien prattikament mitfi. Osservajt li kien hemm il-kamra ta’ Fr. Charles Pulis li kellu d-dawl fil-kamra li kien mixghul. Jien kull meta nara d-dawl mixghul dejjem mmur nghidlu good night. Il-bieb tal-kamra kien miftuh. Jien mort magenb il-bieb tal-kamra. Jien osservajt li kien hemm tifel li huwa David Cassar residenti mal-kbar fl-istitut li kien mindun fuq Fr. Pulis. Fr. Pulis kien mindud fuq is-sodda tieghu u dan David kien mindud fuq il-father. Fr. Pulis kien liebes flokk ta’ taht tac-cingi u boxer shorts. It-tifel jidhirli kien liebes qalziet twil u t-shirt. Kif jien imbghad wasalt gewwa l-intrata tal-bieb jien pero ma dhaltx gol-karma, mbuttajt pero nixtieq nghid speci ta’ mbotta ghax ma mbuttajtx b’mod agressiv u pjuttost nghid li nehha b’idejh lil David minn fuqu u qallu mur lil hemm x’inti fitt u imbghad David spicca bil-qeghda fuq it-tarf tas-sodda u imbghad Fr. Pulis minn mindud fuq is-sodda spicca bil-qeghda b’dahru jistrieh mat-tustiera tas-sodda. Nghid dak il-hin Fr. Pulis kien f’posizzjoni kemxejn imbarazzanti ghax kellu l-pene erett u li kien dan hariglu barra mill-qalziet ta’ taht. Jien hassejt li David kien qisu iktar sorpriz minn Fr. Pulis Deher ukoll anke misthi dan David. Nghid Fr. Pulis lili beda jkellimni dwar il-harga li kienu ghamlu iktar qabel dak il-lejl u fil-fatt kienu marru t-trade fair. Smajt lil David jghid ‘ara dan bil-willy barra’ u kien qed jirreferixxi ghall-pene ta’ Fr. Pulis. Fr. Pulis baqa jkelimni fuq il-mawra tat-trade fair. Wara xi ftit minuti ghidtilhom good night. Meta jien tlaqt minn hemm it-tifel kien baqa hemm gew fil-kamra ta’ Fr. Pulis u mort inkompli r-ronda tieghi mal-grupp taz-zghar. Nghid li jien sakemm domt hemm gew Fr. Pulis ma tghattiex u baqa bil-pene mikxuf u erett fis-sens li l-pene tieghu kien ghadu barra mill-qalziet ta’ taht tieghu. Nghid biex nippreciza li l-qalziet ta’ taht ta’ Fr. Pulis kien boxer shorts. Jien imbghad spiccajt mix-xoghol l-ghada fit-8.00am. Qabel ma tlaqt mix-xoghol anzi nghid sew qabel ma tlaqt mix-xoghol ghax jien spiccajt mix-xoghol fit-8.00pm pero nghid li jien fis-6.30am kellimt lid-diretur Fr. Silvio Bezzina dwar dak li rajt rigwardanti Fr.Pulis u t-tifel David Cassar. Hu talabni biex naghmillu rapport bil-miktub. Jien ir-rapport bil-miktub ghamiltu dak il-hin stess u tajtulu wara li Fr. Silvio spicca il-quddies tas-7.00am.

Dan jigifieri fis-7.30am ir-rapport kien qieghed ghand Fr. Silvio. Jien imbghad mort id-dar tieghi. Jien imbghad fil-11 ta' Lulju fit-8.00pm kont xoghol u allura il-gurnata li jien iktar kmieni filghodu li jien kont ghaddejt ir-rapport lil Fr. Silvio. Jien sibt wahdu lit-tifel David Cassar u staqsejtu x'ezattament kien gara il-filghaxija ta' qabel. Hu staqsieni ghalfejn jien kont ghaggibtha. Jien ergajt staqset lil David x'kien gara u hu kien qalli li Fr. Pulis kien beda jhokk il-lehja ma wiccu cioe ma wicc David u beda jgharrxu. Qalli wkoll li dak inhar Fr. Pulis huma u dehlin mit-trade fair kien staqsieh jekk jien kontx ser inkun xoghol ta' bil-lejl dak inhar u qallu li le u qallu li x'aktarx jien kont ser inkun duty mal-mezzanin fir-residenza ta' B'Bugia. Jien staqsejt lil David ma min ghandu din il-kunfidenza li Fr. Pulis jgharrax lit-tfal kif spjegali David ma tfal ohra u dan qalli ma Roderick Montesin. Dak il-lejl stess jien avvicinajt lil Fr. Silvio Bezzina u ergajt ghamilt rapport iehor bil-miktub lil Fr. Silvio Bezzina." "................................................................................................." "Niftakar f'Awwissu li ghadda kont fil-karozza ma David Cassar. Jidhrili li kien hemm xi tifel taz-zghar maghna li kien bil-qeghda wara maghna. Jien kont staqsejt lil David jekk hu kienx qed jigi rikattat minn Fr.Pulis biex jghid il-verita'. Nixtieq naghmel korrezzjoni li nghid li dak li staqsejt lil David kien jekk Fr. Pulis kienx qed jirrikatta lil David biex dan ma jghidx il-verita. David qal li hu kien qed jghid il-verita fis-sens li ma kienx hemm kaz ta' abbuz. Dan in kwantu ghal dak li jien diga semmejt li kont rajt filghaxija fil-kamra ta' Fr. Pulis. Ergajt staqsejtu l-istess domanda u wrieni li ma kienx qed jiehu gost. Imbghad l-ghada sirt naf minghand Fr. Frankie Cini li dan David kien rraportani. Fil-15 ta' Settembru 2003 lili David Cassar kien kellimni u kien qalli li hu kien gie abbuzat u mhedded minn Fr. Pulis. Qalli wkoll li x-xhieda li hu kien ta' fil-Kurja kienet falza. Dan qaluli fl-isitut ta' San Guzepp u nghid li f'din l-okkazzjoni dan David kien gie jfittixni hu. Meta qed nirreferi ghal David qed nirreferi ghal David Cassar. Inzid nghid li fis-17 ta' Settembru 2003 kelli meeting mal-psychologist Maria Farrugia u ddiskutejt l-istorja kollha li kien gara bejni u bejn David u dak li David kien qalli jumejn qabel. It-tnejn qbilna li David kellu bzonn trattament psikologiku. L-ghada stess infurmajt li Fr. Silvio

Bezzina, direttur. Hu qabel mieghi wkoll li David kellu bzonn tali kura. Jien ukoll kellimt lil David Cassar dwar dan u David qabel ukoll lihu jiehu kura. U jidhirli li fid-19 ta' Settembru 2003 David beda jiehu l-kura ghand il-psychologist. Inzid nghid li fit-30 ta' Settembru 2003 kien hemm il-programm fuq it-television ta' Bondi Plus fejn tkellem it-tifel David Cassar u semma dan il-kaz li kellu ma Fr. Pulis li xhedt dwaru jien illum u jien kont ddispjacut li hu qal li wara l-kaz ezatt u hawn hekk allura David kien qed jirreferi ghall-kaz meta jien kont sibthom fil-kamra ta' Fr. Pulis u qal li kien gie akkuzat. Jien kont dispjacut ghax dak li qal David f'dik ic-cirkostanza kien gideb. Hawn hekk nixtieq nispjega li dan David kien gideb fil-konfront tieghu fis-sens li mhux minnu dak li qal fit-televizjoni illi lili dak inhar filghaxija li kont skoprejtu ma Fr. Pulis fil-kamra tieghu hu wara gie jghidli li hu kien gie abbuzat minn Fr. Pulis. Fil-fatt nghid li lili dak inhar filghaxija dan David lili dan id-diskors ma kienx qaluli. Mentri li fil-programm hu qal li hu filghaxija dan id-diskors kien qaluli. B'dan ghal hekk jien hassejtni urtat." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Joseph Magro li fis-Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003, bil-video conferencing, inter alia, qal:

"Jien twelidt fid-9 ta' Marzu 1972. Jien l-ewwel kont fl-istitut ta' San Guzepp Zabbar u dhalt ta' 3 snin u imbghad jien fl-eta ta' 10 snin mort fl-istitut ta' San Guzepp tal-Hamrun. Jien domt hemm hekk 8 snin. Kelli 18-il sena meta hrigt mill-istitut ta' San Guzepp." "................................" "Imma meta jien tlajt mal-kbar bdiet il-kunfidenza ma Fr. Pulis. Kien anke jigi jigdimni. Dan jismu Fr. Charles Pulis u dan meta jigdimni kien idahhal idejh fil-papata u nzghid nghid li meta dak kien jigi jqajjimni fil-ghodu kien joqghod ibusni fuq xufteja u jmissli partijiet sesswali tieghi. Barra minn hekk jien fil-bidu kont nahseb u hawn nixtieq nghid illi dan il-father ghandu snienu tal-hadid li dan kien joqghod jippruvahom. Hekk kont nahseb jien u dan ghaliex kien jigdimni. Dan li semmejt dwar li ghidt li kien jghamilli Fr. Pulis kien isehh ghal diversi drabi u kien hemm sentejn zgur. U dan kien qisu fil-perjodu ta' meta jien kelli 15-il sena sa 17-il sena.

Nghid li jien bdejt naghmel hilti kollha biex jien qabel ma hu jidholli fil-kamra kont inqum qabel pero nghid mhux dejjem kien jirnexxieli. Jien kont inkun go kamra ghalija. Nghid filghodu kien jidhol Fr. Pulis. Il-bieb kien jaghlqu warajh. Il-bieb kien ikun maghluq imma mhux bic-cavetta. Jien inkun rieqed. Inkun liebes bil-qalziet ta' taht u flokk ta' taht. Hu kien jidhol, kien jinzel baxx kokka u kien joqghod ibusni fuq xuftejna u nhoss idejh fil-parti tieghi u hawn hekk qed nirreferi ghall-parti genitali. Wara hafna bews u gdim fuq xuftejja jien kont nilghaba li ghadni rieqed. Jien kont nisthi hafna minnu. Imbghad x'hin ilest kien jghidli 'qum issa Joseph qum' u kien johrgo il-barrra. Jien kont inqum u mmur nirremetti. Nghid li kien idahhal idejh u joqghod jilghab bih. Dan kien igerrihuli. U meta kien jghidli biex inqum hu imbghad kien johrog. Jien kont nilghaba ta' rieqed u qatt ma ghidtlu biex jieqaf. Nixtieq nghid li jien ma kontx ha nitkellem ghax jien ghadni obbligat lejn Fr. Pulis. Huwa kien sabli xoghol. U jien tkellimt ghax sirt naf li dan baqa jabbuza f'David." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Chris (recte: Charles) Falzon li fis-Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003, bil-video conferencing, inter alia, qal:

"Jien twelidt fl-24 ta' Jannar 1984. Jien ghamilt xi zmien l-istitut ta' San Guzepp St. Venera. Jien dhalt meta kelli 14-il sena. Domt hemm hekk sakemm ghalaqt 18-il sena. Jien ghaddejt minn esperjenza li nixtieq nirrakonta illum. Meta jien dhalt ta' 14-il sena gewwa l-istitut ta' San Guzepp, jien mill-ewwel dhalt mal-kbar u wara gimghatejn li dhalt jien kont fil-kamra tas-sodda tieghi, jien kont wahdi, u gie qassis hdejja. Dan kien Fr. Charles Pulis. Jien kont mindud fuq is-sodda tieghi. Gie l-qassis ihabbat mal-kamra biex ikellimni. Hu pogga bil-qeghda fuq is-sodda hdejja. Hu beda jmissli saqajja u imbghad spicca biex imissli l-parti tieghi. jien ma hallejtux, qomt u mort nigri il-barra fil-kurutur fl-istat li kont. Imbghad hu hareg mill-kamra u telaq lejni l-kamra tieghu. Ghaddew imbghad xi gimghatejn u rega gie biex ikellmni u ma hallejtux. Minn dak iz-zmien lil hawn qisu kien baqa ma jahmilnix u imbghad spiccajt sakemm ghalaqt 18-il sena u tkeccejt. Jien kont liebes qalziet ta' taht fl-okkazjoni li semmejt li hu

kien gie bil-qeghda fuq is-sodda tieghi u nghid kelli wkoll lizar. F’dik l-okkazjoni nghid Fr. Pulis kien gie jistaqsini jistax ikellimni. Hu beda l-ewwel imissli saqajja imbghad imissli l-parti tieghi. Jien hassejtha imbarazzanti u hrigt gol-kurutur. Hu missni minn fuq il-lizar. Nghid li hu gie normali biex jitkellem hu u kif kien jimxi maghna. Hu dahal fil-kamra tieghi, staqsieni inix all right, jien ghidtli all right, ma tajtx kasu u hrigt mi-kamra. F’din it-tieni okkazjoni ma missnix.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ David Cassar li fis-Seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2003, bil-video conferencing, inter alia, qal:

“.........................................” “Jien eta tieghi llum hi ta’ 16-il sena u d-data tat-twelid tieghi 13.09.1987. Jien dhalt l-istitut ta’ San Guzepp meta kelli 8 snin. Jien ghadni hemm illum.” “...................................” “Nghid li iva, wara t-trade fair kien inqala xi ncident. Fit-trade fair kont jiena, Fr. Pulis u Roderick. Ma nafx x’hin kien li gejna mit-trade fair. Nghid ahna konna fil-karozza. Lil Roderick mar iwasslu s-Siggiewi. U allura jien mort lura San Guzepp ma Fr. Pulis u l-karozza saqha Fr. Pulis. Ma jidhirlix li tkellimni fuq xi haga ahna u gejjin lejn l-istitut. Kif wasalna l-istitut jien mort inbiddel. Keli jeans u top u mort innehhiehom u kelli boxer shorts. Jien mort sa fejn il-kamra ta’ Fr. Pulis biex nara l-ahbarijiet u f’daqqa minnhom hu hareg il-parti tieghu u lili beda jbabasni u kif semgha il-passi tal-care worker nehha idejh mill-ewwel u l-care worker qabdu bil-parti tieghu barra. Nghid jien ukoll inhsadt u anke il-care worker inhasad. U nghid il-careworker kien hareg lura u mar f’postu u Fr. Pulis qalli ara x’garalna.” “....................................” “Imbghad l-ghada kienet il-gimgha u l-care worker kien staqsieni x’gara. U jien kont ghidtlu li ma kien ghamilli xejn. Imbghad il-care workder is-Sibt mar jirraporta lil Fr. Silvio u s-Sibt filghodu kont qieghed ghand tal-pastizzi. Kont gol-karozza ta’ Fr. Pulis u kien wassalni fejn is-St. Monica u kien wassalni fr. Pulis bil-karozza Fiesta. Fr. Pulis qalli biex naghmel qisu bhal statement ghand Fr. Silvio fuq li gejt abbuz. Kien Fr. Pulis li qalli biex immur naghmlu. Il-father iva qalli biex immur naghmel speci ta’ statement, qisu rapport lil Fr. Sivio.

Imbghad kien hemm kuntatti bil-mobiles ghax Fr. Silvio rraporta mill-ewwel lil tal-Kurja. Jien lil Fr. Silvio mort inkellmu u jien kont ghidtlu li jien kont gejt abbuz. Nghid li wara li gejna lura mit-trade fair u wara li biddilt u dhalt fil-kamra ta' Fr. Pulis, Fr. Pulis kien liebes boxer shorts. Dan il-boxer shorts kien abjad u kellu r-rigi. Jien kif dhalt lilu sibtu liebes bil-boxer shorts. Nghid li qabel ma dhalt jien kien biddel. Nghid jien qed nippresumi li mar ibiddel fit-toilet pero jien kif dhalt fil-kamra tieghu bil-boxer shorts sibtu. Hu kien mindud fis-sodda qed jara t-television. Jien imbghad kont bil-qeghda hdejt fuq is-sodda magenbu. Nghid li idejh kienu mal-gnub tieghu u rasu kienet qeghda fuq l-imhadda. Jien mort hdejh u qghadt bil-qeghda u dna ghliex jien sibt ruhi wahdi. Nghid jien rajtu normali. F'daqqa wahda dan hareg il-pene tieghu. Nghid jien ma nafx kif ghamel. Bqajt hekk. Jien rajtha barra imma ma nafx kif hargu. Hu beda jmissni u dan b'referenza ghall-perjodu x'hin jienkont qieghed hdejh fis-sodda sakemm gie il-care worker u hu beda jmissni pero jien ma missejtux. Hu beda jinzilli minn taht il-boxer shorts u dan b'idejh qabaduli. U wkoll beda jaqbaduli u jaqbadli wkoll fejn il-bajd. Dak inhar beda jqumli. Meta gara hekk il-father ma baqax imissni ghax imbghad dahal il-care worker f'daqqa u sabna hekk. Tal-father kien barra. U nghid li hu kif sema il-passi Fr. Pulis nehha idejh minn fuqi u kif dahal Tony dan sab tal-father barra. Kif telaqt il-care worker, Fr. Pulis qalli x'wahda gratilna. Hu ma qalli xejn u wassalni sal-kamra u hu mort norqod. Nghid li l-gimgha kont iltqajt mieghu. Dwar jekk qallix xi diskors il-gimgha Fr. Pulis nghid li ma niftakarx. Nghd imbghad is-Sibt ergajt iltqajt ma Fr. Pulis u gara dik li diga semmejt li wassalni bil-karozza tieghu ghand tal-pastizzi. Hu hadni fejn is-St. Monica. Hu qalli li jahseb li lili kienu ser itellghuni l-Kurja biex nixhed. Hu qalli biex jien niehu gurment falz billi nghid li ma kien hemm xejn minn dawk l-affarijiet u xahhamni wkoll b'Lm160 u li mmorru nieklu go restaurant il-Blue Jay. Nghid jien lill-pulizija lil Louise ghidtiha b'din tal-Lm160 u tal-Blue Jay. Nghid u nikkonferma li f'din l-okkazjoni Fr. Pulis lili qalli biex jien immur nitkellem fuq l-abuz ma Fr. Silvio. Nghid li jien ma rcevejtx flus u lanqas mort niekol. Weghdomli. Jien lil Fr. Silvio s-Sibt kellimtu. Il-gimgha kont iltqajt ma Tony. Tony kien staqsieni u qalli

kienx ghamilli xi haga u jien ghidtlu le. Jien nghid li ghidtlu le ghax bdejt nizba u mhux affarijeit sbieh li nghidhom. Nghid li dak inhar lili hadd ma kien qalli biex ma nghid xejn. Kont jien li qed nibza. Il-gimgha lil Tony Catania biss kellimt. Jien lil Fr. Silvio Bezzina kellimtu wara li kont iltqajt ma Fr. Pulis. Ghidtlu kif qed nghid hawn u li ghidt il-Kurja. Jien lil Fr. Silvio ghidtlu li l-Hamis konna morna it-trade fair. Iltqajna ma Lawrece. Imbghad wara mar iwassal lil Roderick is-Siggiewi. Kien Fr. Pulis li mar iwassal lil Roderick. Jien kont maghhom fil-karozza. Wara li wassal lil Roderick, jien kont ma Fr. Pulis biex immorru fit-triqitna lejn San Guzepp. Jien imbghad lil Fr. Silvio ghidtlu x'kien gara u li kont gejt abbuzat minn Fr. Pulis. Iva is-Sit ghidt lil Fr. Silvio li kont gejt abbuzat. Nghid li jien l-ewwel darba li kellimt lil Fr. Silvio fuq dan l-incident kont ghidtlu li ma kien hemm xejn. Imbghad kont rrakontajtlu dan. Nghid li jien dak inhar is-Sitb lil Fr. Silvio kont ghidtlu li ma gara xejn. Jien lil Fr. Silvio fl-okkazjoni tas-Sibt kont ghidtlu li ma gara xejn ghax bdejt nibza minn Fr. Pulis u nahseb li Fr. Silvio ma jlahhaqx ma Fr. Pulis u ghaliex peress li t-tnejn ghandhom power, Fr. Silvio u Fr. Pulis kont qed nibza li ser nispicca mkecci. Iva jien kkomunikjat ma Fr. Pulis bil-mobile. Jien ghandi mobile. Dan kien tahuli z-ziju tieghi. Ma nafx bejn wiehed u iehor kemm ilu ghandi. Nghid Fr. Pulis beda jcempilli fuq il-mobile tieghi u jien ikont incempillu bil-mobile tieghi. Peress li jien it-Tlieta kont tlajt nixhed il-Kurja, hu kien jghidli biex nixhed hazin. Hu beda jghidli li hu dawk l-affarijiet ma jaghmilhomx. Hu qalli li missieru kien ihobbu hafna u li ma kien hemm xejn minn dan. Hu kien jghidli biex jien nixhed hazin. Jien tlajt il-Kurja. Kien hemm Victor Caruana Colombo, dhalt jien. kien hemm ukoll social worker. “.........................................” “<u>Nghid dwar is-suffitt kienet okkazjoni li jien kelli hafna dwejjaq. Tlajt fuq is-suffett, kelli hafna rabbja u jien u miexi dan sfronda u jien bqajt niezel. Jien kelli nhallas Lm60 u tajthomlom mix-xoghol li kont nahdem f'San Guzepp. Nghuid li jien meta Fr. Pulis kien weghadni il-Lm160 kien qalli li tas-suffitt ihallashom hu u imbghad il-bqija, il-Lm100 kien jaghtihomli. Lm60 kienu jmorru ghall-hlas tas-suffitt u l-Lm100 nehodhom jiena</u>.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-brani mill-kontinwazzjoni tal-kontro ezami bil-video conferencing ta’ David Cassar li fis-Seduta tas-6 ta’ Frar, 2007, inter alia, qal:

“...............................................................................................................................”

M: Meta kont l-istitut lil Lawrence Grech tiftakru hemmhekk fl-istitut?

T: Le.

M: Cert minn dan?

T: Ma niftakrux le.

M: Meta kien allura l-ewwel darba li sirt taf lil Lawrence Grech?

T: Ma niftakarx ezatt.

M: Ipprova ftakar.

T: Ma nafx ghax ilu hafna, lanqas naf x’kilt il-bierah.

M: Inti lil Lawrence Grech tiftakru jigi l-istitut anke wara li kien hareg hu mill-istitut?

T: Ma niftakrux l-istitut, niftakru meta darba gie l-Marfa.

M: Kien gie l-Marfa?

T: Iva.

M: U kien diga’ hareg mill-istitut?

T: Iva.

M: Ghaliex tiftakarha din l-okkazjoni tal-Marfa?

T: Ghax jien kont inkun l-Marfa, ma kelliex fejn immur fil-weekend u hekk, kont inkun il-Marfa.

M: Inti kont diga’ hrigt mill-istitut meta kont tmur il-Marfa?

T: Le kont ghadni l-istitut.

M: Il-fatt li inti ghidtilna li lanqas taf x’kilt il-bierah kif qed tkun daqshekk specifiku li tiftakar li rajt lil Lawrence Grech il-Marfa?

T: Ghax tal-Marfa niftakar ftit imma, jien meta Lawrence kien l-istitut jien ma kontx ghadni dhalt.

M: Allura kif tiftakar proprju l-Marfa?

X: Niftakar ghax kont hemmhekk meta kien gie Lawrence il-Marfa.

M: X’inhi dik il-haga li tfakkrek li kont hemmhekk ghaliex kien hemmhekk?

T: Dik l-okkazjoni? Kont rajtu.

M: Inti Lawrence Grech qatt nezzghek lilek?

T: Le.

M: Inti Lawrence Grech flimkien flimkien ma ohrajn qatt zammek bil-forza?

T: Le.

M: Qatt lilek Lawrence Grech nezzghek u inti bdejt tibki?

T: Le.

M: Inti meta kont diga’ xhedt qabel f’dawn il-proceduri kien hemm okkazjonijiet li qieghed jirrimarka dwarhom l-avukat difensur fejn inti daqqa ghidt xi haga u imbaghad wara ergajt ghidt xi haga ohra differenti, illum inti x’inti tghid?

T: Mhux is-sewwa?

M: Jigifieri kull twegiba hija s-sewwa?

T: Iva.

M: U hija l-verita’.

T: Iva.

M: Issa, jekk ser nuruk il-kuntrarju skond kif qed jissottometti l-avukat difensur, inti imbaghad ma tghidx li qed thossok ippanikkjat hux hekk?

T: Normali, daqsxejn imbezza imma mhux hafna.

M: Qieghed normali hux hekk?

T: Iva.

M: Kull risposta li tajtna hija l-verita’ mhux qed tghidilna hekk ghax ghandek xi biza?

T: Le hija l-verita’.

M: F’dan l-istadju qed nigi mitlub mid-difiza biex jigi muri l-video tape lli hawn f’din il-kamra u l-Qorti issa bdiet turi l-video tape. Tikkonferma li issa ghadek kif rajt din il-video tape. Domandi.

M: Qed tigi mistoqsi mill-avukat difensur ghaliex hlift il-falz?

T: Xiex?

M: Qed jistaqsik l-avukat difensur ghaliex hlift il-falz?

T: Dal-video li urieni, insejtu dal-video.

M: Inti l-ewwel gejt mistoqsi ma kienx fuq il-video, pero’ jekk qattx nezzghuk, jekk qattx bikkewk, u qattx bezzghuk. Dawna kienu d-domandi, issa inti taf x’irrispondejt u anek gejt mizmum bil-forza. Inti tfa x’irrispondejt, x’ghandek xi tghid dwar dan?

T: Dan ifhimni jien illum gejt nitkellem hawn fuq l-abbuz mhux,

M: Le, le, le, ir-risposta trid tirrispondi ghaliha. Inti rajt il-video, u qabel dan ghidtilna li kont ftit imbezza' u taf x'qed tirrispondi ghad-domandi li ghamilnielek, allura issa f'dan l-istadju x'ghandek xi tghid?
T: M'ghandi xejn xi nghid, imma din bla sens il-video.
M: Le, le, le, dak mhux int trid tiddecidieha, li qed nistaqsik issa, rajt dan il-video, fid-dawl ta' dak li xhedt inti trid tbiddel xi haga milli ghidt illum?
T: Fuq tal-video.
M: Iva, minn tal-video allura xi tghid li gara? Veru lilek kienu nezzghuk u kien hemm Lawrence Grech?
T: Fuq din tal-video iva.
M: Jigifieru din veru gratlek.
T: Iva.
M: Allura veru kien allura li kienu bezzghuk u kienu anke nezzghuk?
T: Imma biex jiccajtaw mieghi fuq din.
M: Tikkonferma li l-bniedem li qed jigi mnezza' f'dan il-video huwa inti?
T: Erga' spjegali.
M: Dak il-video li rajna, dak it-tifel li kien gie mnezza', tikkonferma li huwa inti?
T: Iva.
M: Tikkonferma li wiehed min-nies li kienu qed inezzghuk u jzommuk kien Lawrence Grech?
T: Iva.
M: Tikkonferma wkoll li f'dan il-video Lawrence Grech meta qed jidher f'dan il-video kien diga' mizzewweg u hemm tifla zghira li dehret hija t-tifla ta' Lawrence Grech?
T: Iva.
M: Tikkonferma wkoll li wiehed min-nies li kien hemm li kienu qeghdin inezzghuk huwa Charles Falzon?
T: Iva.
M: Il-post fejn rajna din ix-xena fil-video, fejn hu?
T: Il-Marfa.
M: Fost iz-zghazagh jew tfal li kien hemm hemmhekk li kienu qeghdin jaghmlulek hekk, tista' tghidilna l-ismijiet taghhom min kienu?
T: Li naf wiehed biss, Terence.
M: X'jismu?
T: Terence.

M: Qed tigi mistoqsi illi fil-fatt Lawrence Grech dakinhar f'din l-okkazjoni mhux biss kien mizzewweg u kellu t-tifla imma kien qieghed hemmhekk bhala helper biex jiehu hsieb it-tfal, veru dan?
T: Ma niftakarx.
M: Il-persuna li gibdet dan il-video hija l-mara ta' Lawrence Grech?
T: Ma niftakarx.
M: Immorru lura ghal dar San Guzepp, u dwar dak li inti kont xhedt dwar Fr Pulis, tista' tghidilna meta inti kont kellimt lil Lawrence Grech dwar din il-haga ta' Fr Pulis?
T: Ma niftakarx.
M: Ipprova ftakar naqra, kont ghadek l-istitut, kont hrigt mill-istitut?
T: Kont ghadni l-istitut.
M: Kont ghadek l-istitut. Kont qed tahdem ma Lawrence GRech dak iz-zmien?
T: Ma niftakarx.
M: Ipprova ghamel sforz u ftakar, jekk meta kellimtu w allura ghidt li qieghed l-istitut, inti kontx qieghed tahdem ma Lawrence Grech dak iz-zmien?
T: Ma niftakarx ghax ilu, ma nafx.
M: Allura kif Lawrence Grech kien sar jaf minghandek?
T: Ma nafx ghax mhux minghandi sar jaf.
M: Imma inti kont ghidtilna li kont ghidtlu.
T: Fuq xiex?
M: Fuq ta' Fr Pulis lil Lawrence Grech, le? U kont ghadek l-istitut meta ghidtlu.
T: Il-bicca tax-xoghol mhux minghandi sar jafha din, hemmhekk.
M: Jigifieri inti ma kontx ghidtlu x'kien ghamillek Fr Pulis fl-Istitut ta' San Guzepp lil Lawrence Grech?
T: Le, kien sema'.
M: Ma kontx ghidtlu inti, kien sema'. U meta kien sema' kie gie jghid lilek li kien sema? Kif taf li kien sema'?
T: Kien sema' minghand hu Fr Pulis.
M: Kien sema' minghand hu Fr Pulis.
T: Imbaghad gie jghid lili.
M: Imbaghad Lawrence gie jghid lilek x'sema'.
T: Iva.
M: Tiftakar meta kontu qeghdin t-Trade Fair kontu ltqajtu ma Lawrence Grech u l-mara tieghu?

T: Iva.

M: Tiftakar li sa granet qabel kont qed tahdem ma Lawrence Grech?

T: Li niftakar kont ghamilt gurnata fit-Trade Fair biss u daqshekk imma.

M: Kont ghamilt gurnata tahdem qabel it-Trade Fair ma Lawrence Grech?

T: Gurnata qabel ma morna,

M: Gurnata?

T: Iva.

M: U kien hemm xi barbecue tal-familja ta’ Lawrence Grech?

T: Ma niftakarx.

M: Ma tiftakarx jekk kontx mort barbecue?

T: Ma niftakarx.

M: U li allura kont domt izjed tahdem mieghu int?

T: Jien li niftakar kien dik id-darba biss, x’gara izjed ma niftakarx ghax ilu dak iz-zmien, ma niftakarx.

M: Ipprova ghamel sforz u ftakar.

T: Ma niftakarx, ghax ilu, ma nafx, naf ta’ dik id-darba biss imma ma niftakarx izjed.

M: It-Trade Fair kont kellimtu lil Lawrence Grech?

T: Kont ghidtlu hekk, just hello, imma dak biss, ma jidhirlix li tkellimt mieghu.

M: Wara t-Trade Fair mortu wassaltu lil xi hadd is-Siggiewi,

T: Iva,

M: mortu imbaghad l-istitut u imbaghad fl-istitut gara dak li inti ghidtilna li kien gara?

T: Iva,

M: Qed jissuggerilek l-avukat difensur illi dan kollu kien miftiehem minn qabel ma Lawrence Grech, xi tghid?

T: Erga’ ghidli, x’inhi?

M: Jigifieri din kollha li gara wara kien miftiehem ma Lawrence Grech li inti kellek tghid li gara hekk.

T: Le, jien mort l-istitut wara t-Trade Fair, kont fil-kamra ta’ Charles Pulis, kien qed jara l-ahbarijiet, il-bieb kien miftuh,

M: Kont inti li mort fil-kamra tieghu?

T: Ehe kont jien,

M: Kien stiednek hu biex tmur fil-kamra tieghu?

T: Le mort biex nara l-ahbarijiet jien, kont fil-kamra tieghu u

M: Il-bieb miftuh?

T: Iva,

M: Fr Pulis kien qieghed fuq is-sodda bil-boxer shorts,

T: Iva,

M: Inti biex dhalt fil-kamra, inti l-bieb kien maghluq ftahtu imbaghad hallejtu miftuh?

T: Ma niftakariex, naf illi l-bieb meta dahal il-car worker kien miftuh.

M: Qed tigi mistoqsi mill-avukat difensur meta dhalt inti fil-kamra Fr Pulis kien diga' fis-sodda bil-boxer shorts, kien lest biex jorqod jew biex jara t-television fis-sodda, veru dan?

T: Kien qed jara l-ahbarijiet.

M: B'referenza ghal video li ghadna kif rajna, dawk l-affarijiet li graw, inti rajthom drabi ohra jiogru lil tfal ohra jew anke graw drabi ohra lilek?

T: Dan il-video ghax qieghed hawn niftakar,

M: Le mhux il-video, insa l-video, x'deher fil-video rajtu fil-fatt jigri lil tfal ohra, li kien hemm haddiehor inezzghu lil tfal ohra jew lilek jew kien hemm drabi ohra?

T: Le ma niftakarx.

M: Inti qed tiftakar dak li jaqbillek skond id-difiza?

T: Le dan il-video ma kontx naf bih jien.

M: Iva ippermettili wahda issa, bhala fatt, insa l-video, bhala fatt dak li rajna jigri fuq il-video, rajtu jigri lil tfal ohra inti?

T: Ma niftakarx.

M: Ipprova ghamel sforz biex tara jekk tiftakarx, kien hemm drabi ohra fejn rajt xi haga ohra bhalu?

T: Ma niftakarx,

M: Inti taf, konsapevoli li qieghed bil-gurament u jien ghandi l-poter li qieghed inwissik li jekk ma tghidlix il-verita' inkun kostrett li niehu proceduri kontra tieghek f'dak li jkun hemm mehtieg. Inti dak li tiftakar trid tghidu, dak li ma tiftakarx all right tghidli li ma tiftakrux, pero' dak li tiftakar trid tghiduli u nerga' nirrepetilek id-domanda u allura taf issa li trid tghidli l-verita', dak il-vidoe, dak l-episodju li rajt li gara, gara lil tfal ohra jew lilek drabi ohra? Ghidilna, fhimtha d-domanda tieghi?

T: Jekk ma garax lili jew lil xi tfal ohrajn?

M: Iva tiftakar?
T: M’ghandix idea.
M: Qed tigi mistoqsi inti f’dan il-video rajtu lil Lawrence lilek li beda jaghmel bullying mieghek?
T: Erga’ staqsini.
M: Fil-video li rajna issa rajtu lil Lawrence, kien qieghed jaghmel bullying lilek qed tigi mistoqsi? Huwa korrett li dak li ghamillek Lawrence dakinhar huwa bullying?
T: Iva.
M: Id-difiza qed tistaqsi fil-fatt inti bkejt hux hekk?
T: Iva.
M: Ghaliex bkejt dakinhar?
T: Ghax nezzawni.
M: Fl-istitut ta’ San Guzepp qatt rajt xi tip ta’ bullying fil-konfront ta’ tfal ohra?
T: Jiggieldu u hekk?
M: Bullying bhas-sitwazzjoni li, taf x’inhuwa bullying, tifel jaghmel bullying fuq tifel iehor.
T: Gieli rajtha glied, imma ta’ tfal li huma.
M: Glied f’liema sens, jaghtu lil xulxin?
T: Iva.
M: Pero’ f’dan il-video Lawrence ma kienx tifel, meta sar dan il-video Lawrence ma kienx tifel, le?
T: Le.
M: Allura in kwantu ghal ta’ San Guzepp kienu tfal allura biss li bbuljaw lil xulxin jew kien hemm ikbar.
T: Kien hemm ikbar. Jien l-ewwel kont maz-zghar, imbaghad tlajt mal-mezzanin, imbaghad tlajt mal-kbar.
M: Jigifieri iz-zghar gieli gew bullied mill-kbar?
T: Gieli.
M: Gieli. Qed tigi mistoqsi mid-difiza jekk allura f’dawn is-snin kollha lilek biss ibbuljaw?
T: Fl-istitut?
M: Fl-istitut u anke l-Marfa.
T: Ghax jien kont qisni, mhux l-izghar imma kwazi.
M: Lil Goodrum tiftakru hemm?
T: Le.
M: Lil Goodrum tiftakru x’imkien iehor?
T: Le.
M: Inti fid-dar ta’ Lawrence Grech lil Goodrum ma tiftakrux?

T: Fid-dar ta' Lawrence Grech? Iva, fid-dar ta' Lawrence Grech.

M: Fid-dar ta' Lawrence Grech tiftakru?

T: Niftakru hekk.

M: Kien hemm?

T: Iva.

M: Inti kemm il-darba mort fid-dar ta' Lawrence Grech wara l-allegazzjoni li inti ghamilt, kemm il-darba mort fid-dar ta' Lawrence Grech?

T: Li naf zgur darba meta gie Patrick Valentino u rani, dik li naf imma ma nafx kemm il-darba mort.

M: Imma mort drabi ohra?

T: Mort drabi ohra.

M: Mort ukoll drabi ohra fid-dar ta' Lawrence Grech u l-avukat Dr Valentino ma kienx prezenti?

T: Iva.

M: X'kien l-iskop li mort ghandu f'dawn l-okkazjonijiet fejn ma kienx hemm l-avukat?

T: Le qghadna nitkellmu hemm, fuq nitkellmu fuq il-qorti u hekk, nitkellmu kif inti all right, u sebah u dalam.

M: Allura biex tghidu kif inti, tiltaqghu fid-dar ta' Lawrence Grech xi ghoxrin (20) ruh?

T: Jien kont immur hekk mhux biex dan, hekk hu biex nara l-mara tieghu u hekk, just hello.

M: Qed tghidlek id-difiza jekk bhala fatt kontu tidhlu fid-dar ta' Lawrence Grech xis-sitta u nofs (6.30pm) ta' filghaxija u tohorgu barra xi nofs il-lejl (00.00) u jkun hemm prezenti nies li xehdu f'din il-kawza xi tghid?

T: Erga' spjegahieli.

M: Illi inti fil-fatt meta kontu tmorru ghand Lawrence Grech u kien hemm nies ohra li xehdu wkoll f'din il-kawza kontu ddumu minn xis-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm) sa xi nofs il-lejl hemm gew (00.00) ghand Lawrence Grech.

T: Il-hinijiet ma niftakarhomx.

M: Imma tiftakar li domtu xi tlieta, tlett sighat (3) shah?

T: Tlett sighat ghamilthom, imma iktar minn tlett sighat ma niftakarx.

M: U allura inti kont tmur hekk b'kumbinazzjoni biex tara l-mara ta' Lawrence Grech u ssib lil ohrajn hemmhekk?

T: Nitkellmu hekk bejnietna fuq xi xoghol, imma mhux fuq il-qorti konna.
M: Inti kont allura tmur b'kumbinazzjoni id-dar ta' Lawrence Grech u issib lil ohrajn imbaghad kollha hemmhekk? B'kumbinazzjoni kont tmur hemm u issibhom hemmhekk?
T: Iva.
M: U din il-kumbinazzjoni kemm il-darba grat? Darba, darbtejn, tlett darbiet.
T: Ma nafx.
M: Iktar minn darba?
T: Darba zgur,
M: Grat iktar minn darba?
T: Grat iktar minn darba.
M: Allura kull darba din kienet tkun kumbinazzjoni?
T: Kont nizertahom hemm jien.
M: Intom kumbinazzjoni kontu tiltaqghu dawn id-drabi u hemmhekk u kull darba allura kontu tispiccaw illi ma titkellmu xejn fuq il-kaz?
T: X'ghamlu huma ma nafx imma fuq tieghi jien,
M: Inti kont tkun prezenti, kontu titkellmu fuq il-kaz jew le?
T: Gieli konna nghidu xi haga imma xejn izjed.
M: Din ix-xi haga u xejn izjed xi tfisser? X'kontu tghidu fuq l-kaz?
T: Per ezempju l-ghada jkolli l-qorti gurnata l-ghada per ezempju u jien ser ikolli l-qorti u hekk u daqsxejn qed nibza u hekk.
M: Allura xihadd kien icempillek qabel il-kaz li inti tkun tiela' il-qorti?
T: Il-karti tal-qorti kien jaslu d-dar.
M: X'kienu?
T: Il-karti tal-qorti.
M: Imma dak mhux in-nies li xehdu baghtuhomlok, le?
T: Le tal-qorti.
M: Fil-karta ovvjament ma kienx hemm miktub biex tiltaqghu fid-dar ta' Lawrence Grech lejliet li jkollok il-qorti.
T: Le ovvja.
M: Allura dan xi jfisser?
T: Gieli konna nitkellmu fuq il-kaz.
M: Diga' staqsejniek id-domanda dwar x'ghidtu fuq il-kaz, tkellimtu dwar dak li ghandkom tixhdu?

T: Ma niftakarx ta.
M: Mela, diga' wissejtek dwar l-importanza li tixhed u tghid il-verita', inti l-ewwel ghidtilna llum li ma kontux titkellma fuq il-qorti, f'dawn il-laqghat, imbaghad ghidtilna li kontu tikellmu ftit, u issa zidt id-doza ta' kemm kontu titkellmu.
T: Nitkellmu fis-sens, fuq il-qorti, meta jigi Patrick u hekk u.
M: Barra meta kien jigi l-avukat wahidkom kontu titkellmu?
T: Xi haga zghira imma mhux xi haga kbira.
M: Imma x'inhi d-differenza bejn haga zghira u haga kbira? X'kienet tkun?
T: F'liema sens?
M: Xi haga zghira ghalik xi tfisser? X'kontu tghidu haga zghira fuq il-qorti?
T: Biex noqghod dan, x'jghidulu, biex nixhed tajjeb u biex nghid il-verita'.
M: Allura kellek bzonn biex tmur hemmhekk ghand dan Lawrence id-dar tieghu biex lilek jghidulek biex tixhed tajjeb u tghid il-verita'?
T: Ghax jien hassejt li Lawrence ghandu l-kaz bhal tieghi u allura mhux ghandu rrid immur jien? Ahna qeghdin nitilghu l-qorti l-istess.
M: Issa intom kontu tmorru tiltaqghu ghandu ghax ghandkom il-kaz l-istess pero' fuq ix-xhieda, x'se tixhdu kontu titkellmu? X'ghandek tghid inti per ezempju x'gara kif ghandek tghid li gara kontu tikellmu?
T: Jiena li kont nghid biex ezempju li kien qalli tghidx izjed u tghidx inqas, qalli ghid il-verita'.
M: Min qallek hekk?
T: Lawrence.
M: X"jigifieri tghidx izjed u tghidx inqas?
T: Tghidx kelma aktar u tghidx kelma izjed, ghid il-verita'."
"........................................................................................................"
"M: Wara l-allegazzjoni tieghek dwar Fr Pulis inti ma Lawrence hdimt?
T: Ma niftakarx ezatt.
M: Taf li Lawrence kellu xoghol ta' tindif?
T: Iva.

M: F"dak ix-xoghol kont tahdem mieghu?
T: Dik id-darba li ghidtlek ta' qabel it-Trade Fair, kont inmur nahsillu l-vann.
M: Dak ghidtilna, fuq xoghol ta' tindif mort xi drabi? Iktar minn darba mort?
T: Ghax jekk nghidlek li mort darbtejn inkun qed nigdeb u jekk nghidlek
M: Imma iktar minn darba jew le?
T: Li niftakar ta' dik id-darba jien, issa ma niftakarx izjed.
M: Inti tiftakar li iktar kmieni llum ghidtilna li meta staqsejniek jekk kont tahdem ma Lawrence Grech inti ghidtilna li kont tahsillu biss il-vann
T: Ta' qabel it-Trade Fair.
M: U issa qed tghid li kont tahdem mieghu ukoll fit-tindif?
T: Le qabel it-Trade Fair kont mort darba,
M: X'ghamilt dik id-darba?
T: Mhux mort mieghu, nahslu qisha, ma naf x'kif naqbad nispjega, nahsel bejn il-magna.
M: Jigifieri inti tahsel il-vann biss kont mieghu?
T: Iva.
M: Zgur dwar dan halli jekk kemm il-darba tigi konfrontat bi provi ohra li juru l-kuntrarju,
T: Jien ta' dik naf. B'iehor ma nafx izjed.
M: Imma x'ghamilt bhala xoghol f'hajtek ma tafx inti?
T: Xoghol izjed?
M: Ma Lawrence imma. Ghax jekk tiftakar l-ohrajn mhux ma Lawrence ghax ma tiftakarx ta' ma Lawrence?
T: Ghax ilu, li qed insemmi tat-Trade Fair li niftakar.
M: Ta' dik id-darba tat-Trade Fair u tal-vann. Xoghol iehor ghamilt hux hekk, imma mhux ma Lawrence.
T: Iva.
M: Ma Lawrence kontu tmorru tnaddfu din il-fabbrika u hsiltu l-vann bhala xoghol?
T: Jien dawk li niftakar, issa jekk kien hemm izjed ma niftakarhomx.
M: Halli nerga' nistaqsik, in kwantu ghal Lawrence, ipprova ftakar, minbarra l-hasil tal-vann u mortu tahslu din il-fabbrika, ghamiltu xi xoghlijiet ohra flimkien? Ipprova ghamel sforz.

T: Niftakar darb'ohra li morna ghand wahda u hsilnielha s-sufani u t-tapiti u hekk.
M: Sewwa.
T: Dawk li niftakar."
"..............................................................................................................................”
"M: Sakemm mortu ghal ta' Bondiplus it-Tribunal tal-Knisja presjedut mill-Imhallef Dr Caruana Colombo kemm il-darba kont mort quddiem dik il-kummisjoni?
T: Naf li huwa zgur u zgur cert mija fil-mija (100%) li darbtejn (2) mort zgur.
M: Qabel ma mort Bondiplus, darbtejn (2) kont mort quddiem dil-kummisjoni jew darba biss?
T: Issa ma niftakarx, imma naf zgur li darbtejn (2) li mort.
M: Darbtejn (2) mort zgur pero' ma tafx jekk hux id-darbtejn (2) qabel mort Bondiplus.
T: Iva.
M: Darba zgur mort qabel Bondiplus?
T: Ghand Caruna Colombo?
M: Iva.
T: Iva.
M: L-ewwel darba li kellimt lil Lawrence u ghidtlu skond inti x'kien gralek,
T: Mhux jien kont ghidtlu, kienu qalulu imbaghad kien gie jghidli lili.
M: Meta gie jghidlek Lawrence fuq li sema' kemm kien zmien qabel ma spiccajtu mortu ghand Bondi fis-Siggiewi?
T: Bhala granet?
M: Jew bhala xhur jew granet.
T: Ma niftakarx.
M: Imma kienu ghaddew xhur, granet, kemm?
T: Ma nafx.
M: Ghaddew snin, granet, xhur? Id-differenza tista' taraha. Meta gie qallek Lawrence u imbaghad mortu s-Siggiewi xi kemm ghadda zmien, ma tridx tkun preciz bil-gurnata, tiftakar?
T: Jekk m'inix sejjer zball granet kienu.
M: Granet. Meta kont ghidt li mort b'kumbinazzjoni fid-dar ta' Lawrence, issemmew il-possibilita' li jistghu jintrebhu xi flus?

T: Le.
M: Inti trid flus?
T: Le, gustizzja.
M: Inti ghalik il-gustizzja xi tfisser?
T: Min zbalja haqqu li jmur il-habs mhux jibqa' barra.
M: Jekk nghidlek li inti meta kont dhalt fil-kamra ta' Fr Pulis kien qieghed fis-sodda inti kont mort hemmhekk biex taghmel qliba mieghu xi tghid?
T: Jien minn dejjem kont immur naghmel qliba mieghu imma hu kellu gismu barra.
M: Fr Pulis kellu boxer shorts?
T: Iva.
M: Inti ma Fr Pulis ma kontux miftehmin li ha tmur fil-kamra tieghu hux hekk dakinhar?
T: Le.
M: Din il-qliba saret fuq is-sodda?
T: Iva.
M: U kienet l-ewwel darba li ghamilt qliba ma Fr Pulis jew ma xi hadd iehor?
T: Le mhux l-ewwel darba pero' anke meta konna l-Marfa.
M: U ghamilt ma haddiehor ukoll?
T: Le mieghu.
M: Mieghu. U ghaliex din tal-qliba qatt ma semmejtha qabel? Qed tigi mistoqsi mid-difiza dan gie suggerit lilek minn Lawrence in kwantu meta qallek li xejn izjed u xejn inqas?
T: Le, Lawrence ma kienx jaf, jien mhux il-qorti rajru?
M: Le, ir-referenza qed issir ghal drabi ohra mhux ghal-lum.
T: Tal-qliba?
M: Le ghal dak li skond id-difiza qallek Lawrence.
T: Lili ma qalli xejn Lawrence.
M: Veru li Lawrence lilek kien jghidlek biex inti ma tghidx kelma zejda u lanqas nieqsa?
T: Biex nghid il-verita'.
M: Allura l-verita' ghax m'ghidtiex qabel fuq din tal-qliba?
T: Ghax kont imbezza'.
M: Minn min kont imbezza' allura?
T: Hawnhekk, ghax il-qorti m'ghandix esperjenza, l-ewwel darba ghalija.

M: Din tal-qliba pero' ghaliex qatt ma semmejtha qabel din il-haga?
T: Ma nistax niftakar kollox, jien ninsa.
M: Int ghidtli pero' li l-ewwel m'ghidtiex ghax kont tibza' mill-qorti, le?
T: Iva, din hija number one, imma ma nistax niftakar kollox monitor mohhi.
M: Jigifieri meta inti ghidt mort biex taghmel qliba ma Fr Pulis, inti tfisser qbizt fuq Fr Pulis u ridt taghmel qliba mieghu bil-forza?
T: Jien mort biex naghmel qliba biex niccajta mieghu imbaghad hu f'daqqa wahda hekk sibtu b'gismu barra.
M: Jigifieri Fr Pulis kellu boxer shorts.
T: Iva.
M: Dan kien tip ta' boxer shorts illi fuq quddiem ma jkunx hemm kuzakk imma jkun hemm fetha biex wiehed ikun jista' jaghmel pipi? Dak it-tip?
T: Erga' ghidieli.
M: Dan il-boxer shorts li kien hemm, kien tip li quddiem ikun hemm fetha biex wiehed ikun jista' jaghmel pipi?
T: Iva.
M: Inti meta mort fil-kamra ta' Fr Pulis, kont mort bil-jeans jew kont biddilt u lbist ukoll bil-boxer shorts?
T: Kelli boxer shorts blu.
M: Ma kontx bil-qalziet jeans jew hekk fuqu? Boxer shorts biss kont?
T: Li niftakar naf li kelli boxer shorts jien.
M: Meta kont dhert fuq Bondiplus inti lil Bondiplus kont semmejtha l-qliba?
T: Ma niftakarx.
M: Ipprova ftakar.
T: Ma niftakarx." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Louise Calleja li fis-Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004, inter alia, qalet:

"Nghid illi f'Settembru tas-sena 2003 jiena kont ircevejt kwereli dwar abbuz sesswali li sehh gewwa l-"Home" ta' "St. Joseph", Sta. Venera. Nghid ukoll is-"summer residence" gewwa l-Marfa ta' l-istess "Home" u kif ukoll gewwa l-Kunvent ta' Sant'Agata, ir-Rabat. L-abbuzi kienu

jmorru mill-1983 sa llum. Il-vittmi kienu Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, Jason Camilleri u David Cassar. Jiena kont kellimt lill-hames vittmi u dawn kienu spjegawli l-abbuz li kien sar fuqhom kif ukoll it-tip ta' abbuz, minn min kien sar u wkoll kemm kien frekwenti.

In kwantu ghal Lawrence Grech, ........................................" "Dan qalli wkoll li wara dan l-abbuz huwa kien gie abbuzat minn Fr. Charles Pulis u l-abbuz minn Pulis fuq Lawrence Grech kien jikkonsisti f'atti fuq il-minuri, u cjoe' atti indecenti fuq il-minuri, kif ukoll Fr. Pulis kien jghid lil Grech biex dan jimmasturbah. Dan l-abbuz baqa' sejjer aktar minn sena u kien isir xi tliet (3) darbiet fil-gimgha.

In kwantu ghal Joseph Magro, dan qalli li huwa kien gie abbuzat minn Fr. Charles Pulis u dan fis-sens illi Fr. Pulis kien jaghmel atti fuq dana Joseph Magro u kien isir gewwa l-Istitut ta' San Guzepp ta' Sta. Venera. Skond dana Magro, dana l-abbuz baqa' sejjer minn mindu hu kellu hdax-il sena sakemm hu kellu tmintax-il sena, u cjoe' meta hu kien hareg mill-Istitut.

Jiena wkoll tkellimt ma' Leonard Camilleri,............................" "Dana Camilleri kompla jispjegali li meta hu kellu xi tlettax-il sena certu Fr. Godwin Scerri kien imisslu l-partijiet privati tieghu meta kienu jkunu fir-residenza estiva tal-Marfa. Dana Leonard Camilleri qalli wkoll illi dana Fr. Godwin Scerri kien dahhal il-parti intima tieghu fil-warrani ta' l-istess Leonard Camilleri. Dana wkoll Leonard Camilleri spjegali li l-Fr. ukoll kien jaghmel il-parti privata ta' Leonard Camilleri f'halqu, u dana Leonard Camilleri spjegali li f'okkazzjoni minnhom, fejn dana Fr. Godwin Scerri kien dahhal f'halqu l-parti ta' Leonard Camilleri, dana mbaghad kien dawwar lil dana Leonard Camilleri u kien dahhal il-parti tieghu fil-warrani ta' dana Leonard Camilleri. Leonard Camilleri zied jghidli li l-abbuz fuqu kompla wkoll minn Fr. Charles Pulis, fejn dana l-Fr. kien jimmasturba l-parti privata tal-minuri. Inzid nghid ukoll illi dana Leonard Camilleri semmieli wkoll lil ................... li dan kien igieghlu jinza' gharwien, kien joqghod imisslu gismu u kif ukoll il-parti tieghu. Dana

Leonard Camilleri wkoll semmieli wkoll illi darba minnhom dana ................ kien hareg il-parti tieghu barra u dana kien qaghad imissha mal-warrani ta' dana Leonard Camilleri. Dana kien semma li dana l-abbuz kien sar gewwa Sant'Agata, fir-Rabat.

Inzid nghid li wara jiena kellimt ukoll lil Jason Camilleri..................." "Dana Jason Camilleri qalli wkoll li wara huwa kien gie abbuzat minn Fr. Charles Pulis billi kienu jsiru atti indecent fuq il-minuri.

Fl-ahhar jiena tkellimt ukoll ma' David Cassar, li dan ghadu minuri sa llum. Dana tkellem dwar abbuz li sar fuqu minn Fr. Charles Pulis. L-abbuz sar fl-Istitut ta' Sta. Venera u kien jikkonsisti f'atti indecenti fuq il-minuri. Inzid nghid li dan il-minuri David Cassar qalli lili wkoll illi kien sar abbuz meta Fr. Carmelo Pulis kien ha lilu flimkien ma' Roderick Montesin it-"Trade Fare" u li meta kienu gew lura mit-"Trade Fair" l-abbuz sar fuqu, u cjoe' fuq David Cassar minn Fr. Charles Pulis. Nghid lili David Cassar spjegali li in kwantu ghall-incident tat-"Trade Fair", dana kien sehh f'Lulju ta' l-2003. Jiena lil David Cassar kien l-ahhar persuna li kont kellimt, lili kont ilhaqt kellimtu dwar incident li hu semmieli li kien proprju dak ta' Lulju ta' l-2003. Inzid nghid li jiena kelli mbaghad, minhabba ragunijiet personali rigwardanti sahha, kelli nieqaf mill-indagni u mbaghad hadha minghandi l-Ispettur Joseph Cordina. Ghalhekk jiena lil David Cassar ma ergajtx imbaghad kellimtu."

"............................." "Inzid nghid li in kwantu ghall-incident li kien semmieli David Cassar, il-minuri, li sehh wara t-"Trade Fair", u cjoe' dak ta' Lulju 2003, nghid illi dan kien qalli wkoll li kien dahal fuqhom certu Tony Catania u illi wara li dan Catania kien dahal fuqhom Fr. Pulis kien qal lil David Cassar "X'bicca gratli, x'inkwiet gej!" Dan David Cassar qalli wkoll li hu kien gie mitlub biex imur il-Kurja.

Inzid nghid ukoll illi dana David Cassar kien ukoll qalli illi Fr. Pulis mhux l-ewwel darba li kien missu. Huwa kien ukoll spjegali x'kienu, dawna l-abbuzi f'hiex kienu jikkonsistu, u cioe' kienu atti fuq il-minuri, u cjoe' li kien

imisslu l-parti privata tieghu, u cjoe' nghid illi dana David Cassar kien qalli illi dana Fr. Carmelo Pulis kien imisslu l-parti tieghu u li dina, u li l-okkazzjoni ta' wara t-"Trade Fair" ta' Lulju 2003 ma kenitx l-ewwel okkazzjoni jew l-unika okkazzjoni li dan kien ghamillu hekk. U dana David Cassar anke kien qalli li anke fl-okkazzjoni li semma ta' Lulju 2003, u cjoe' dik ta' wara t-"Trade Fair", Fr. Pulis kien misslu l-parti privata tieghu."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Francesco sive Godwin Scerri li fis-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2004, inter alia, qal:

"…………………………………………………………………………………………"

"Jiena wara li kont ghamilt il-kors ghamilt ftit snin gewwa San Guzepp ta' Sta. Venera, imbaghad kont Direttur ta' l-Oratorju ghal xi sitt snin, u dana fl-Oratorju Birkirkara. Nghid fit-12 ta' Jannar ta' l-1981 jiena mort il-Canada bhala Missjunarju u wkoll kont ukoll Kappillan ta' parrocca gewwa Emerville fil-Canada. Jiena hemmhekk ghamilt mill-bidu ta' l-1981 sa Settembru ta' l-1991.

Jiena mbaghad is-Superjur tieghi qalli biex jiena mmur Malta u floki dahal iehor. Jiena gejt lura Malta fil-21 ta' Settembru, 1991. Nghid jiena fit-2 ta' Jannar ta' l-1992 mort gewwa l-Ingilterra biex jiena naghmel *supply work* gewwa Kent. Jiena domt hemmhekk sal-bidu ta' April ta' l-1992. <u>Imbaghad jiena ergajt lura Malta u inzilt fid-Dar ta' San Guzepp, Sta. Venera.</u> Jiena hemmhekk ma kelli xejn x'naqsam mat-tfal; kien hemm il-kommunita' taghna, il-qassisin, u kont fiha."

"……………………………………………………………………………….."

"Nghid illi mill-1981 'l hawn jien qatt ma kelli xoghol specifiku maz-zaghzagh. Nghid wara li gejt lura jiena minn Kent, ghalkemm ghidt illi jiena kont mort San Guzepp, kont inqatta' zmien sew fis-sajf gewwa d-Dar ta' San

Guzepp li tinsab Birzebbugia, fil-Bajja ta' San Gorg, Birzebbugia, u nghid illi fl-istess zona hemm id-dar tas-sajf ta' hija. Nghid jiena fil-fatt imbaghad meta f'Awissu jinzlu l-*fathers* l-ohra fid-dar taghna gewwa Birzebbugia kienu jsibu d-dar lesta u ippreparata ghax jiena kont immur qabilhom u kont niehu hsiebha.

Nixtieq nghid illi in kwantu ghal Oliver Goodrum, jiena din il-persuna qatt ma rajtha b'ghajnejja. Nixtieq nghid illi jiena fit- 12 ta' Jannar, 1981 jiena kont tlaqt lejn il-Canada u minn verifiki li ghamilt dana Oliver Goodrum dahal gewwa l-Istitut ta' San Guzepp fis-7 ta' Settembru, 1981 u hareg mill-Istitut fit-2 ta' Settembru ta' l-1987. Jiena rritornajt lura Malta fl-1991. Jiena fil-perijodu li semmejt, bejn l-1981 u l-1991 kont gejt Malta fl-1985 biex inzewweg lin-neputija, kont gejt Malta biex inzewweg lin-neputija u nghid illi jiena f'dik is-sena gewwa l-Istitut ta' San Guzepp qatt ma mort fih. Nghid illi jiena fil-perijodu meta kont qieghed Malta biex inzewweg lin-neputija jien qaghdt jew ghand hija gewwa Birzebbugia jew inkella fid-dar taghna l-Missjunarji gewwa Birzebbugia.

Qieghed nesebixxi bhala Dok. FGS1 ittra ta' Fr. Stanely Tomlin datata 28 ta' Settembru, 2004. Qieghed nesebixxi wkoll dokument iehor maghmul minn Fr. Stanley Tomlin, li huwa datat 29 ta' Settembru, 2004, li dina tirrigwarda d-dar tal-Marfa. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. FGS2.

Nghid illi in kwantu, nixtieq nghid illi in kwantu ghal dana Oliver Goodrum jien l-ewwel darba li rajtu kien hawnhekk il-Qorti rigwardanti din il-kawza odjerna u nghid illi qabel ma kontx qatt rajtu f'hajti.

Qieghed nesebixxi tliet (3) passaporti, li qieghdin rispettivament jigu mmarkati bhala Dok. FGS3, Dok. FGS4 u Dok. FGS5. Dawna l-passaporti, li huma qieghdin jigu esebiti b'mod kronologiku, qieghed nesebihom *animo ritirandi*. Nixtieq inzid nghid illi fil-perijodu li jiena fl-1985 kont qieghed Malta biex inzewweg lin-neputija, lanqas fid-dar taghna l-Missjunarji gewwa l-Marfa jiena qatt ma kont mort. Jiena assolutament nichad dak kollu li xehed Oliver

Goodrum fil-konfront tieghi u nzid nghid jiena mhux talli din il-persuna ma abbuzajtx minnha, talli nghid ukoll illi dana Oliver Goodrum jiena lanqas biss nafu.

In kwantu ghal Leonard Camilleri, dana kont nafu kif kont naf lit-tfal l-ohra gewwa l-istitut li kien hemm dak iz-zmien f'San Guzepp f'Sta. Venera. Nixtieq nghid illi d-Dar ta' San Guzepp Sta. Venera hija maqsuma fil-parti tal-Lvant hija dika li hija li tirrigwarda z-zona fejn hemm it-tfal, u nghid illi l-parti tal- Punent tad-dar hija l-post fejn nghixu ahna l-qassisin.

Nghid illi dawna biex wiehed mit-tfal ikun gie fil-*quarters* taghna l-patrijiet irid ikun ghadda ikun irid jghaddi minn tliet kurituri u bitha, li nghid bhala, korrezzjoni: irid jghaddi mbaghad minn kuritur iehor barra it-tliet kurituri ohra, liema kuritur qieghed fuq il-bitha, u nghid bhala distanza dana ta' dawn il-kurituri kollha hija ta' bejn il-bini tal-Qorti u l-*Main Guard*, dana bejn wiehed u iehor.

Jiena qatt ma kelli x'naqsam fl-ghajnuna, trobbija jew edukazzjoni ta' dawna t-tfal illi kien hemm fid-Dar ta' San Guzepp, u dana in kwantu ghall-perijodu mill-1991 sa llum. Jiena fil-perijodu ta' l-1991 xogholi kien qieghed li nqarar diversi fabbriki jew postijiet, pero' nghid illi xogholi ma kienx qieghed gewwa l-Istitut ta' San Guzepp f'Sta. Venera.

L-uniku inkarigu li kelli jiena gewwa d-Dar ta' San Guzepp Sta. Venera li kont niehu hsieb l-*Opera Bona Morte* li tirrigwarda l-gbir ta' flus karita' biex dana jsir quddies ghal persuna li mbaghad tkun mietet. Nixtieq nghid illi dana Leonard Camilleri kien gieli gie jkellimni fil-kamra tieghi, pero' jiena mbaghad irrealizzajt li dana kien qed juzaha bhala skuza bhala mezz biex huwa jiskarta mill-quddies.

Nghid ukoll dana gieli kien ikellimni fuq affarijiet ohra li jdejquni. Jiena kont slift lil dan Leonard Camilleri *stereo* ghal xi gimgha, gimghatejn, liema *stereo* kont gibtu mill-Amerika, Jiena dana mbaghad kont tlabtulu lura u kont sliftu lil haddiehor. Nghid dan l-i*stereo* zgur sliftu lil tnejn mit-tfal. In kwantu ghat-tieni wiehed li sliftu, jiena jekk

narah naghrfu pero' ma niftakarx x'jismu. Nghid illi hu Leonard Camilleri kien ukoll jigi fil-kamra tieghi. Kien jigi biex ikellimni fuq affarijiet personali. Nghid Jason Camilleri, hu Leonard Camilleri, kien jigi iktar ta' spiss ghandi milli kien jigi Leonard Camilleri. Nghid bejn dawn l-ahwa kien hemm problemi kbar u nghid li kwazi kwazi Jason Camilleri kien jobghod lil hu Leonard Camilleri. Meta kien ikellimni fuq huh, jien kont dejjem nghidlu biex jiehu hsieb lil huh.

Nghid illi jiena, u dan niehu spunt minn dak illi xehed Leonard Camilleri meta qal li jien kont hadtu l-Belt, nghid illi dana mhux lilu biss kont hadt il-Belt; dana kien ikun hemm it-tfal meta jien kont inkun diehel il-Belt ghand hija l-barbier biex immur naqta' xaghari u kienu jitolbuni biex jaqtghu xagharhom ukoll, ghalhekk kont nohodhom il-Belt u jaqtghu xagharhom. Fil-kaz ta' Leonard Camilleri li gara kien illi jiena kont dhalt il-Belt biex naqta' xaghari, hadt lilu biex jaqta' xagharu u mbaghad morna ghand *Gambrinus* u hadna zewg pastizzi u morna lura lejn l-Istitut. Nghid li dina kienet dak li normalment jigri ma' kull wiehed minnhom l-ohrajn li hadt il-Belt.

Nghid illi in kwantu dak li allega Leonard Camilleri fid-depozizzjoni tieghu moghtija f'din il-kawza, u cjoe' li jiena ikkommettejt xi abbuzi sesswali fil-konfront tieghu, jiena dana nichdu b'mod kategoriku. Nghid illi Jason Camilleri kien qalli li hu jahseb li huh Leonard Camilleri fil-fatt ma kienx huh. Nghid Leonard Camilleri qatt ma esprima ruhu mieghi li hu kien b'xi mod jobghod lil huh Jason Camilleri. Jiena nghid illi dana Leonard Camilleri qatt ma wera b'xi mod li hu kellu xi gibda lejja jew kellu xi ghira fil-konfront ta' huh Jason Camilleri, u nghid ghalija dan kien jigi biex jahli z-zmien jew inkella biex jiskarta milli jmur ghall-quddiesa.

Jiena nghid li b'referenza ghal dak li xehed Leonard Camilleri fid-depozizzjoni tieghu moghtija f'din il-kawza fejn hu qal li jien kont abbuzajt minnu sesswalment gewwa l-Marfa, ir-referanza ghall-perijodu illi hu semma nghid f'dak il-perijodu jiena lanqas biss kont qieghed Malta. Nixtieq nghid illi minn dak li xehed l-istess Leonard

Camilleri, huwa qal li dak li sehh gara qabel ma hu kien tela' mal-kbar; dan voldieri illi hu kien ghadu ma ghalaqx il-hmistax-il (15) sena. Huwa allura dan Leonard Camilleri allega li meta kienu marra fil-Marfa, allura dana fil-perijodu meta hu kien ghadu m'ghalaqx il-hmistax-il (15) sena, hu qal li kont hemm jiena u abbuzajt minnu, meta dawn it-tfal, nixtieq nghid, jew fl-ewwel gimgha jew fit-tieni gimgha ta' Settembru jinzlu lura San Guzepp mill-Marfa, u f'dan ir-rigward naghmel referenza ghal Dok. FGS2 li jiena ghadni kif esebejt illum, nghid jiena kont ghadni kif gejt lura Malta fil-21 ta' Settembru ta' l-1991, jiena nissottometti li jiena ma stajtx assolutament ikkommettejt dak li qed jghid hu ghax jiena lanqas kont qieghed f'Malta. Nghid illi jiena, kif diga' xhedt, jiena kont ili barra minn Malta mill-1981, salv biss il-perijodu li semmejt ta' l-1985 meta kont gejt ghat-tieg tan-neputija, u konsegwentement nghid illi mill-1981 sal-21 ta' Settembru ta' l-1991 jiena dana Leonard Camilleri qatt ma kont rajtu u kont naf min hu. Jien ghalhekk dana sirt nafu wara l-21 ta' Settembru, 1991.

Nghid li fil-fatt meta jiena gejt lura minn barra fil-21 ta' Settembru, 1991, it-tfal kienu diga' nizlu mill-Marfa u kienu qieghdin fl-Istitut ta' San Guzepp f'Sta. Venera. Nixtieq nghid illi jiena fejn kont immur inqarar f'fabbriki, eccetra, nghid jiena gieli kont ninghata cikkulata jew kalzetti jew qomos. Nghid jiena c-cikkulata ma nhobbhiex u allura jiena din ic-cikkulata kont nghaddihom lit-tfal ta' l-Istitut taghna, u anke nghid gieli tajt ukoll ic-cikkulata lill-*fathers.*

Qieghed nesebixxi erba' (4) faccati li huma vera kopja fotostatika mill-Passaport tieghi li ghandu n-numru 611819 u dawna l-erba' faccati qieghdin jigu esbiti u mmarkati bhala Dok. FGS6.

Jiena nixtieq nghid minhabba dawn l-allegazzjonijiet foloz li saru fil-konfront tieghi jien qieghed insofri hafna pregudizzju fis-sens illi jiena tlift hafna mix-xoghol sacerdotali li kont naghmel qabel. Wahda minnhom hija l-fatt li jiena ma nistax nassisti l-morda tal-*Hospice Movement.*

B’referenza ghal dak illi kien xehed Leonard Camilleri fejn hu qal li kien ghadda minn hdejn il-bieb tal-kamra tieghi u kien sema certu tip ta’ hsejjes, jiena niddikjara bil-gurament tieghi li jiena assolutament qatt ma ghamilt xi affarijiet ta’ natura sesswali fil-kamra tieghi gewwa l-Istitut ta’ San Guzepp, Sta. Venera, u nghid, anzi inzid nghid li jiena dawn l-affarijiet sesswali qatt ma ghamilthom fl-ebda post u imkien.

Jiena nghid illi dak kollu li xehdu dwari Oliver Goorum u Leonard Camilleri huma kollu gideb u huma l-affarijiet ta’ viljakkerija u ta’ makakkerija u wkoll b’malizzjozita’. Nghid jiena lil Leonard Camilleri qatt ma tajtu flus. Jiena lanqas qatt ma xtrajt xi zarbun lil Leonard Camilleri. Nghid ahna l-*fathers*, minhabba li ghandna l-vot tal-poverta’, lanqas ghandna *cheques*, u ghalhekk nichad li jiena qatt ktibt xi cekk lil Leonard Camilleri.

Qed nesebixxi bhala Dok. FGS7 notamenti tieghi li jiena kkonsultajt waqt din id-depozizzjoni u qieghed nesebixxi wkoll bhala Dok. FGS8 zewg (2) folji li dawna konsistent in kwantu ghall-ewwel folja huma dati tas-safar tieghi u in kwantu ghat-tieni pagna huma wkoll dati tas-safar tieghi u in kwantu ghall-ahhar faccata – korrezjoni: u in kwantu ghall-faccata li jiena enumerajt bhala numru 3, dana huwa x-xoghol li jiena ghamilt f’hajti li m’ghadnix naghmlu minhabba daka li ntqal fuqi minn dawna Oliver Goodrum u Leonard Camilleri.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Father Silvio Bezzina li fis-Seduta tal-20 ta’ Frar, 2008, inter alia, in ri ezami, qal:

“.........................................” “In kwantu lili kien qalli l-care worker Tony Catania dwar l-incidnet ta’ David Cassar li kien sabu fil-kamra ta’ Father Pulis nghid illi dan Tony Catania kien qalli, dan kien qalli li kien mar filghaxija biex jghidilhom good night, biex jghid lil Father Pulis good night u anki kien hemm xi tfal biex jghidilhom good night, kien hemm il-bieb ta’ Father Pulis miftuh berah. Dana dahal

biex isellem lil Father Pulis u hu qalli li dak il-hin ra lil Father Pulis u lil David Cassar jiccajtaw flimkien.

Qalli wkoll illi imbaghad dawn inhasdu u selmulu. Nghid lili wkoll zied jghidli illi dana Catania illi hu kien innota li dak il-hin Father Pulis kellu l-pene erett. Nghid illi lili Father Pulis qatt ma kien qalli li hu kellu xi problemi ghax kellu xi gibdiet lejn subien. U nzid nghid ukoll illi hadd mit-tfal lil ma kien qatt qalli li kien hemm xi haga bhal din. Bhala stat ta' fatt naf li Father Pulis kien jorganizza darba fis-sena fundraising tour ghal Ruma jew xi post iehor fl-Ewropa u mieghu kien jiehu nies li jkunu applikaw u normalment ikunu nies li jkunu vicin ta' l-istitut jew hbieb tieghu.

Jiena naf ukoll li Father Pulis kien imur Ruma oltre meta jorganizza l-fundraising tour ghal raguni ohra. U naf illi jidhirli li darba Father Pulis kien ghamel kors ta' anger management gewwa l-istitut f' Ruma. U dana nafu ghax kien qalli Father Pulis stess. Bhala stat ta' fatt naf li dana kien kors ta' psikologija. U dana kien kors ta' psikologija terapewtika fis-sens illi Father Pulis kien mar bhala dan il-kors ghal fini ta' terapija. Nixtieq hawnhekk naghmel osservazzjoni li peress li ghaddew numru ta' snin jiena it-terminologija tal-kors ghidtu anger management pero' seta kien terminologija ohra in kwantu ghal dana l-kors ta' anger management. Pero' li jien cert huwa li kien dwar htiega ta' terapija psikologika." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Carmelo Pulis li fis-Seduta tas-17 ta' Frar, 2009, inter alia, qal:

"Jiena ghandi 63 sena." "................................................" "Nghid illi l-mama tieghi stante li missieri kien Pulizija kienet mara illi kienet dejjem b'tensjoni kbira. Nghid illi kienet haga frekwenti illi l-mama kienet tqajjimna u dan meta jien kelli xi tmienja, disgha snin bil-lejl biex immorru l-ghassa tal-Pulizija ha naraw fejn qieghed il-papa. Dana kien jigri specjalment meta kien jittardja filghaxija.

Nixtieq nghid illi din l-ansjeta tal-mama nghid illi fil-fatt spiccat biex jiena wkoll sirt persuna anzjuza. Fil-fatt nghid

li jiena persuna anzjuza hafna u nghid illi fil-fatt l-ansjeta' tal-mama giet progettata fuqi u fuq hija li llum mejjet li kien jismu Frans. Nghid ukoll li ohti z-zghira Anna kienet tbaghti hafna bid-depression. Kienet dipressjoni kronika u fil-fatt illi kien hemm okkazzjonijiet fejn ohti kellha tinghata l-electro shocks. Nghid jiena ukoll nbghati perjodi ta' dipressjoni specjalment meta nkun qieghed barra minn Malta. Il-karattru tieghi huwa wiehed li rrid in-nies madwari. Nghid meta jiena nkun qieghed wahdi nbaghti hafna minn panic attacks. U dana grali hafna specjalment meta jiena kont barra minn Malta. Hawn Malta kelli l-perjodi ta' dipressjoni fejn jiena kien ikolli wkoll panic attacks. Qieghed nesebixxi bhala dok CPA 1 li hija dokument rilaxxat minn Ronald Conway li huwa Senior Consultant Psychologist gewwa s-St Vincent Hospital Melbourne u hija datata 25 ta' Settembru 1973. Nikkonferma li jiena f'dak il-perjodu kont qieghed l-Awstralja u nikkonferma wkoll illi dina l-ittra kien irrilaxxahili l-imsemmi Senior Consultant psychologist. Fil-fatt inzid nghid illi Ronald Conway kien Senior Consultant Psychologist f' St Paul Missionary College, gewwa l-Awstralja fejn kont qieghed jiena.

Nghid illi jiena qabel ma mort l-Awstralja kont qieghed San Guzepp u kelli 36 tifel li kienu jaqghu taht idejja u kont qieghed wahdi, u nghid illi f'San Guzepp kont ghamilt sentejn qabel jien ma mort l-Awstralja. Jiena kont dhalt bhala aspirant ghas-Socjeta' ta' San Pawl meta kelli l-eta' ta' tlettax -il sena u nghid jiena kont tlift iz-zoghzija. Nghid jiena meta kont ghadni fil-kors akkademiku kont ghamilt perjodu ta' sentejn fejn kont waqaft mill-kors akkademiku u ghamilt practical work li kien jikkonsisti proprju dak li semmejt, li kont niehu hsieb it-tfal gewwa San Guzepp. Mentri kont niehu hsieb it-tfal San Guzepp jiena wkoll kont nitla' Sant' Agatha nghallem."
"......................................................................"
"Nghid illi jiena perjodu ta' dipressjoni kelli qabel ma jiena kont mort l-Awstralja. Nghid jiena ommi kienet mietet zghira ta' 61 sena u peress li jiena kont il-kbir, hafna mill-affarijiet kienu jaqghu fuqi. dan oltre l-fatt illi jiena ohti li diga' semmejt dwarha, Anna, li kienet issa mizzewga kienet gieli minhabba l-marda taghha isejhuli anke fit-tlieta

ta’ bil-lejl biex immur nghin lir-ragel taghha. Jiena minkejja l-fatt illi dawn is-sitwazzjoni lili kienu hawduni jiena xorta kont bqajt nghati l-edukazzjoni lit-tfal San Guzepp. Nghid illi jiena fil-fatt dan ix-xoghol mat-tfal lili kien inessini ftit mis-sitwazzjoni tad-dipressjoni. Pero’ din dejjem kont xorta taht psikjatra. Nghid illi jiena bhala tabib kelli inizjalment lil Lino Schembri Wismayer li kien tabib pero’ kien jifhem daqs psikjatra. Imbaghad wara li jiena gejt lura mill-Awstralja, kelli bhala tabib tieghi lil Psikjatra Dr Joe Cassar. Jiena bqajt dejjem mal-Psikjatra Dr Cassar. Nghid illi fl-1993 jiena kont gejt ergajt mort l-Awstralja, imma nghid illi dina l-mawra l-Awstralja ghalija kienet flop.

Qed nesebixxi bhala dok CPA 2 certifikat mediku ta’ Dr Victor P Sammut. Nghid illi dan kien it-tabib li kien qieghed jarani f’dina l-mawra tieghi fl-Awstralja u nghid illi jiena nikkonferma dak il-kontenut ta’ dana d-dokument. Meta mbaghad gejt lura minn dina l-mawra fl-Awstralja, jiena kont gejt lura fin-1994 bhala ordinazzjoni sacerdotali tieghi nghid jiena allura mbaghad kont qieghed taht Dr Lino Schembri Wismayer. Nghid jiena kont dhalt bhala aspirant residenzjali fl-1959. hawnhekk nixtieq naghmel korrezjoni fis-sens illi jiena hadt l-ordinazzjoni tieghi fin-1974 u mhux fin-1994 kif eronjament ghidt qabel. Nghid jien fil-fatt kont gejt fin-1994 lura mill-Awstralja ghaliex jiena kelli d-dipressjoni u nghid meta kont hemmhekk kien gie preskritt lili il-Prozac. Nixtieq nghid illi fil-fatt meta kont gejt lura fin-1994, it-tfal ta’ San Guzepp kienu qaluli li huma kienu talbu biex jien nerga’ nigi lura.

Fost it-tfal kien hemm wiehed minn dawk li qieghed jakkuzani. U dana qed nirreferi ghal Jason Camilleri. Nghid l-ewwel perjodu li jiena mort l-Awstralja kien bejn l-1971 sal-1974. nghid jiena meta kont gejt lura Malta fil-1974, kont gejt lura Malta b’dipressjoni. Nghid kien imbaghad fl-1993 li jiena ergajt mort lura l-Awstralja. Nixtieq naghmel korrezzjoni ghal dak li ghidt, illi jiena l-Awstralja meta kont mort fl-1993 kull ma domt kienu tliet gimghat u ghalhekk kien fl-1993 li jiena gejt lura f’ Malta. U nghid illi jiena meta gejt lura Malta kont b’ dipressjoni u rreferejt ghand Dr Lino Schembri Wismayer. Kien biddilli l-pirmli u kien tanti l-Anafranil.

Nghid illi fin-1967 bhala brother jiena dhalt fid-dar ta' San Guzepp. Jiena bdejt bhala house father tal-grupp taz-zghar. Spiccajt minn San Guzepp fin-1969."
"..........................................................................................
......."
"Jiena mbaghad fin-1974 mort lura San Guzepp, jiena kont qieghed mas-Seniors, innutajt illi t-tfal ma kienux tfal li gejjin bhala ltiema jew inkella kienu tfal foqra. Illi nnutajt dawn it-tfal kienu gejjin broken homes u kienu wkoll, kien hemm minnhom li bhala genituri kellhom passat Kriminali. Dawn it-tfal kienu jaraw hafna ezempju hazin.

Nixtieq nghid ghaldaqstant it-tip ta' tfal li kelli issa li kont mort fin-1974 ma' dawn it-tfal, l-attegjament ta' dawn it-tfal kien differenti hafna minn dak li kelli meta qabel kelli iz-zghar f' idejja. Dawn it-tfal Senior li kelli kienu emozzjonalment instabbli hafna, ukoll tfal disturbati, tfal illi go fihom kellhom anger kbir u dina l-anger li kien ikollhom it-tfal kienu jittrasferewha fuqi. nghid insemmi kaz fejn kien hemm tifel li jien kont baghtlu d-dar biex huwa jiffirma karta tal-genituri halli jkun jista' jsiefer u meta kien mar id-dar sab lil ommu bi snienha mkissrin u ghidtlu li kien missieru li kissirhomla. Inzid nghid illi fil-fatt dan it-tifel imbaghad rabba grudge kbira kontra missieru u meta jiena kont mort biex missieru ha jiffirmalu l-permess biex it-tifel ikun jista' jsiefer, it-tifel ried joqtol lil missieru.

Nghid meta jiena kont tajt lil dan it-tifel it-termination form biex jispicca minn San Guzepp dan kien kisser il-kamra tieghu kollha. Nghid illi dawn it-tfal illi kelli jien fl-istitut kienu tfal li kellhom hafna battalji go fihom. Nghid illi jiena f' hajti ghamilt 32 sena niehu hsieb it-tfal. Nghid jiena fl-Awstralja ma kontx hadt hsieb tfal f' istituti hemmhekk ghax kont qed nistudja. Nghid illi f'dan il-perjodu ta' iktar minn tletin sena jiena qatt ma kien hemm rapport fuqi. dana in kwantu li qatt ma kien hemm xi rapport fil-konfront tieghi li jiena abbuzajt minn xi tfal. Hawnhekk nixtieq ukoll inzid nghid li jiena s-Superjuri tieghi b' idejat differenti tbiddilt hafna f' dan il-perjodu li domt niehu hsieb it-tfal jien. Pero' jien dejjem b'qajt f'San Guzepp. Nixtieq nghid illi jiena l-iskop tieghi meta niehu hsieb dawn it-tfal kienet

illi dawn it-tfal inressaqhom iktar lejn l-ambjent li jkun qeghdin jghixu f' familja, cioe' li jkunu qeghdin jghixu f' normalita. Fil-fatt kont ingib koppji ta' studenti universitarji, fosthom Dr Degaetano biex dawna jghinu lit-tfal, li nghid il-Prim Imhallef odjern, biex dawna jghinu lil istudenti biex jaghmlu l-homework. U anki kienu johorgu lit-tfal anke Hikes u anke jilghabu maghhom fir-rikreazzjoni.

Jiena fil-fatt kont ridt li ndahhal nies lajci biex dawn it-tfal ikunu jistghu jaghmluha maghhom. Jiena fil-fatt ma ridtx nara lit-tfal hlief sorijiet u patrijiet ma jarawx quddiemhom. In kwantu ghal Anthony Catania dana kien care worker ghal grupp ta' tfal iz-zghar gewwa San Guzepp. U David Cassar kien wiehed mit-tfal tal-istitut u hawn qed nirreferi ghal perjodu ta' Lulju 2003. dak iz-zmien David Cassar kellu 15 -il sena. Nghid illi fil-perjodu ta' Lulju 2003, it-tfal tal-istitut kellhom il-kmamar taghhom bis-suffett. Fil-perjodu tal-1982 – 1983 in kwantu ghad-dormitorju, dawna kienu jikkonsistu f'partitions kemm naha u kemm ohra u ma kienx hemm soqfa. Dawn it-tfal kienu jorqdu f'dawn il-partitions. Nghid jiena kont norqod fl-istess dormitorju pero' f' partition ghalija. U nghid is-sitwazzjoni kienet tali li anke jekk wiehed jiehu nifs matul il-lejl kien jinstema. Imbaghad nghid illi fl-2003 ahna, dawna l-partitions spiccajna li ghamilnihom bis-suffett u ghalhekk dawna minn partitions gew kmamar. Il-partitions imbaghad kienu tal-gypsum.

U ghalhekk biex nispjega dawn il-kmamar li issa ghamilnihom bis-suffett, dana kienu fid-dormitorju pero' mbaghad kien hemm is-saqaf fuq nett tad-dormitorju u l-kmamar pero' kellhom is-suffett ghalihom. In kwantu dak li allega David Cassar nghid illi dak il-perjodu kien hemm it-trade fair. Nghid illi jiena xtaqt illi t-tfal illi ma kienux qeghdin fid-djar taghhom dak iz-zmien, bhal David Cassar li ma kienx imur id-dar tieghu nohodhom it-trade fair. Jiena hadt tliet tfal tal-istitut u cioe' Roderick, lil David Cassar u lil C J. Nghid illi jiena fil-fatt hadt lil dawn it-tliet itfal tal-istitut it-trade fair u mieghi gie l-helper is-Sur Borg. Nghid illi meta konna fit-trade fair jiena ftehemt mat-tfal li jiena noqghod mal-helper u t-tfal iduru huma mat-trade fair u mbaghad ftehmna hin li nergghu niltaqghu lkoll flimkien.

Wara li jiena mort lura San Guzepp mieghi gew it-tliet itfal li semmejt. In kwantu ghal Mr Borg dak il-helper dak kien mar id-dar tieghu. Nghid illi ghal habta ta' nofs il-lejl neqes kwart nghid illi din kienet fl-10 ta' Lulju, 2003 nghid jiena mort inbiddel u lit-tliet itfal lil Roderick, lil David Cassar u lil C J ghidtilhom illi jien ma ridtx li t-television jinxteghel ghax kien sar hafna hin. Jiena pero' stennejt li nara l-ahbarijiet ta' nofs il-lejl fuq it-television. Jiena wara li kont biddilt bil-flokk tac-cingi u kelli boxer shorts ghaliex kien is-Sajf. Nghid illi jiena xeghelt id-dawl, xeghel it-television u l-bieb tal-kamra tieghi kien miftuh. Jien kont qieghed fuq is-sodda tieghi u kelli t-television mixghul. Hin minnhom nara lil David Cassar diehel fil-kamra tieghi u dan qalli il-ahwa x' babaw father. Qalli li ma setax jorqod. Jiena ghidtlu x' ghidtilkom mhux biex tmorru torqdu.

David Cassar dak il-hin kien liebes shorts normali u kellu flokk tac-cingi. Hu talabni biex ikun jista' joqghod jara naqra daqsxejn l-ahbarijiet. Jiena ghidtlu li all right pero' ghidtlu wkoll biss wara jmur jorqod. Nghid illi David Cassar imbaghad qaghad bil-qeghda fil-genb tas-sodda, fit-tarf tas-sodda u jiena qaghadt bil-qeghda fuq is-sodda. Nghid illi ma kinitx l-ewwel darba li David Cassar lili kien qalli biex naghmlu taqliba imma dana mhux fuq sodda. Nghid illi jiena mbaghad dak il-hin li kont qed nistenna l-ahbarijiet dana David Cassar l-ewwel qabadni minn saqajha. Imbaghad ipprova wkoll jaqlibni mis-sodda. Daka beda jagixxi b' dak il-mod assolutament biex jiccajta. Nixtieq nghid illi z-zghazagh kienu jiccajtaw mieghi u dan biex juru kemm huma b' sahhithom. Imbaghad nghid illi dahal il-care worker Tony Catania. Nghid illi meta l-care worker dahal fil-kamra tieghi, l-bieb tal-kamra kien miftuh u d-dawl kien mixghul. Nghid illi meta l-care worker Catania dahal fil-kamra tieghu jien kont qieghed liebes dicenti. Nixtieq nghid illi l-care workers kienu jorqdu fl-istitut pero' kellhom ukoll shiftx ta' bil-lejl. Dakinhar dan Catania kellu x-shift ta' bil-lejl. Nixtieq nghid illi dan Catania kien gieli dahal fil-kamra tieghi bil-lejl biex jghidli goodnight u gieli ukoll kien jieqaf ukoll u konna noqghod nitkellmu ftit. Ghalhekk dak il-hin li dahal fil-kamra tieghi dan Catania kien qed jaghmel ir-rondi. Jiena imbaghad

<u>tkellimt ma' Catania u ghidtlu kif ghaddejniha t-trade fair. David Cassar dak il-hin kien ghadu fil-kamra. Imbaghad wara li Catania kien diga' telaq mill-kamra tieghi, David Cassar qalli illi l-parti privata tieghi kienet qeghda barra.</u>

<u>Nghid illi jien grali hekk u kelli l-parti privata tieghi barra minhabba illi David Cassar kien qieghed jilghab mieghi bl-idejn. Nghid illi David Cassar ma kienx qieghed jilghab bil-parti privata tieghu. Ghalhekk nghid illi kien qieghed jilghab fis-sens illi kien qieghed jaghmel loghob ta' l-idejn fis-sens illi kien qieghed jaghmel qisu wiehed jista' jiddefeniha bhala wrestling. Jiena ma kontx indunajt li l-parti privata tieghi kienet hargitli barra. Dak il-hin li David Cassar gibidli l-attenzjoni ghal fatt li kelli l-parti privata tieghi barra, il-kliem li ghidt kien il-ahwa x'misthija.</u>

<u>Imbaghad il-kliem ezatt li kien qalli David Cassar kien illi jien kelli l-wolly barra u dak il-hin il-kelma wolly ma kontx naf xi tfisser. Pero' mbaghad indunajt ghal xiex. Imbaghad jiena dahhalt il-parti tieghi gewwa. Nghid illi mbaghad David Cassar kien ra bicca zghira mill-ahbarijiet u l-bqija tal-ahbarijiet rajthom wahdi. Nixtieq nghid li mbaghad Anthony Catania kien mar ghand Father Silvio u kien ghamel rapport u Father Silvio lil Catania kien qallu biex dan jaghmlu bil-miktub. Kien baghat ghalija Father Silvio. Father Silvio kien baghat ghalija, kien qalli li ma kienx raqad bil-lejl u qalli wkoll li kellu rapport dwari fuq abbuz sesswali.</u>

<u>Jiena rrispondejtu li hu kien jafni. Jiena ghidtlu illi lanqas intenzjoni ta' xejn ma kelli, assulutament. U nghid illi din kienet l-ewwel darba li kien sar rapport dwar abbuz sesswali fil-konfront tieghi fil-perjodu kollu ta' oltre tletin sena li jiena ghamilt niehu hsieb it-tfal. Dakinhar li lili Father Silvio kien kellimni qalli biex dakinhar stess jien nitlaq lejn Sant' Agatha. U staqsejtu ghalfejn. Pero' hu qalli li l-procedura kienet hekk u ahjar immur Sant' Agatha</u>. Jiena ghal ewwel ghazilt li mmur fejn hemm l-istudenti gewwa San Guzepp. Dana studenti tas-Socjeta' ta' San Pawl li kienu joqghodu fejn qabel kienu joqghodu s-sorijiet. <u>Jiena mbaghad lil Father Silvio kont tlabtu biex</u>

qabel jien nitlaq minn San Guzepp, immur inkellem lid-Direttur Spiritwali Father Frans li llum mejjet.

Jiena wara li hrigt minghand id-Direttur Spiritwali li dana kellu l-ufficju tieghu Fleur De Lys Birkirkara jien kif hrigt innutajt li kien hemm David Cassar li kien qieghed fit-triq qed jixtri Pizza. Jiena ghajjat lil David Cassar, dahhaltu fil-Okarozza tieghi. Jiena mbaghad soqt hdejn St Monica School biex inkun iktar fil-kwiet u jiena ghidtlu biex huwa jghid il-verita' in kwantu dak li gara l-gurnata ta' qabel filghaxija jekk jiena ridtx nabbuza bih. Huwa rrispondieni le mhux veru. Qalli li hu kien sejjer ikellem lil Father Silvio. Imbaghad naf li dan David Cassar kien irrilaxxa statement quddiem father Silvio. Jiena mbaghad kont spiccajt quddiem ir-response team il-Kurja. Nghid jien imbaghad mort quddiem ir-response team presedut mill-Imhallef irtirat Dr Victor Caruana Colombo u nghid kont ghamilt statement guramentat quddiem ir-response team.

Nghid illi qabel ma kont dehert ir-response team jiena kont mort noqghod il-Marfa. Meta kont qieghed il-Marfa nghid illi hemmhekk David Cassar, meta kont qieghed il-Marfa rcevejt telefonata minghandu bil-mobile phone tieghu fuq il-mobile phone tieghi biex jiena incempillu fuq il-mobile phone tieghu u jiena cempiltlu u ghidt lil David allavolja li hu kien jghid li ma kienx jemmen, ghidtlu biex jaghmel talba ghalija biex il-verita' tohrog. U nghid illi dan David qalli li s-Sur Catania u s-Social Worker kellhom imorru jidhru quddiem ir-response team qabel ma kelli mmur jien. Nghid illi r-response team il-konkluzjoni tieghu kien li kien liberani u kien qalli li jiena kelli nibqa' niehu hsieb it-tfal bhala genitur onest. Nesebixxi bhala dok CPA 3 kopja tal-konkluzjonijiet raggunti mir-response team. Nghid illi David Cassar kien jahdem ta' spiss ma' Lawrence Grech bhala cleaner tal-hgieg. Nghid illi dakinhar stess li kienu hargu l-konkluzjonijiet tar-response team, jiena kellimt lil David Cassar gewwa l-istitut ta' San Guzepp u ghidtlu qed tara allavolja ma temminx, meta haga ma tkunx vera imbaghad tohrog l-verita' kollha."

"..............................................................................................
........................"

“Nghid bil-gurament tieghi illi jiena qatt f’ hajti m’ abbuzajt sesswalment minn xi hadd.”

“..........................................................................................
.” “Nghid illi wara li Laurence Grech kien telaq mill-istitut ta’ San Guzepp huwa kien zamm kuntatt mieghi hafna. Nghid illi Laurence Grech kien jigi bhala helper jghinha specjalment il-Marfa. U nghid illi Laurence Grech lili kien jigi jarani. Jiena qatt m’ abbuzajt minn Laurence Grech. Irrid nghid ukoll li jiena iccelebrajt il-funzjoni taz-zwieg ta’ Laurence Grech u kien hu li talabni biex naghmel hekk.

Nixtieq nghid illi peress li Laurence Grech kellu problema rigwardanti dar jiena kont ghintu biex dana jsib dar. U kont hadtu ghand Benefattrici mill-Qrendi, Maria Bugeja u kienet taghtni mazz kbir tal-karti tal-hames liri kulur vjola u qaltli li jekk jiena jirnexxieli nsarrafhom qaltli biex nohduhom ghalina u dana ghal San Guzepp. U dana kont saqsejtha lilha jekk jiena jirnexxieli nsarraf dawn il-flus kelliex oggezzjoni li parti minnhom nghaddihom lil Laurence Grech biex ikun jista’ jaghmel depozitu fid-dar u hi qaltli li dawk kienet tathomli u jien naghmel li rrid. Nghid illi mbaghad irnexxielna nsarrfuhom dawn il-flus u lil Laurence Grech tajnih hames mitt lira Maltin. Fis-sens il-flus ghaddejnihom lis-sid tad-dar imma li bbenefika kien Laurence Grech. Jiena nghid illi lil Laurence Grech kont mort narah l-Awstralja. Nghid kemm domt l-Awstralja jiena ltqajt kemm -il darba ma’ Laurence Grech u dana meta kont qieghed f’ Sidney. U dan kwazi meta kont Sidney kont narah kwazi kuljum. U f’ dan il-perjodu li qed insemmi tal-Awstralja jiena gieli morna jiena u Laurence Grech wahedna naraw xi film u ukoll Laurence Grech gieli gie bil-mara tieghu u bit-tifel jiltaqa mieghi. Qieghed nesebixxi erba’ ritratti bil-kulur li qeghdin jigu esebiti rispettivament bhala dok CPA 4, dok CPA 5, dok CPA 6, dok CPA 7. Nghid ghalija Laurence Grech dwar dak li allega fil-konfront tieghi qed jigdeb. Nghid jiena ghal Laurence Grech kont ghamilt hafna ghalih. Nghid jiena nhoss li Laurence Grech qed jigdeb fuqi minhabba revenge u minhabba rabja kbira. Nghid illi Laurence Grech bhala

background tieghu kien li gej minn broken family u ma jidhirliex illi l-familja tieghu kien hemm xi Criminal Record.

<u>Nghid illi missier Laurence Grech jiena nafu bhala persuna pixxikalda. Jiena naf ukoll il-half brother ta' Laurence Crech. Jiena kont iltqajt mieghu l-habs u nghid illi dan kont rajtu hemmhekk ghax jien mort nara lil haddiehor u naf li dan kien qieghed mizmum il-Habs fuq drogi. Nghid illi dan il-half brother li kellimt il-Habs qalli illi in kwantu ghal Laurence Grech dak minn dejjem kien ahdar ghax darba qalli li dan Laurence Grech kien fetah il-gas biex kif missieru jqabbad sulfarina jtir b'kollox. Nghid illi Laurence Grech mhux l-ewwel darba quddiemi kien jirreferi ghal ommu bhala moghza. Lili Laurence Grech kien jghidli wkoll li ommu kienet tigi hawn Malta biex titolbu l-flus. Jiena naf illi Laurence Grech kellu kaz f' Malta Kriminali fejn huwa kien qabbad wiehed biex dana jahraq il-van tal-mara tieghu halli huwa u cioe' Laurence Grech ikun jista' jgib il-flus mill-insurance.</u>

<u>Dan id-diskors kien qaluli Laurence Grech u Laurence Grech kien qalli wkoll meta huwa kien gie ghal vaganza f' Malta kien ghamel rapport li kienu hadulu l-video camera u b' dan ir-rapport kien mar ghand il-Pulizija tal-Awstralja u kien iddobba camera gdida. Lili kien qalli fil-fatt li din il-camera ma kinux serquhielu. Fil-perjodu fejn David Cassar kien biddel il-verzjoni tieghu u jekk nghid li qed nigi mistoqsi jekk kienx fl-istess zmien illi huwa kien qed jahdem ma' Laurence Grech nghid li iva. Nghid l-allegazzjonijiet li saru wkoll minn Lennard u anke minn Joseph Magro kienu nibtu fl-istess zmien li qed insemmi. Kien ukoll fl-istess zmien li jiena kont mort Ruma ghax-xahar u tliet gimghat li domt hemm. Nghid qabel dan il-perjodu l-ebda wiehed minn dawn li semmejt ma kien ghamel allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali rigward l-involviment tieghi. Dawn l-allegazzjonijiet kollha nibtu meta David Cassar kien qed jahdem ma' Laurence Grech fil-perjodu li jiena kont qieghed Ruma. Sussegwentement nghid illi jiena sa kemm gejt biex immur Ruma ma kont smajt bl-ebda kaz fejn kien hemm xi allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali li kien involut jien.</u>"

"…………………………………………………………………………………………………"

"Nghid jiena it-tfal kienu lili gieli jghiduli li kienu qed jigu abbuzati sesswalment minn haddiehor u jiena kont immur nirraporta mal-ewwel. Kont nirraporta lis-Superjuri. Nghid jiena gieli wkoll rrapurtajt fuq kazijiet ta' bullying. Nghid illi ahna fl-istitut kemm -il darba gejna misruqin u darba minnhom qbadt red handed lil Angelo Spiteri. Hu talabni biex nahfirlu u jiena kont ghidtlu li xbajna li kienu jisirquna. Jiena mbaghad, nghid jiena kont irrapurtajt il-kaz tas-serq li ghamel Angelo Spiteri lil Father Kola u mbaghad dana Angelo Spiteri kien spicca biex gie mkecci." (Sottolinajr tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"Fuq domanda li qed issirli jekk kemm -il darba id-dipressjoni kinitx li bdiet fl-1973 nghid illi d-dipressjoni kienet qabditni anke qabel. Qed nigi mistoqsi jekk id-dipressjoni kinitx qabditni ghax kont noqghod l-Awstralja nghid li le. id-dipressjoni kienet qabditni qabel. Nghid illi d-dipressjoni meta kont l-Awstralja aggravat ruhha. Nikkonferma li meta gejt lura Malta hassejtni ahjar. Malta meta kont gejt lura kont niehu l-kura. Nghid illi ghal ewwel kont nohodha il-Kura minghand Dr Lino Schembri Wismayer u mbaghad minghand Dr Cassar. Nghid illi Dr Schembri Wismayer jiena kont niehu l-kura minghandu anke qabel is-sebghinijiet. Dr Schembri Wismayer kien general practitioner. Nghid illi f'Malta oltre Dr Schembri Wismayer u Dr Cassar jiena ma kontx mort ghand tobba ohra. nghid illi lil Dr Cassar kont imbaghad mort ghandu bhala Psikjatra wara li jiena kont gejt lura Malta wara it-tieni safra li jiena kont ghamilt l-Awstralja. Nghid illi kien ippreskrivili Dr Cassar il-pilloli Atarax, Ativan, Triptizol. U nghid illi meta jiena rani li qed niggrava tani wkoll is-Seroxat. Nghid is-Seroxat jiena kien ilni nohodhom qabel ma beda dan il-kaz. Nghid Dr Cassar il-Psikjatra huwa dak li illum huwa Segretarju parlamentari ghas-Sahha. Nghid illi fin-90's Dr Cassar kien diga' Psikjatra.

Nghid ukoll illi kien hemm fost it-tfal fl-istitut ta' San Guzepp li l-genituri taghhom kienu Kriminali u ghalhekk dawn it-tfal kien fil-familja taghhom background Kriminali. Nghid illi Joseph Magro nafu u kien wiehed mit-tfal li kien jiftah qalbu mieghi. Kien tifel sensittiv hafna. Nghid dana Joseph Magro u l-famija tieghu kienet nista' niddefeniha bhala familja ta' broken home. Qed ninnota li dan lil ommu ma kien isemmiha qatt. Lil Noel Dimech nafu. Nghid dan it-tifel ma kellux background Kriminali. Nghid illi pero' missier Noel Dimech kien bniedem aggressiv u gieli gie b'mod aggressiv fl-istitut. Dwar Lennard Cammileri nghid illi dan nafu. Nghid ghalija dan ma kienx gej minn familja Kriminali. Li naf biss li ommu kienet persuna aggressiva. Nghid illi fil-fatt din kienet aggressiva hafna. Gieli giet l-istitut u anki wadbet il-bocci tal-billiard. Dan rajtha jien personalment.

Jason Camilleri nafu jigi hu Lennard. Nghid illi Oliver Goodrum nghid dana ma kellux familja Kriminali pero' kien imur Social Contact. Nghid illi Raymond Azzopardi nafu. Dan ma kellux familja Kriminali pero' missieru kemm -il darba gie l-istitut u ghamel ghal father. Nghid illi Charles Falzon nafu u nghid illi kien gej minn familja Kriminali. Fil-fatt missieru kien Kriminal. Nghid illi missier dan it-tifel sa fejn naf jien qatt ma spicca il-Habs pero' kellu kazijiet Kriminali kontrih. Nghid missier Charles Falzon kien gieli gie l-istitut u wera attegjament aggressiv. Nghid illi dan fis-sens illi kien jigi l-istitut u jghajjat u jirrabja. Nghid lil Angelo Spiteri jiena nafu. Ma kienx gej minn familja Kriminali pero' missieru kien ta' spiss jikkomplejnja li t-tifel kien jisirqu u fil-fatt darba qalli li ma jkunx kuntent qabel ma jara lil ibnu taht il-Kaptelli.

Laurence Grech ma kienx jigi minn familja Kriminali. Nghid jiena kemm -il darba ltqajt ma' missier Laurence Grech. Ma niftakarx x'jismu Laurence Grech. Nghid jiena kont iltqajt ma' missier Laurence Grech xi tnax jew erbatax -il darba. Nghid kont sirt naf li dana l-persuna kien missier Laurence Grech ghax kienu qaluli s-Superjuri tieghi. Fil-fatt nghid kienu s-Superjuri tieghi li kienu ndikawli l-persuna bhala missier Laurence Grech. Laurence Grech jaf li l-persuna li qed insemmi huwa

missieru. Nghid kien Laurence Grech li qalli li l-persuna li jiena qed nirreferi ghaliha kien missieru. Jiena nikkonferma li Laurence Grech jaf min hu missieru."

"..............................................................................................................................."

"Nikkonferma li l-fl-istitut kien hemm tfal li kienu jbaghtu minn rabja kbira. Nghid fost dawn it-tfal li kienu jbaghtu minn rabja kbira kien hemm Charles Falzon, Angelo Spiteri, David Cassar. Nghid kien hemm ukoll Joseph Magro li kellu anqer kbir fuqu ghaliex skont hu dik li qeghda ma' missieru hadet post ommu. Nghid illi Laurence Grech kien gieli juri rabja specjalment fejn jidhlu affarijiet spiritwali. Nghid illi kien hemm tfal li ma kienux juru rabja kbira, kien hemm wiehed minnhom certu wiehed George Saliba. Nghid illi dana George Saliba kien gej minn familja tajba. Nghid kien hemm iktar minn erba' mitt tfal li kienu ghaddew minn taht idejja dment jiena domt niehu hsieb it-tfal tul oltre tletin sena li domt niehu hsieb it-tfal.

Nghid illi oltre t-tfal li semmejt kien hemm hafna tfal ohrajn fl-istitut illi kellhom ukoll rabja. Wahda mill-stresses li kelli kienet li t-tfal din ir-rabja li kellhom fuqhom kienu jitfawha fuqi. nghid li jiena u issa nhares lura nghid li jiena ma jiddispjacinix li ghamilt ix-xoghol li ghamilt mat-tfal u nhossni wkoll li kont kompetenti li naghmel dan ix-xoghol. Nghid illi jiena fil-fatt minkejja l-fatt li kelli l-kundizzjoni tad-dipressjoni nghid illi attegjament tat-tfal ghalkemm kien iwegghani lili in kwantu ghad-dipressjoni ma kinitx iggibili fi stat iktar gravi ghaliex jiena kont niehu l-attitudni illi jien kont qieghed naghmel il-missjoni tieghi. Jiena lit-tfal kont noraganizzalhom diversi attivitajiet fosthom kont naghmlilhom parties fil-birthdays taghhom. Kont naghmel ukoll norganizza hikes ghat-tfal. Nghid li gieli hrigna nieklu barra flimkien bhala familja u dan mal-helpers.

Nghid illi jiena fil-Marfa l-ewwel Birthday party li kont norganizza kien il-Birthday party tieghi ghaliex jiena kont naghlaq zmieni fis-7 ta' Awissu u allura konna naghmlu Birthday Party li kont norganizzah jien gol-Marfa. Nghid ukoll fl-ahhar tal-vaganzi jien kont naghmel party iehor.

Nghid illi l-party kont norganizzah jiena. Nghid illi l-hwejjeg x’ jilbsu t-tfal f’ dan il-party kont nipprovdih jien. Nghid dawn il-hwejjeg kienu jigu mill-affarijiet tal-Bazaar li kienu jaghtuna n-nies. Nghid jiena qatt f’hajti ma hassejt tendenzi omosesswali, anzi nghid kont allergiku ghalihom u kienet il-Knisja li lili dahlet fiha li nhoss sens ta; karita’ fil-konfront tal-omosesswali. Nghid illi kien hemm okkazzjoni fejn wiehed omosesswali kien gie il-Marfa u kien hemm ommu li kienet helper tghinna u jiena lit-tfal ghidtilhom biex joqghodu attenti minnu ghax kien omosesswali.

Nghid illi Magro kien irrispondieni wara li jiena avzajthom dwar dana t-tifel, Magro rrispondieni, intih daqqa f’ nofs il-bajd jekk jigi jmissni. Nghid ghal dana l-parties tal-Marfa kienu anke jigu jippartecipaw residenti tal-akwati u kien ikollna l-helpers ukoll.” “........................................” “Jiena naqbel illi jiena kont il-persuna li principalment kont norganizza u anke nara li tinzamm id-dixxiplina meta konna nkunu qeghdin il-Marfa. Gieli hallejt il-helpers jorganizzaw. Nghid illi jiena lanqas fil-weekend ma kont inkun wahdi mat-tfal. Dejjem kien ikun hemm xi hadd iehor. Nikkonferma li ghal party li kien ikun l-ahhar party tal-Marfa tal-istagun, il-hwejjeg kont ingibhom jien. Nghid illi dan il-party kien ikun speci ta’ fancy dress party. It-tfal kienu jilbsu ta’ nisa. Nghid illi min jirbah f’ dan il-fancy dress party ta’ kif ikun l-ahjar libes nghid dana kien jigi deciz bic-capcip u normalment dejjem kien jirbah l-izghar wiehed.

Nghid jiena gieli hadt ritratti ta’ dan il-party. Nghid illi fil-Marfa gieli kelli glied bejn it-tfal u kelli wkoll kazijiet ta’ bullying bejn it-tfal stess. David Cassar kien jigi l-Marfa. Nghid it-tfal ohrajn gieli qabdu ma’ David Cassar il-Marfa. Nghid in kwantu dan David gieli tfal ohra sawtuh u gieli kien jigi jispicca jigi jibki ghandi. Nghid illi fil-fatt David ma kienx jiehu pjacir il-Marfa. Nghid illi in kwantu ghal video li gie esebit fl-atti ta’ din il-kawza, u li fih jidher dan David li kien hemm min nezzghu nghid dak il-hin jiena kont qieghed nistrih allura ma kontx prezenti ghat-tehid ta’ dan il-video.

Nghid illi dan il-perjodu li ttiehed dana l-video jiena kont qed inbaghti minn depression, anzi nghid illi l-Marfa kienet isserrahni. Nghid illi fil-fatt Laurence Grech lili kien jghidli li meta jiena mort il-Marfa niehu r-ruh. Nghid illum jiena mhux qieghed nitkellem taht influwenza ta’ dipressjoni ghaliex id-dipressjoni qeghda regolata bil-pirmli. Illum qieghed nitkellem bhala wiehed imwegga’.

Qed jigi suggerit lili jekk kemm -il darba hux minnu li jiena fil-video li hawn esebit fl-atti fil-fatt nidher nghid li mhux veru. Dakinhar kont qieghed nistrieh. Jiena nikkonferma li l-video li huwa prezenti fl-atti ta’ din il-kawza huwa bicca mill-originali. Din il-bicca li tidher f’ dan il-video hija l-parti fejn jidher li kien qed issir l-abbuz fuq David Cassar. Dana quddiem it-tifla ta’ Laurence Grech u quddiem tifel zghir. Nghid li fil-video jiena nidher fiha pero’ m’ huwiex fil-parti tal-video li qeghda esebita f’ din il-kawza. Nghid illi l-video integrali huwa twil xi siegha. Nghid illi jiena l-video originali fl-intier tieghu rajtu kollu. Nghid dan il-video juri u jkopri l-perjodu kollu tas-Sajf gewwa l-Marfa kollu u mhux ta’ gurnata wahda.

Nghid illi fil-parti tal-video li huwa esebit fl-atti ta’ din il-kawza fejn jidher David Cassar jigi mnezza’ jien dak il-hin ma kontx qieghed prezenti. Jien kont qieghed nistrieh fis-sodda tieghi. Jiena nikkonferma bil-gurament tieghi li fil-hin li David Cassar kien qieghed jigi mnezza jien ma kontx hemmhekk prezenti. Jien kont qieghed dak il-hin nistrieh fil-kamra. Nghid dwar l-okkazzjoni fejn jiena semmejt li kien hemm David Cassar li pprova jaqlibni minn fuq is-sodda, nghid illi jiena lanqas kont indunajt illi l-parti privata tieghi kienet hargitli barra mill-qalziet. Nghid illi bhala stat ta’ fatt, f’ din l-okkazzjoni li qed insemmi l-parti privata tieghi kienet eretta. Nghid illi bhala stat ta’ fatt jien lanqas indunajt li l-parti privata tieghi kienet eretta. Kien David li kien qalli li kienet hargitli l-parti tieghi barra mill-qalziet u li kienet eretta. Qed jigi mistoqsi jekk il-care worker lili kien qalli li jiena kelli l-parti eretta privata tieghi barra, nghid li lili dan il-care worker ma qalli xejn. Ahna li tkellimna kienet dwar it-trade fair. Nghid jiena quddiem ir-response team tal-Kurja dehert darbtejn, wahda fuq l-okkazzjoni ta’ David

Cassar u l-ohra fuq l-okkazjoni meta kien hemm l-allegazzjonijiet li saru mbaghad wara.”

“..............................................................................................
........................”

“Nixtieq nghid illi inkwantu ghal istanza meta semmejt dwar din il-gurnata tat-trade fair, in kwantu ghal David Cassar nghid oltre dak illi ghidt illi ghamel David Cassar nghid illi David Cassar kien ukoll tela’ fuqi. Qed nigi mistoqsi jekk kemm -il darba jiena dak li kien qed jaghmel David Cassar ecitajtx ruhi sesswalment jew le, nirrispondi le jiena ma ecitajtx ruhi. Nghid illi David Cassar kien tifel li ma jiddejjaqx jirraporta fejn kellu jirraporta. Fil-fatt dan darba jiena kont ilqattu u griftu naqra kien mar u rraporta liz-Zija tieghu.

Jiena nghid illi jiena qatt m’ abbuzajt minn xi tifel sesswalment. Nghid illi jiena qatt ma missejt il-parti genital ta’ xi tifel. Nghid jien qatt ma missejt il-parti genital ta’ Lennard Camilleri. Nghid jiena qatt ma missejt il-parti genitali ta’ Joseph Magro. Nghid jiena qatt f’hajti ma tajt il-banju lil tfal gew guvintur. Nixtieq nghid illi darba Lennard Camilleri kien gabli ritratt u urieni ritratt tieghu gharwien u ritratt li kienu hadulu shabu u kien qalli ara x’ghamluli shabi. Jiena l-parti genital ta’ Laurence Grech qatt ma rajtu. Nghid jiena lil Laurence Grech qatt ma masturbajtu.

F’ dan l-istadju fuq talba tal-prosekuzzjoni qieghed isir konfront bejn ix-xhud l-imputat Carmelo Pulis u Laurence Grech liema Laurence Grech huwa iben missier mhux maghruf imwieled Pieta’ u residenti Santa Venera bil-gurament bil-Malti fil-konfront fil-prezenza ta’ l-imputat jghid:

Laurence Grech: Fuq domanda li qeghda ssirli nghid illi jiena missieri ma nafx min hu

Imputat C Pulis: Nghid illi jiena lili Laurence Grech kien semmieli li kellu missieru u li kien qieghed ma’ ohra u li kellu wkoll baby. Ma kienx qalli Laurence Grech minn fejn hu missieru. Laurence Grech lili kien qalli biex jiena ma

nghidx min hu missieru u huh u precizament kien qed jirreferi ghal half brother

Laurence Grech: Fuq domanda li qed issirli jekk jiena qattx rajt lil missieri flimkien ma' Father Pulis nghid illi qatt. Jien fil-fatt nghid illi jiena nikkonferma li jiena min hu missieri ma' nafx

L-imputat C. Pulis: Nghid jiena qatt ma ltqajt ma' missier Laurence Grech fil-prezenza tal-istess Laurence Grech pero' nghid illi jiena diversi drabi kont iltqajt ma' missier Laurence Grech. Dana missier Laurence Grech nista' niddeskrivih bhala persuna pjuttost qasir, xgharu pjuttost lixx, xaghru daqsxejn fartaz u generalment kien jigi bil-pushchair bit-tifla jew tifel. In kwantu x' jismu missier Laurence Grech ma nafx. Nghid illi x' kien jisimhom it-tifel jew tifla li kien jigi bil-pushchair biha missier Laurence Grech ma nafx u lanqas jinteressani. Jiena biex ma nweggax lil Laurence Grech lanqas kont nghidlu li kont iltqajt ma' missieru. Nghid jiena meta kont inkellem lil missier Laurence Grech ma kont nindirizzah bl-ebda mod. Jiena li kellimtu kien fuq affarijiet tal-Bazaar

Laurence Grech: Fuq domanda li qed issirli jekk jiena nikkonfermax dak li diga' xehedt f' dina l-kawza u nghid li jiena nikkonferma dak li xehedt u nghid illi wkoll illi l-imputat Carmelo Pulis kien abbuza sesswalment minni kif jien ddeskrivejt f' dak li xehedt f' dina l-kawza. Nghid illi kienu diversi drabi illi l-imputat Carmelo Pulis lili kien jimmasturbani. Nghid kien jaqbad saqajha u mbaghad jibqa' tiela' b' idejh. U l- iktar li kien jigi kien meta kont inkun fi stat fejn inkun qisni nofsi rieqed u nofsi mqajjem.

L-imputat C Pulis: Nghid dak li qed jghid Laurence Grech jiena nichdu u nghid li dan li qed jghid mhux veru. Nghid kieku jiena ghamilt hekk kelli l-wicc immur inzewgu lil Laurence Grech." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess xhud in kontinwazzjoni tal-kontro ezami, fl-istess Seduta, qal:

"....................................................................................................................................."

"Jiena fil-fatt sa kont irraportajt Assistent Head fuq abbuzi fuq it-tfal u anki kont xehedt f' kazijiet fil-Qorti biex nipprotegi abbuzi fuq it-tfal. Nghid jien ukoll anki qbizt ghal Laurence Grech meta hu kien gie lili jghidli illi hu kien abbuza minn dak u l-iehor. Nghid illi darba minnhom Laurence Grech lili cempilli u hu kien qalli li ma kienx ghadu jahdem ma' wiehed maghruf bhala s-Sincier ghaliex dana ir-ragel kien ipprova jabbuza sesswalment mill-istess Laurence Grech. Nghid illi jiena mbaghad kont mort ma' Father Bonnet inkellem lil dan is-Sincier biex nara ghaliex dan Laurence Grech ghadux jahdem hemmhekk, nghid illi dana s-Sincier kien qal illi huwa kien kecca lil Laurence Grech minn mieghu ghaliex hu kien jghidlu li jmur l-isptar mentri kien imur il-Marfa. U mbaghad kien ukoll qabdu jisraq." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"....................................................................................................................................."
"Nghid jiena kelli taht idejja xi erba' mitt tfal u minnhom minn dawn l-erba' mija kien hemm iktar minn mija li talbuni biex inzewwighom. Dana in kwantu mhux tfal biss ta' San Guzepp imma anke tfal tal-Kullegg. Qieghed nesebixxi bhala dok CPA 9 sketch li ghamilt jiena li jindika s-sular fejn jorqdu t-tfal. Nikkonferma illi fuq dina l-area kollha li qeghda tidher fuq dana l-isketch li ghadni kif esebejt ma kienx hemm shower. Nghid illi nixtieq inzid nghid illi meta kont gejt lura mill-Amerka lili Laurence Grech kien qalli lili wara li gejt Malta illi huwa kien joqghod ihalli l-bieb tal-kamra tieghu miftuha, kien joqghod b' mod qisu dizonest biex jara sa fejn jasal il-brother. U dana kien qed jirreferi ghal Brother Catania. U ghalhekk Laurence Grech bil-kliem tieghi urieni li kien qed jipprova jittanta lil Brother Catania.

F'dan l-istadju qieghed jerga' jsir konfront bejn l-imputat Carmelo Pulis u Laurence Grech iben missier mhux

maghruf imwieled Pieta’ u residenti Santa Venera bil-gurament bil-Malti fil-presenza ta’ l-imputat jghid:

Laurence Grech: Nghid illi jiena fuq domanda li qeghda issirli u cioe’ jekk kemm -il darba huwiex minnu li jiena kont noqghod mod dizonest fil-kamra tieghi bil-bieb miftuh halli nara sa fejn jasal brother Catania nghid li dan mhux minnu u jiena nichdu. Nghid ghalija l-imputat Carmelo Pulis qieghed jigdeb mija fil-mija. Lanqas naf min hu dan Brother Catania

L-imputat C Pulis: Jiena nghid illi dana li ghidt fuq dina li semmejt fuq Laurence Grech kif kien joqghod mod indicenti bil-bieb miftuh tal-kamra tieghu biex jara sa fejn jasal Brother Catania nghid dina hija verita’. Nghid illi jiena fil-fatt smajt lil Laurence Grech jghidli dan id-diskors f’ widnejja stess.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Joseph Michael Calleja li fis-Seduta tal-5 ta’ Ottubru, 2009, inter alia, qal:

“........................” “Nghid illi l-konessjonijiet tieghi ma’ l-istitut ta’ San Guzepp ta’ Santa Venera bdew fis-sena 1980 u komplew ’il quddiem.” Nghid dak il-perjodu jiena kont qieghed naghmel kors l-Universita’ fuq Social Work u iltqajt mal-futura mara tieghi. Dak iz-zmien hija kienet fil-weekends tohrog tifel Malti li kien ta’ karnagjon skur u dana fil-fatt kont spiccajt bdejt nohrog jiena lit-tfajla tieghi u nohrog dan it-tifel ukoll fil-weekends biex dana ma joqghodx wahdu fl-istitut ta’ San Guzepp peress li dan it-tifel kien residenti fl-istitut ta’ San Guzepp. Nixtieq nghid illi t-tifel kien taht il-kura ta’ Father Carmelo Pulis li qed naghrfu bhal wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. meta jiena gejt biex naghmel placement jiena ghazilt lil istitut ta’ San Guzepp u fil-placement tieghi bhala Supervisor kelli lil Father Carmelo Pulis. Nghid illi jiena sirt naf lil Father Carmelo Pulis minn 1980, fil-fatt qabel ma kont izzewwigt u dana stante il-fatt li konna qeghdin niehdu hsieb dana t-tifel fil-weekends.”

"……………………………………………………………………………………………………"

"<u>Nixtieq nghid illi kien hemm numru sostanzjali ta' tfal li kienu jispiccaw gewwa l-istitut ta' San Guzepp ghaliex il-familjari taghhom ma jkunux jistghu jikkontrollawhom. Kien hemm kazijiet ta' tfal li ma jkunux gew accettati f' istituti ohra u kien jispicca li jigu accettati l-istitut ta' San Guzepp propju minhabba f' hekk</u>."

"……………………………………………………………………………………………………"

"Nixtieq nghid illi jiena l-Father, in kwantu ghal Father Carmelo Pulis nghid jiena lil Father Pulis sirt nafu sew mill-1990 'il quddiem. Jien fil-fatt sirt Counsellor tieghu u ghalhekk sirt nafu ahjar milli kont nafu qabel. Father Pulis kien inkarigat mill-Maggor parti tat-tfal li kienu jkunu ta' eta' kbira ma kienx mat-tfal iz-zghar. Nghid ukoll illi kien persuna li kien jinkwieta biex ikun jista' jara lit-tfal ikunu fornuti bi bzonnijiet, naf illi Father Pulis kaz fejn ikun hemm zewgt it-tfal li riedu mountain bike irnexxielu jgib mountain bike kwazi ghat-tfal kollha. U nghid ukoll anke kazijiet fejn kien hemm htiega ta' zraben fejn anke intervjenejt jiena u gibna mal-erbghin par zarbun ghat-tfal godda.

U nghid il-problema kienet wahda finanzjarja ghaliex is-sitwazzjoni finanzjarja gieli ma kienx hemm flus nghid pero' kemm jiena u kemm hu konna naghmlu dak li huwa possibli biex it-tfal ikunu fornuti b' rizorsi. In kwantu ghal problema iktar gravi kienet dik rigwardanti l-edukazzjoni. Il-maggoranza tat-tfal ma kienux ihobbu l-iskola. Father Pulis kellu mat-tfal iktar pacenzja f'dana r-rigward tal-edukazzjoni u kien jaghmel l-isforzi tieghu halli jara li t-tfal ikomplu l-edukazzjoni."

"……………………………………………………………………………………………………"

"<u>Jiena madwar l-1990 kont sirt Counsellor ta' Father Pulis ghaliex Father Pulis f' dak il-perjodu kien qieghed ibaghti</u>

minn depression qawwija li f' dak il-perjodu kienet saret pjuttost kritika. Nghid illi ghalkemm kien ilu snin qabel ukoll ibaghti minn dipressjoni pero' din il-fazi kienet pjuttost qawwija u anzi nghid kienet akkutissima u allura jiena sirt Counsellor tieghu. nghid li kemm kont ili naf lil Father Pulis naf li huwa dejjem baghtha minn certu depression specjalment kazijiet fejn kien hemm problemi rigwardanti tragedji fil-familja tieghu. Nixtieq nghid Father Pulis kien u dana ta' sikwit kien gie bullied mit-tfal, nghid it-tfal minn Father Pulis ma kienux jibzghu."

"..................................................." "Nghid illi Father Pulis bhala persuna li zzomm dixxiplina kien pjuttost fqir. Nixtieq nghid illi Father Pulis meta jkun qieghed fi stat ta' dipressjoni ma kienx ikun fi stat ta' self confident u nghid illi l-problemi tieghu kienu oltre l-edukazzjoni kienu wkoll ghal izvilupp morali u religjuz tat-tfal. Tant hu hekk illi kien ukoll igibilhom qassisin barranin fis-sens li qassisin li ma jkunux minn tal-istitut jew minn tal-ordni tal-MMSP biex dawna kienu jigu jqarbnu t-tfal. Nghid kien hemm foist it-tfal li dina li Father Pulis igibilhom ghajnuna ghal privat. U anke tal-qassisin barranin biex iqerrhom kienu tant jarawha bhala hin zejjed li mhux talli ma kienux jmorru huma ghal dawk l-affarijiet, kienu jgeghlu tfal ohra wkoll li jiddezistu milli jmorru ghal dawna l-attivitajiet li kien qed jaghmlilhom Father Pulis.

Nixtieq nghid illi in kwantu ghal bullying bejn it-tfal jiena u Father Pulis konna nahdmu flimkien. Wiehed kien jinforma lil iehor skond min l-ewwel wiehed ikun gie nfurmat. Nghid illi l-maggoranza t-tfal fl-istitut ta' San Guzepp ta' Santa Venera kienu tfal kuntenti, kienu tfal ferhanin u kienu tfal li qeghdin jimxu tajjeb. Nghid pero' kien hemm l-eccezzjonijiet ta' tfal li kienu jaqalghu problemi. Dawn it-tfal numru ta' kazijiet minnhom kienu jistghu jigu kkontrollati pero' kien hemm eccezzjonijiet fejn dawn it-tip ta' tfal kienu mbaghad jaqalghu problemi li kienu koroh."

"........................................................................................
........................."

“Jiena kull stadju ta’ zminijiet ikun hemm dana l-grupp zghir illi jkunu tfal li ma tkunx tista’ tikkontrollahom. Nixtieq nghid illi Father Pulis kien jipprova juri t-tfal minhabba bla missier kien jipprova jaghmel kemm formazzjoni morali kif ukoll jghinhom fl-aspetti tal-edukazzjoni u jfornilhom oggetti materjali nghid pero’ kien hemm grupp ta’ tfal li kienu nkontrollabli. Nghid Father Pulis it-tfal ma tantx kienu jobduh, nghid pjuttost kienu jobdu lili. Pero’ kif ghidt kien hemm dana l-grupp ta’ tfal li kienu nkontrollabli, tfal illi f’ okkazzjoni minnhom anki serqu flus minn gewwa skrivanija li kienu flus li kienu ntizi biex jithallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Cirkostanza ohra fejn Father Pulis kien inpona illi t-tfal il-kbar ma joqghodux ma tfal mezzani fil-hin li dawn it-tfal mezzani jkunu qeghdin jistudjaw u konsegwenza ta’ dawna t-tfal il-kbar kienu harqu dining room b’ konsegwenza li jiena biex nassistih halli jintefa n-nar kont spiccajt qattajt lejl l-isptar. Kien hemm diversi okkazzjonijiet li kelli ndum fl-istitut ta’ San Guzepp sa tard bil-lejl, din ic-cirkostanza tan-nirien tad-dining room bqajt hemmhekk sal-hdax u nofs ta’ bil-lejl.

Nixtieq nghid illi f’ okkazjoni minnhom fejn giet sgassata kamra li fiha kollezzjonijiet ta’ armi u jiena kont gejt immsejjah tard bil-lejl mill-father biex inmur halli nassisti lil Pulizija biex inkunu nafu ezattament x’ gew misruqa minn dawn l-armi ghaliex jiena f’ cirkostanza precedenti kont qabbadt xi tfal u bl-assistenza tieghi biex inaddfu u naghtu search lil dawna l-armi allura kont iktar naf mill-Father x’ kien hemm bhala armi. Nixtieq nghid illi ghalija Father Pulis it-tfal kien jirnexxielhom jaghmlu affarijiet li bih it-tfal speci ta’ jghadduh biz-zmien fis-sens illi kien hemm cirkostanzi fejn tant kienu jitilghu fuq rasu illi dawna kienu jghidulu certi oggetti jkunu tilfuhom meta fil-fatt ma jkunu tilfuhom xejn. Ikunu bieghuhom biex jixtru sigaretti u dina jirnexxielhom lil Father Pulis ibelluhielu b’ tali mod illi jien stess kont nghidlu hallejthom ibelluhielek din ic-cirkostanza meta fil-fatt jien kont naf li t-tfal ikunu bieghu l-oggetti biex jixtru s-sigaretti u mhux tilfuhom. <u>Nixtieq nghid illi kien hemm zewg tipi ta’ abbuz sesswali li kienu qeghdin jissucedu gewwa l-istitut ta’ San Guzepp.</u>

Wiehed minnhom kien tip ta’ minn tfal kbar li kienu jumiljaw lil tfal zghar b’ agir li jiena xorta nikklasifikaha bhala agir ta’ natura sesswali fejn dawna per ezempju kienu icapsu bil-black taz-zraben il-genitali ta’ dawna t-tfal jew inkella biz-zejt. Dana kien ghal skop pjuttost ta’ umiljazzjoni milli iktar ta pjacir sesswali pero’ dejjem fil-qasam ta’ organu sesswali. Kien hemm imbaghad tip iehor li kien, nixtieq nghid illi ma kien l-ebda kaz li jiena nista’ nghid b’ certezza li gie ppruvat. Nista’ nghid li kien gie ppruvat illi xi tfal mill-kbar kienu abbuzaw sesswalment mit-tfal iz-zghar allegazzjonijiet kien hemm. Kien hemm imbaghad kazijiet wiehed minnhom partikolari kien ta’ persuna barranija li kienet inghatat xi xoghol ufficjali hawn Malta illi minn informazzjoni li kellna mit-tfal dana li kien hu li kien jiehu lit-tfal tal-istitut ta’ San Guzepp ghandu u dana kien jahsel it-tfal. Dawna kienu jkunu gharwenin u jahsilhom u kien hemm allegazzjonijiet illi dana kien jidhol ukoll ghax-shower mat-tfal u kien ukoll abbuza sesswalment ma’ dawn it-tfal. Dwar din ic-cirkostanza jiena u Father Pulis konna nfurmajna lil Pulizija dwar dan il-kaz.

Nixtieq nghid illi mbaghad ic-cirkostanza meta din il-persuna kienet regghet giet wara snin kienet regghet giet lura fl-istitut wara gimghat Father Pulis din il-persuna kien kecciha ’l barra.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-kontinwazzjoni tad-deposizzjoni ta’ Joseph Michael Calleja li fis-Seduta tal-25 ta’ Novembru, 2009, inter alia, qal:

“............................................................................................
.........................”

“Nixtieq nghid illi jiena u dan qed nghidu minn jeddi jien meta kont tfal kont gejt abbuzat sesswalment u nghid illi fil-fatt kont sirt Social Worker ghaliex jiena mbaghad kont sirt hafna sensittiv u kont persuna li c-cirkostanzi fejn ikun hemm abbuz kont ninduna minnhom. Nghid jiena l-esperjenza tieghi li ghaddejt minn San Guzepp tali abbuz da parti mill-istaff fil-konfront tat-tfal qatt ma ssuspettajt li kien ghaddej xi abbuz da parti tal-istaff fil-konfront tat-tfal.”

"....................................................." "Jiena niddeskrivi lili nnifsi super sensitive ghal dawn il-kazijiet ta' abbuz.

Nghid jiena b' dan il-kliem supersensitive qed nghid li jiena nkun supersensitive ghal dak li jkun jista' qed ihoss vittma. Nghid jiena ukoll ghandi kapacita' li naghraf certu sinjali u certu attegjamenti li ikunu jindikaw sitwazzjoni li ma tkunx f'postha u dan fl-ambitu ta' abbuz sesswali. Fil-fatt nghid illi jiena mill-esperjenza tieghi kont nista' ninduna d-differenza bejn attegjament fil-konfront tat-tfal li jkun attegjament normali minn certu tipi ta' attegjamenti li jkun hemm element ta' skop sesswali fihom. Nghid illi f' dawn is-snin kollha li jiena lil Father Carmelo Pulis u dana anke fl-ambitu tal-kwalifiki tieghi tal-esperjenza tieghi u tal-hin twil li jien ghaddejt ma' Father Carmelo Pulis jiena nista' nikkonkludi li qatt jiena ma dahali xi suspetti li Father Carmelo Pulis kien abbuza sesswali minn xi hadd. Nghid illi jiena kien hemm istanzi fejn kien hemm persuni li kienu outsiders ghal istitut fis-sens la kienu tfal u lanqas kienu staff li dawn kienu principalment persuni li wiehed jista' jghid li kienu voluntiera li l-attegjament taghhom fil-konfront tat-tfal kien tali li kien suspettuz dwar li seta' jkun hemm element ta' abbuz sesswali u jiena dawn il-kazijiet kont irrapurtajthom lil awtoritajiet kompetenti." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-kontinwazzjoni tal-kontro- ezami ta' Joseph Michael Calleja li fis-Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010, inter alia, qal: "......................................................................................... .........."

"Nghid meta Father Pulis kien ikellimni u konna niltaqghu u jiena kont nipprova nghinu biex hu jeghleb il-problema tieghu tad-dipressjoni. Nghid illi jiena Father Pulis ilu jbaghti bil-problema tad-dipressjoni minn kemm ilni nafu pero' jiena hawnhekk nixtieq nenfasizza l-fatt li jiena m' hiniex Psikjatra. Nghid illi father Pulis lili kien qalli illi huwa kien jiehu kura ghad-dipressjoni. Kien qalli ukoll li kellu tabib kuranti tieghu." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Dr Joseph Cassar li fis-Seduta tas-7 ta’ Mejju, 2010, inter alia, qal:

“.................................................................” “Nghid illi jiena lil imputat Carmelo Pulis qieghed prezenti fl-Awla nafu u nzid ukoll qieghed naghrfu prezenti fl-Awla. Nixtieq nghid li jiena lil Father Carmelo Pulis nafu kemm ukoll meta kien fl-MSSP u jiena kont kunsulent Psikjatra u allura kien gieli jgib it-tfal ghal konsulenza tieghi kif ukoll nafu ghax kien ukoll gieli iqaddes ir-Rabat. Nghid illi dana dwar dan li ghadni kif ghidt issa jiena qieghed fil-perjodu ta’ bejn l-1990 sas-sena 2001 meta mbaghad jiena lil Father Carmelo Pulis bdejt narah professjonalment. Nixtieq nghid illi jiena fil-fatt kont hadt over minn Psikjatra iehor stante li l-imputat lili kien qalli u qed nirreferi ghal imputat Carmelo Pulis kien qalli li hu kien ibghati minn stat ta’ ansjeta u illi fl-1998 huwa kien beda jara lil Psikjatra Dr Schembri Wismayer. Nixtieq inzid nghid illi mbaghad fl-2001 l-imsemmi Carmelo Pulis kien gie ghandi, qalli li kien anzjuz hafna ghax kien sejjer l-Awstralja u jien fil-fatt kont tajtu xi kalmant hafif biex inaqqaslu din l-ansjeta’.

Nixtieq nghid ukoll u dana ta’ valur ghal istorja psikjatrika tal-imsemmi pazjent Carmelo Pulis illi dan lili kien qalli illi kien hemm storja sinifikanti psikjatrika li tirrigwarda familjari tieghu. Hu qalli hu kellu zewg nanniet u neputi li kienu fil-fatt ikkommettew suwicidju. U dawna n-nanniet kienu miz-zewg nahat tal-familja. Tliet suwicidji f’ familja wahda huma meqjusin bhala gholja hafna. Inzid nghid ukoll illi lili qalli u dan qed nirreferi dejjem ghal imputat Carmelo Pulis li huwa kellu ukoll diversi membri parentati mieghu illi kienu jsofru minn ansjeta u sintomi ta’ dipressjoni u ansjeta u din hija komuni meta jkun hemm family history fejn ikun hemm l-element ta’ ansjeta u dipressjoni prezenti. Inzid nghid li ghal habta ta’ Lulju tal-2003 l-imsemmi pazjent kien cempilli. Huwa dak il-hin kien qieghed Ruma. Kien ukoll qalli li kien qieghed fi stat qawwi ta’ ansjeta u sintomi dipressivi. Jien fil-fatt kont inkwetajt u kont irreferejtu ghand il-kollega tieghi gewwa Ruma biex dana jkun jista’ jarah. Fil-fatt inzid nghid ukoll illi jiena mit-telefonata stajt ninduna li l-imsemmi pazjent

kien qieghed ibaghti minn stat qawwi ta' ansjeta' u dipressjoni u fil-fatt il-kollega kien irriskontra dak illi jiena ukoll hassejt illi kien qieghed ibaghti minnu l-istess pazjent billi ordnalu medicini biex jikkumbatti d-dipressjoni u l-ansjeta'. Sussegwentement jiena imbaghad l-imsemmi pazjent Carmelo Pulis bqajt narah regolament. Nghid illi jiena fil-fatt bejn il-perjodu tal-14 ta' Lulju tal-2003 sal-1 ta' Novembru 2006 lil pazjent Carmelo Pulis rajtu professjonalment ghal 21 darba.

Inzid nghid ukoll illi oltre dawn il-viziti kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien ikollna kuntatti telefonici bejni u bejn il-pazjent Carmelo Pulis li din hija haga komuni meta bejn il-Psikjatra u l-pazjent tieghu. nixtieq nghid illi ma kinitx l-ewwel darba li l-pazjent Carmelo Pulis tkellem fuq dak li ahna nsejhulu helplessness u hopelessness. Kellu sintomi sinifikattivi ta' suwicidju, kien jghid ukoll u dana diversi drabi illi huwa kien jixtieq illi jmut. Nghid in kwantu ghal pjani niex huwa jaghmel suwicidju dawn kienu fi ftit okkazzjonijiet u kien fil-kuntest li jiehu overdose ta' pilloli. Nghid illi l-ansjeta' fiha nnifisha hija kuntest normali. Nixtieq nghid illi per ezempju fil-kuntest ta' tifel li ha jmur jaghmel ezami din hija haga normali u hija mportanti ukoll fil-kuntest ukoll biex izid l-adrenalina u ghalhekk izid ukoll il-funzjonalita' tal-persuna. Pero' nghid illi meta Psikjatra jippreskrivi medicini rigwardanti ansjeta' dik l-ansejta' tkun lahqet livell m' huwiex normali allura jkun hemm dak li tissejjah bhala dysfunctionality. Fil-fatt nghid illi in kwantu ghal pazjent Carmelo Pulis il-livell tal-ansjeta tieghu kienet dejjem fuq il-livell ta' dysfunctionality. Fil-fatt nghid kien daqshekk dysfunctionality biex jiena ukoll flimkien mas-Superjur ta' Father Carmelo Pulis u cioe' Father Silvio Bezzina konna wasalna ghal konkluzjoni illi ma nhallux lil Carmelo Pulis isuq karozza." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"Nixtieq nghid illi in kwantu ghal kazijiet ta' suwicidju li kif ghidt diga' tlieta kazijiet ta' suwicidju fil-ambitu tal-familja tal-imputat Carmelo Pulis u dan kien hemm allura zewg nanniet u neputi li huwa mportanti mill-aspett Psikjatriku

huwa l-fatt illi tissussisti fil-persuna il-genetika li allura mbaghad tippredisponi ghal marda tad-dipressjoni u huwa mmaterjali jekk kemm -il darba s-suwicidju ikun sehhx meta l-persuna allura li ha tkun il-pazjent li jkollu membri tal-familja li jkunu kkommettew suwicidju dan jsir meta din il-persuna tkun ghadha zghira jew inkella meta tikber. Nghid illi in kwantu ghal ansjeta' nghid illi din hija kundizzjoni nevrotika u ghaldaqstant il-persuna u allura qed nirreferi ghal pazjent dan dejjem ikun lucidu.

Il-pazjent ma jkunx lucidu u allura jkun maqtugh mir-realta' dan ikun psikotiku, fit-termini legali dan jfisser li jkun mignun. U ghaldaqstant fil-kap ta' persuna li tkun qeghda tbaghti bl-ansjeta' u bid-dipressjoni dina dejjem tkun lucida u ghalhekk allura f' dan il-kaz ma jidholx kwistjoni jekk hemmx perjodu ta' ntervalli lucidi jew le. Nghid illi l-lucidita' fit-termini psikjatrici tfisser orjentament to time, place and person. Fi stat ta' meta persuna tkun qeghda tbaghti minn ansjeta' jew dipressjoni l-persuna tkun taf min hi, fejn qeghda u ukoll anke l-hin meta tkun qeghda titkellem."
"...........................................................................................
......."

"Nixtieq nghid illi l-ewwel darba li kont rajtu fis-sena 2003 bhala l-ewwel appuntament ta' dik is-sena kien fl-14 ta' Lulju tas-sena 2003 u dan qed nirreferixxi biss ghas-sena 2003. B'kollox fis-sens 2003 il-pazjent Pulis kien gie rani bhala viziti hames darbiet oltre bizibilju ta' telefonati li kien ghamilli. Nghid illi jiena qieghed taht impressjoni li kien qabel Lulju tal-2003 illi lili l-imputat Carmelo Pulis kien qalli li hu kien sar jaf illi kien sar xi rapport dwar abbuz sesswali fil-konfront ta; tfal tal-istitut ta' San Guzepp. Jiena ma niftakarx jekk huwa kienx qalli sempliciment rapport jew kienx semmieli rapport lil Kurja jew inkella rapport lil Pulizija. nixtieq nghid u dina ma kinitx f' okkazzjoni wahda li lili l-pazjent Carmelo Pulis kien kellu ansjeta' qawwija dwar din l-istorja li kienet inqalghet dwar l-abbuz tat-tfal u li lili kien jghidli li din il-haga kienet kisritu ghax hu kien ghamel daqshekk tant ghat-tfal u spicca kif spicca. Nghid mieghi huwa dejjem cahad li huwa kien abbuza sesswalment mit-tfal." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni ta’ John Debattista li fis- Seduta tat-2 ta’ Lulju, 2010, inter alia, qal:

“Jiena xogholi huwa ta’ Ghalliem.” “.................................................” “Nghid illi fil-qasam tax-xoghol tal-volontarjat jiena ghamilt xoghol ta’ volontarjat fl-istitut ta’ San Guzepp tal-Hamrun. Nghid bejn wiehed u iehor fil-perjodu li jien ghamilt xoghol ta’ volontarjat fl-imsemmi istitut kien bejn l-1983 sal-1993 jew 1994. Jiena kont immur fl-istitut ta’ San Guzepp prattikament kwazi kuljum”. “....................................................”
“ <u>Nixtieq nghid illi Father Carmelo Pulis lili darba kien qalli illi Alla hares jaqbad xi hadd jaghmel prattici omosesswali ghaliex kien jhezzu. Nghid lili kien javzani Father Carmelo Pulis biex jiena nzomm ghajnejja miftuha biex jekk nara xi haga f’dana r-rigward kont ninfurmah. Nghid jiena qatt ma rajt jew smajt dwar abbuzi sesswali bejn it-tfal bejniethom</u>.

<u>In kwantu ghal bullying din kienet komuni bejn it-tfal. Nixtieq nghid illi fil-parties li konna naghmlu gewwa l-Marfa nghid illi s-subien gieli libsu ta’ nisa</u>. Dawn qatt ma gew sfurzati minn hadd biex dawna jilbsu ta’ nisa.Nixtieq nghid illi Father Tomlin kien kontra li jsiru dawna l-parties bis-subien lebsin ta nisa pero’ t-tfal dina xtaquha huma. U fil- fatt kienu protestaw meta kien hemm ordni biex ghal sena minnhom din il-party bit-tfal lebsin ta’ nisa ma jsirx.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Inkwantu ghal dak li xehed Raymond Azzopardi (wiehed mill-parte civile f’din il-kawza) fis-Seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2003 jemergi li l-imsemmi Raymond Azzopardi jsemmi persuna li skond hu abbuzat minnu sesswalment, liema persuna pero’ mhix wahda mill-imputati Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri.

Rigward dak li xehed Kevin Micallef (wiehed mill-parte civile f’din il-kawza) fis-Seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2003 mkien ma jsemmi li hu kien gie abbuzat sesswalment mill-imputat Carmelo Pulis jew mill-imputat Francesco sive Godwin Scerri.

Dwar l-imputat Carmelo Pulis il-Qorti tirrileva li l-artikoli mibghuta mill- Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 (ara fol. 162 tal- Process) fil-konfront tal-imsemmi imputat Carmelo Pulis huma l-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali.

Illi minn ezami tal-provi processwali u fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddikjara li nkwantu ghall-akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Carmelo Pulis din l-akkuza ma' tirrizultax inkwantu tirrigwarda l-parte civile Raymond Azzopardi stante li dan l-imsemmi parte civile f'dak li xehed f'din il-kawza ma' jirreferix ghall-imputat Carmelo Pulis bhala persuna li abbuzat sesswalment minnu (ara deposizzjoni ta' Raymond Azzopardi moghtija fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003 fol. 93 et seq. tal-Process) u lanqas ma tirrizulta nkwantu tirrigwarda l-parte civile Kevin Micallef stante li dan l-imsemmi parte civile f'dak li xehed f'din il-kawza imkien ma jghid li l-imputat Carmelo Pulis kien abbuza sesswalment minnu (ara deposizzjoni ta' Kevin Micallef moghtija fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003 fol. 109 et seq. tal-Process), pero' din l-akkuza kif tinkwadra ruhha fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill- Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 fil-konfront tal-imsemmi imputat Carmelo Pulis tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil- konfront tal-istess imputat inkwantu tirrigwarda l-parte civile Lawrence Grech, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Charles Falzon, Jason Camilleri u David Cassar u dan limitatament nkwantu sehh fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u nkwantu tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri u dan limitatament inkwantu sehh fil-Marfa. Inoltre rigward din l-imsemmija akkuza moghtija fil-konfront tal-imsemmi imputat Pulis u li tirrigwarda l-parte civile Lawrence Grech, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Charles Falzon, Jason Camilleri, David Cassar u Leonard Camilleri l-Qorti tiddikjara li tissusisti c-cirkostanza aggravanti msemmija fis-subartikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u cioe': "*jekk id-delitt isir minn...................., jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu*."

Il-Qorti tirrileva li kellha l-opportunita' li tisma' ix-xhieda kollha li xehdu f'din il-kawza u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tista' tosserva l-komportament tal-persuna meta din kienet qeda tiddeponi.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak li xehdu rispettivament l-parte civile Lawrence Grech, Leonard Camilleri, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Charles Falzon, Jason Camilleri u David Cassar dwar dak li sehh fil-konfront taghhom da parti tal-imputat Carmelo Pulis hu kredibbli.

Rigward il-parte civile David Cassar nkwantu dak li xehed fis-Seduta tal- 31 ta' Ottubru, 2003, bil-video conferencing, dwar dak li sehh fil-kamra tal-imputat Carmelo Pulis wara l-mawra fit-trade fair, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran minn tali deposizzjoni:

"..........................." "Jien mort sa fejn il-kamra ta' Fr. Pulis biex nara l-ahbarijiet u f'daqqa minnhom hu hareg il-parti tieghu u lili beda jbabasni u kif semgha il-passi tal-care worker nehha idejh mill-ewwel u l-care worker qabdu bil-parti tieghu barra. Nghid jien ukoll inhsadt u anke il-care worker inhasad. U nghid il-careworker kien hareg lura u mar f'postu u Fr. Pulis qalli ara x'garalna". (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra issa ticcita s-segwenti brani mid- deposizzjoni ta' Anthony Catania li fis-Seduta tad-29 ta'Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien nahdem bhala careworker fid-dar ta' San Guzepp gewwa St. Venera u ilni f'dan ix-xoghol mill-1997." "..........................................................."
"Nghid li fl-10 ta' Lulju li ghadda............." "Kienu ghall-habta ta' xi 11.45 pm ta' l- 10 ta' Lulju, dhalt fil-flat tal-kbar. Il-flat kien prattikament mitfi. Osservajt li kien hemm il-kamra ta' Fr. Charles Pulis li kellu d-dawl fil-kamra li kien mixghul. Jien kull meta nara d-dawl mixghul dejjem mmur nghidlu good night. Il-bieb tal-kamra kien miftuh. Jien mort magemb il-bieb tal-kamra. Jien osservajt li kien hemm tifel

li huwa David Cassar residenti mal-kbar fl-istitut li kien mindun fuq Fr. Pulis. Fr Pulis kien mindud fuq is-sodda tieghu u dan David kien mindud fuq il-father. Fr. Pulis kien liebes flokk ta' taht tac-cingi u boxer shorts. It-tifel jidhirli kien liebes qalziet twil u t-shirt. Kif jien imbghad wasalt gewwa l-intrata tal-bieb jien pero ma dhaltx gol-karma, mbuttajt pero nixtieq nghid speci ta' mbotta ghax ma mbuttajtx b'mod aggressiv u pjuttost nghid li nehha b'idejh lil David minn fuqu u qallu mur lil hemm x'inti fitt u imbghad David spicca bil-qeghda fuq it-tarf tas-sodda u imbghad Fr. Pulis minn mindud fuq is-sodda spicca bil-qeghda b'dahru jistrieh mat-tustiera tas-sodda. Nghid dak il-hin Fr. Pulis kien f'posizzjoni kemxejn imbarazzanti ghax kellu l-pene erett u li kien dan hariglu barra mill-qalziet ta' taht. Jien hassejt li David kien qisu iktar sorpriz minn Fr. Pulis. Deher ukoll anke misthi dan David. Nghid Fr. Pulis lili beda jkellimni dwar il-harga li kienu ghamlu iktar qabel dak il-lejl u fil-fatt kienu marru t-trade fair. Smajt lil David jghid 'ara dan bil-willy barra' u kien qed jirreferixxi ghall-pene ta' Fr. Pulis. Fr. Pulis baqa jkelimni fuq il-mawra tat-trade fair. Wara xi ftit minuti ghidtilhom good night. Meta jien tlaqt minn hemm it-tifel kien baqa hemm gew fil-kamra ta' Fr. Pulis u mort inkompli r-ronda tieghi mal-grupp taz-zghar. Nghid li jien sakemm domt hemm gew Fr. Pulis ma tghattiex u baqa bil-pene mikxuf u erett fis-sens li l-pene tieghu kien ghadu barra mill-qalziet ta' taht tieghu. Nghid biex nippreciza li l-qalziet ta' taht ta' Fr. Pulis kien boxer shorts. Jien imbghad spiccajt mix-xoghol l-ghada fit-8.00am. Qabel ma tlaqt mix-xoghol........... jien fis-6.30am kellimt lid-direttur Fr.Silvio Bezzina dwar dak li rajt rigwardanti Fr. Pulis u t-tifel David Cassar. Hu talabni biex naghmillu rapport bil-miktub. Jien ir-rapport bil-miktub ghamiltu dak il-hin stess................" "Dan jigifieri fis-7.30am ir-rapport kien qieghed ghand Fr. Silvio." (Sottolinjar tal- Qorti).

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra issa ticcita s-segwenti brani mill-kontro- ezami tal-imputat Carmelo Pulis (Seduta tas-17 ta' Frar, 2009): "Nghid dwar l-okkazzjoni fejn jiena semmejt li kien hemm David Cassar li pprova jaqlibni minn fuq is-sodda, nghid li jiena lanqas kont indunajt illi l-parti privata tieghi kienet hargitli barra mill-qalziet. Nghid

illi bhala stat ta' fatt, f'din l-okkazzjoni li qed insemmi l-parti privata tieghi kienet eretta. Nghid illi bhala stat ta' fatt jien lanqas indunajt li l-parti privata tieghi kienet eretta. Kien David li kien qalli li kienet hargitli l-parti tieghi barra mill- qalziet u li kienet eretta." "................................" "Nixtieq nghid illi inkwantu ghal istanza meta semmejt dwar din il-gurnata tat-trade fair, in kwantu ghal David Cassar nghid oltre dak li ghidt illi ghamel David Cassar nghid illi David Cassar kien ukoll tela' fuqi. Qed nigi mistoqsi jekk kemm -il darba jiena dak li kien qed jaghmel David Cassar ecitajtx ruhi sesswalment jew le, nirrispondi le jiena ma ecitajtx ruhi." (Sottolinjar tal- Qorti).

Hawn il-Qorti tirrileva li l-istess imputat, fl-istess Seduta, fil-kontro-ezami, qal ukoll is-segwenti: " Nghid jiena qatt f'hajti ma hassejt tendenzi omosesswali, anzi nghid kont allergiku ghalihom u kienet il-Knisja li lili dahlet fiha li nhoss sens ta; karita' fil-konfront tal-omosesswali. Nghid illi kien hemm okkazzjoni fejn wiehed omosesswali kien gie il-Marfa u kien hemm ommu li kienet helper tghinna u jiena lit-tfal ghidtilhom biex joqghodu attenti minnu ghax kien omosesswali." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrimarka li l-imputat Carmelo Pulis f'cirkostanzi fejn ihalli minuri fil-kamra tieghu ghal habta ta' 11.45pm, liebes flokk ta' taht u boxer shorts, bit-tifel mindud fuqu u jispicca bil-pene tieghu erett imbaghad jghid li hu qatt f'hajtu ma hass tendenzi omosesswali u li kien allergiku ghall-omosesswali, hu, a dir il meno, kontradittorju.

Fil-kaz odiern jemergi agir da parti tal-imputat Carmelo Pulis li l-Qorti tiddeskrivih bhala wiehed altament disgustanti. Dan agir li sehh fuq medda ta' snin minn persuna li kellha ir-responsabilta' li tiehu hsieb dawn il-minuri. Jirrizulta li kien hemm minuri li gew abbuzati sesswalment mill-imsemmi imputat Carmelo Pulis ghal diversi drabi u dan tul medda ta' zmien. Tfal li diga' kellhom sofferenzi f'hajjithom peress li kellhom jispiccaw jitrabbew f'istitut u mhux fin-nukleu tal-familja naturali u li spiccaw ukoll abbuzati sesswalment minn persuna li kellha l-missjoni li tara li dawn it-tfal jitrabbew fl-ahjar mod

possibbli fic-cirkostanzi gia’ spjacevoli ta’ hajjithom. Fost l-atti li saru kien hemm tbaghbis tal-parti privata tat-tfal, masturbazzjoni tat-tfal, gieli tali masturbazzjoni sal-istadju tal-ejakulazzjoni, gdim fuq il-halq u fuq ix-xuftejn tal-minuri, bews fuq ix-xuftejn tal-minuri u li l- vittma tigi mgiela timmasturba lill- imsemmi imputat . Dan kien agir ta’ ghemil zieni mill-aktar moqziez li b’mod car ikkawza lezjoni fl-integrita’ morali tal-minuri.

L-imputat Carmelo Pulis fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tas- 17 ta’ Frar, 2009, inter alia, qal: “.................................” “Jiena bil- gurament tieghi nghid li jiena qatt kemm domt fl-istitut ta’ San Guzepp niehu hsieb it-tfal m’ abbuzajt sesswalment minn xi tfal. Nghid bil-gurament tieghi jiena qatt f’hajti m’abbuzajt sesswalment minn xi hadd”.

Dwar is-sussistenza tal-akkuza migjuba kontra l-imputat Carmelo Pulis inkwadrabbli fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali kif moghtija mill- Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 15 ta’ April, 2004 u dan limitatament kif dikjarat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, tirreferi ghal brani minn dak li xehdu f’din il-kawza l-parte civile Lawrence Grech, Leonard Camilleri, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Jason Camilleri, Charles Falzon u David Cassar u riportati aktar qabel f’ din is-Sentenza u dan senjatament ghal dak sottolinjat minn din il-Qorti.

Pero’ l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha terga’ ticcita minn brani tad- deposizzjoni ta’ Joseph Magro (Seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2003, liema deposizzjoni saret bil-video conferencing), fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

“................” “Imma meta jien tlajt mal-kbar bdiet il-kunfidenza ma Fr. Pulis. Kien anke jigi jigdimni. Dan jismu Fr. Charles Pulis u dan meta jigdimni kien idahhal idejh fil-patata u nzghid nghid li meta dak kien jigi jqajjimni fil-ghodu kien joqghod ibusni fuq xufteja u jmissli partijiet sesswali tieghi.” “....................................” “ Dan li semmejt dwar li ghedt li kien jghamilli Fr. Pulis kien isehh ghal diversi drabi u kien hemm sentejn zgur. U dan kien

qisu fil- perjodu ta’ meta jien kelli 15-il sena sa 17-il sena. Nghid li jien bdejt naghmel hilti kollha biex jien qabel ma hu jidholli fil-kamra kont inqum qabel pero nghid mhux dejjem kien jirnexxieli. Jien kont inkun go kamra ghalija. Nghid filghodu kien jidhol Fr. Pulis. Il- bieb kien jaghlqu warajh.” “......................................”. “Hu kien jidhol, kien jinzel baxx kokka u kien joqghod ibusni fuq xuftejna u nhoss idejh fil-parti tieghi u hawn hekk qed nirreferi ghall-parti genitali. Wara hafna bews u gdim fuq xuftejja jien kont nilghaba li ghadni rieqed. Jien kont nisthi hafna minnu. Imbaghad x’hin ilesti kien jghidli ’qum issa Joseph qum’ u kien johrgo il-barrra. Jien kont inqum u mmur nirremetti. Nghid li kien idahhal idejh u joqghod jilghab bih.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Dwar is-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fl-akkuza migjuba kontra l- imputat Carmelo Pulis liema cirkostanza tinkwadra ruhha fis-subartikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u cioe’: “*jekk id-delitt isir minn.................., jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu”,* il-Qorti issa sejra ticcita s-segwenti:

(i): Bran mid-deposizzjoni tal-imputat Carmelo Pulis (Seduta 17/2/2009- fol. 541 tal-Process): “Nixtieq nghid illi jiena l-iskop tieghi meta niehu hsieb dawn it-tfal kienet illi dawn it-tfal inressaqhom iktar lejn l-ambjent li jkunu qeghdin jghixu f’familja, cioe’ li jkunu qeghdin jghixu f’ normalita.” (Sottolinjar tal-Qorti).

(ii): Bran mill-kontro-ezami tal-imputat Carmelo Pulis (Seduta 17/2/2009 – fol. 558 tal-Process): “Jien naqbel illi jiena kont il-persuna li principalment kont norganizza u anke nara li tinzamm id-dixxiplina meta konna nkunu qeghdin il-Marfa.” (Sottolinjar tal-Qorti).

(iii): Bran minn dokument Dok CPA 8 liema dokument jinsab esebit minn fol. 583 sa fol. 584 tal-Process esebit mill-imputat Carmelo Pulis waqt il- kontro-ezami tieghu (Seduta 17/2/2009): “1977—2003 Back to St. Joseph as a Housefather and Head of Housekeeping”.

Rigward dan id-dokument l-imputat Pulis qal fl-imsemmi kontro-ezami: "Qieghed nesebixxi dok CPA 8 li huma n-notamenti illi jiena gibt mieghi llum u li waqt id-deposizzjoni tieghi kien hemm htiega li kull tant nirreferi ghalihom u dana minhabba li jiena d-dati ma niftakarhomx".

Rigward is-sussistenza ta' l-imsemmija cirkostanza aggravanti, oltre ghas-suespost, il-Qorti, sabiex jigu evitati ripetizzjonijiet, tirreferi ukoll ghal dak li xehdu l-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Charles Falzon u Oliver Goodrum f'din il-kawza.

Dwar l-imputat Francesco sive Godwin Scerri il-Qorti tirrileva li l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 (ara fol. 162 tal-Process) fil-konfront tal-imsemmi imputat Francesco sive Godwin Scerri huma l-artikoli 198, 18 u 203 tal-Kodici Kriminali.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Francesco sive Godwin Scerri li tinkwadra ruhha fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali il-Qorti tiddikjara li minn ezami tal-provi prodotti tali akkuza fil-konfront tal-imsemmi imputat Francesco sive Godwin Scerri ma tirrizultax nkwantu tirrigwarda l-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef u dana stante li minn dak li xehdu rispettivament dawn l-imsemmija persuni jemergi li mkien ma jsemmu li huma kienu gew abbuzati sesswalment mill-imputat Francesco sive Godwin Scerri.

*Ex abbundante cautela* il-Qorti terga' tirrileva li kellha l-opportunita' li tisma' ix-xhieda kollha li xehdu f'din il-kawza u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tosserva il-komportament tal-persuna meta din kienet qeda tiddeponi.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak li xehdu rispettivament il-parte civile Oliver Goodrum u Leonard Camilleri dwar dak li

sehh fil-konfront taghhom da parti tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri hu kredibbli.

Inkwantu ghall-parte civile Oliver Goodrum il-Qorti, rigward l-akkuza inkwadrabbli fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imsemmi imputat Francesco sive Godwin Scerri, sejra ticcita s-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-imsemmi Oliver Goodrum (Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003):

"Jien twelidt fil-5 ta' April 1971. Nghid jien naf li l-Qorti taghtni l-gurament biex jien nghid is-sew. Jien ghamilt zmien l-istitut ta' San Guzepp ta' St. Venera. Jien meta dhalt l-istitut ta' san guzepp kelli 11-il sena. U domt hemm hekk sakemm kelli 15-il sena." "..............................." "Jien fid-dar tas-Sajf fil-Marfa gieli mort u nghid li hemm hekk u allura god-dar tal- Marfa kien hemm Fr. Godwin li waqt li jien nkun ghaddej fil- kurutur Fr. Godwin kien jigi jmissli l-genitali tieghi minn fuq il-qalziet u nghid din grat hafna drabi. U baqghet ukoll sejra hekk sakemm jien imbhgad tlaqt mill-istitut." "................................" "Nghid jien qed naghraf fl-awla fil-bank ta' l-imputati lil Fr. Godwin li qieghed fuq in-naha tax-xellug quddiem il-Magistrat............................." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fid-dawl ta' dawn il-brani riportati minn dak li xehed Oliver Goodrum (Seduta 29/10/2003) il-Qorti hi tal-fehma li tali agir da parti tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri fil-konfront tal-minuri Oliver Goodrum jammonta ghal korruzjoni ta' minorenni u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghal dak riportat aktar qabel f'din is-Sentenza mis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il- Pulizija v Thomas Wiffen.**

F'dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita s-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri li fis-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2004, inter alia, qal: "......................................" " Nghid fit-12 ta' Jannar ta' l-1981 jien mort il-Canada bhala Missjunarju ............." "Jien hemmhekk ghamilt mill-bidu ta' l-1981 sa Settembru ta' l-1991."

"......................................................................................."
"Jien gejt lura Malta fil-21 ta' Settembru, 1991. Nghid jiena fit-2 ta' Jannar ta' l-1992 mort gewwa l-Ingilterra biex jiena naghmel *supply work* gewwa Kent. Jiena domt hemmhekk sal-bidu ta' April ta' l-1992. Imbaghad jiena ergajt lura Malta u inzilt fid-Dar ta' San Guzepp, Sta Venera. Jiena hemmhekk ma kelli xejn x'naqsam mat-tfal; kien hemm il-komunita taghna, il-qassisin, u kont fiha."
"...........................................................................................
.............."

"Nixtieq nghid illi in kwantu ghal Oliver Goodrum, jiena din il-persuna qatt ma rajtha b'ghajnejja. Nixtieq nghid illi jiena fit-12 ta' Jannar, 1981 jiena kont tlaqt lejn il-Canada u minn verifiki li ghamilt dana Oliver Goodrum dahal gewwa l-Istitut ta' San Guzepp fis-7 ta' Settembru, 1981 u hareg mill-Istitut fit-2 ta' Settembru ta' l-1987. Jiena rritornajt lura Malta fl-1991. Jiena fil-perjodu li semmejt, bejn l-1981 u l-1991 kont gejt Malta fl-1985 biex inzewweg lin-neputija u nghid illi jiena f'dik is-sena gewwa l-Istitut ta' San Guzepp qatt ma mort fih." "................................"

"Nghid illi in kwantu, nixtieq nghid illi in kwantu ghal dana Oliver Goodrum jien l-ewwel darba li rajtu kien hawnhekk il-Qorti rigwardanti din il-kawza odjerna u nghid illi qabel ma kontx rajtu f'hajti."

"...........................................................................................
........................."
" Nixtieq inzid nghid illi fil-perijodu li jiena fl-1985 kont qieghed Malta biex inzewweg lin-neputija, lanqas fid-dar taghna l-Missjunarji gewwa l- Marfa jiena qatt ma kont mort. Jiena assolutament nichad dak kollu illi xehed Oliver Goodrum fil-konfront tieghi u inzid nghid jiena mhux talli din il-persuna ma abbuzajtx minnha, talli nghid ukoll illi dana Oliver Goodrum jiena lanqas biss nafu." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fir-rigward ta' dak li xehed l-imputat Scerri il-Qorti taghmel referenza ghad-Dok. FGS 8 esebit mill-istess imputat (ara minn fol. 198 sa fol. 199) tal-Process li fih, inter alia, hemm imnizzel " Sept 21 1985 Arrival Malta". Jigi

osservat li l-kelma “Arrival” miktuba bil-linka blu qeda fuq il- kelma kancellata “Departure” (fol.198 tal-Process) mentri fuq il- passaport esebit mill-istess imputat bhala Dok FGS 4 f’pagna 8 tal-istess passaport hemm timbru datat 21/ 9/1985 departure Malta. Inoltre skond l-istess passaport hemm timbru datat 20/7/1990 departure Malta liema data mhix inkluza fid-Dok. FGS 8. Minn dan temergi d-domanda kif allura bejn it-tluq minn Malta mill-21/9/1985 sal-20/7/1990 fejn fuq l-istess passaport hemm timbri departure Malta, ma tirrizultax prova fil-passaport Dok FGS 4 ta’ meta kien dahal Malta l-imputat wara l-21/9/1985 u qabel ma rega’ telaq minn Malta fil-20/7/1990? Is-sens komun iwassal ghal konkluzzjoni li la skond it-timbri tal-passaport tal-imputat Scerri kien hemm zewg dati ta’ tlugh minn Malta minghajr ma hemm prova ta’ dhul f’Malta bejn dawn id-dati tal- 21/9/1985 u l-20/7/1990 bilfors l-imputat Scerri kien Malta wara l-21/9/1985 u qabel l-20/7/1990 biex hu setgha jitlaq minn Malta fl-20/7/1990! Fil-fehma tal-Qorti dan jiskredita lill-imputat Scerri. Ergo ma treggix it-tesi difensjonali li l-imputat Francesco sive Godwin Scerri ma kienx f’Malta meta skond il-parte civile Oliver Goodrum sehhew l-abbuzi sesswali fuqu da parti tal-imputat Scerri.

Dwar is-sussistenza tac-cirkostanzi aggravanti fl-akkuza issa in disamina fil-konfront tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri li tirrigwarda l-parte civile Oliver Goodrum, liema cirkostanzi aggravanti huma elenkati fis-subartikolu 203(1) (a), (b) u (c) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal- provi prodotti l-ebda wahda mic-cirkostanzi aggravanti elenkati fl-imsemmi subartikolu ma tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Il-Qorti hawn tiddikjara li fid-dawl tas-suespost, rigward l-akkuza in disamina, din l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-konfront tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri nkwantu l-imputat Oliver Goodrum u dan limitatament nkwantu sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti.

Rigward l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Godwin Scerri li jirrigwardaw il-parte civile Leonard Camilleri l-Qorti sejra

ticcita s-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' l-imsemmi Leonard Camilleri li fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fit-2 ta' Lulju 1977." "............................................................"

"Inzerta kien sajf minnhom li tlajna il-Marfa u hemm hekk bdiet esperjenza kerha ohra. Dan kien qisu meta kelli bejn 13 u 14-il sena li morna il-Marfa pero ma niftakarx ezatt."

"..........................................................................................
........................."

"Inzid nghid li imbghad is-Sajf ta' wara jien kelli esperjenza ohra. Kont mal-kbar u konna qed nilghabu Battleship wara nofsinhar u kien hemm certu Fr. Godwin li ma kienx jiehu hsiebna u kien gie weekend ghall- mistrieh. Dan beda jhares lejja u kif daqq il-hin fl-erbgha biex ninzlu ghat-te jew kafe, l-ohrajn nizlu u dan lili ghajjatli. Dan dahal f'kamra. Qalli biex immur ghax kellu xi haga ghalija. Staqsieni jekk inhobbux nitgharrax u jien ta' tifel ghidtlu iva. Qalli biex immur ha jurini. Nizzilli z-zip u redali l-parti tieghi. Dan qalli li imbaghad kien ser jarani San Guzepp. Jien qieghed ukoll naghraf lil Fr. Godwin bhala wiehed mill-imputati li qieghed fuq in-naha tax-xellug quddiem il-Magistrat. Nixtieq nghid li din ta' Fr. Godwin grat gewwa l-Marfa.Nghid ukoll li meta grat din ta' Fr. Godwin gewwa l-Marfa jien kelli 14-il sena. Meta morna lura imbghad San Guzepp dan Fr. Godwin kien isejjahli biex immur fil-kamra tieghu halli jkellimni u dan kien jaghtini bhal per ezempju cikkulata, kien isemmili dwar il-Canada. Kien jurini x'kien ipitter u jpengi u kif konna nkunu kwieti kien jimmasturbali l-parti tieghi. Jien kont nghidlu biex jieqaf u kien jghidli tinkwetax hawn gew qeghdin. Kont nitlaq u kien jghidli biex ma nghid lil hadd u biex darba ohra nerga mmur. Darba minnhom niftakar filghodu kont sejjer l-iskola. Hu sejjahli biex immur fil-kamra tieghu ghax kellu xi haga ghalija u f'din l-okkazzjoni kien taghni xi flus u kien hemm drabi ohra fejn Fr. Godwin taghni l-flus, kien jaghtini xi Lm2. Kien hemm drabi fejn jien mort f'kamartu u kien ukoll jaghtini xi sigaretti. Kien ukoll jehodni l-Belt u jixtrili xi

xlipper. Kien ukoll mill- Belt jixtrili l-pastizzi. Kont immur naqta xaghri ghand huh b'xejn. Kien ukoll offrieli meta jien nohrog minn San Guzepp, ma kelli nghid lil hadd, kien ukoll offrieli cekk ta' flus." "........................................................" "Li naf zgur li din l-istorja li qed nghid kienet damet sejra xi sena. Darba minnhom kont fil-kamra ta' Fr. Godwin gewwa San Guzepp u ghidtlu li kont ser nitlaq mill-kamra tieghu u hu zammni u qalli biex nibqa hemm hekk. Hu f'daqqa wahda dawwarni u hu mmasturbani minn wara. Kien nezzaghni Fr. Godwin u jien ghidtlu li ridt nitlaq u qalli biex nibqa hemm hekk. Huwa zammni. Niftakar li beda jhabbat il-bieb u beda jsejjahli certu wiehed Kevin u beda jghidli 'ejja ejja ghax il-Father iridek.' Father Godwin qalli biex ma nitkellimx u naghlaq halqi. Wara qisu xi hames minuti jew ghaxar minuti ma smajniex iktar il-bieb u dan Fr. Godwin kompla u jien ghidlu ha nitlaq. Hu dawwarli wicci mas-sodda u nghid ppenetrani minn wara. U kien xarrabni. Jien cert li dan ppenetrani minn wara ghax jien hassejt. Jien ukoll rajt il-parti tieghu. nghid li hu Fr. Godwin kien neza. Jiena rajt il-parti tieghu u imbghad hu dawwarni u imbghad wara li dawwarni dan kien ppenetrani minn ara. Nerga nghid li jien kont hassejt il-parti tieghu go fija. Nghid li imbghad il-father hareg rasu mill-bieb, ttawwal u imbghad qalli biex jien niehu stereo u qalli lill-father ghidlu li inti gejt ghandi biex nkun nista naghtik l-istereo. Imbghad qalli biex jien immur. Jien kont mort fil-grupp tal-kbar bl-istereo f'idi." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Kevin Micallef li fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Jien twelidt fis-17 ta' Mejju 1977. Jien dhalt fl-istitut ta' San Guzepp St. Venera meta kelli 11-il sena. U nghid ghal hekk jien dhalt fl-istitut circa 1988. Jien kelli 17-il sena u ftit meta jien imbghad tlaqt mill-istitut ta' San Guzepp. F'okkazzjoni li jien kont diga qieghed mal-grupp tal-kbar fl-istitut ta' San Guzepp jien kelli 15-il sena. Diga ghidt kont mal-kbar u nghid li Leonard Camilleri li kien ukoll fl-istitut kien wiehd mill-hbieb tieghi u kont l-iktar li naghmilha mieghu. U nghid li Fr. Pulis kien staqsa ghalih

u jien kont ghidtlu li issa kont rajtu. Qalli biex immur infittex lil Leonard. Nghid li prattikament kwa kuruturi hemm tlett kuruturi li hemm dak tal-qassisin, imbghad jigi il-kurutur taz-zghar u imbghad hemm kurutur iehor li hu tal-mezzanin u li wkoll hemm tal-kbar. Jien mort biex nilhaq lil Leonard. Jien grejt girja ghax Leonard kien diga qabli. Kif indur il-kurutur tal-qassisin jien rajt lil Leonard ma Fr. Godwin dehlin gewwa kamra u li naf li kienet il-kamra ta' Fr. Godwin. Jien rajthom dehlin gewwa l-kamra u dan rajt allura lil Leonard Camilleri u Fr. Godwin dehlin fil-kamra ta' Fr. Godwin. Jien bdejt inhabbat fuq il-bieb. Bdejt nisma kliem fil-baxx li ma kienx car. Kont naf li qeghdin hemm hekk. Naf li kien hemm kliem fil-baxx. Jien ghamilt xi 15-il minuta nistenna wara l-bieb ghaliex jien ghidt li sakemm immur nghid lil Fr. Pulis li rajt lil Leonard huma kienu jilhqu johorgu mill-kamra peress li jien kelli tlett kuruturi fejn rrid immur. Jien imbghad kif idejjaqt mort mal-kbar. Ghamilt qisu kwarta u lil Fr. Pulis avzajtu jien li jien lil Leonard ma rajtux. Jien imbghad kif rajt lil Leonard ghidtlu li jien rajtu diehel fil-kamra ta' Fr. Godwin u dan qalli li mhux veru. Jien imbghad avzajt lil Fr. Pulis u hu kien staqsieni jekk hux veru li jien rajthom it-tnejn hemm gew u jien ghidtluli veru ghax jien rajthom b'ghajnejja dehlin hemm gew. Imbghad ftit wara rajt lil Leonard gej bi stereo u dan kien stereo Panasonic bis-CD fuqu. Nixtieq nghid li jien meta kont rajt lil Leonard wara li hu kien hareg mill-kamra ta' Fr. Godwin f'idejh Leonard ma kellu xejn. Jien nnutajt lil Leonard bl-istereo ghall-habta ta' xis-7.00pm ta' dak inhar stess u nghid li jien kont rajt lil Leonard u lil Fr. Godwin dehlin fil-kamra ta' Fr. Godwin ghall-habta tal-4.00pm ta' dak inhar stess. Nixtieq nghid li meta jien kont rajt lil Leonard meta hu ma kellu xejn f'idejh hu lili oltre li qalli li mhux veru li hu kien dahal il-kamra ta' Fr. Godwin flimkien ma Fr. Godwin hu qalli li hu l-ground kien. Meta jien filghaxija rajt lil Leonard bl-istereo f'idejh kkummentajt kemm kien sabih dan l-istereo u hu kien qalli li kien tahulu Fr. Gowin. Imbghad sar jaf Fr. Pulis. Fr. Pulis staqsa lil Loneard min kien tahulu. Dan qallu li Fr. Godwin. U dan qallu li hadd mhu ser jaghtik xejn ta' xejn. Mhux sew li inti ghandek stereo u haddiehor ma ghandux u wkoll qallu biex imur jerga jaghtihulu lura. Imbghad naf li l-istereo ma baqax ghand Leonard. Fil-kwarta li jien domt

quddiem il-bieb ta' Fr. Godwin habbatt diversi drabi. Anke b'saqajja tajtu il-bieb u dan ghax kont certu li kienu qeghdin hemm gew. Ma pruvajtx nifthu il-bieb. Ma nafx jekk il-bieb kienx imsakkar jew le. Il-bieb kien maghluq pero jekk kienx imsakkar ma nafx. Nghid dan il-bieb partikolari biex jinfetah jinfetah tramite cavetta. Cavetta barra ma kienx hemm fil-lock u ghal hekk jien il-bieb ma stajx nifthu. Kieku kien hemm ic-cavetta barra fil-lock kieku kont nifthu il-bieb. Nixtieq nghid li kieku riedu setghu fethu huma. Pero jien nghid li jien ma stajtx nifthu il-bieb ghax ma kienx hemm ic-cavetta biex nifthu u f'dan il-kuntest jien bdejt insabbat fuq il-bieb u nhabbat biex jiena nifthu. Jien ghal hekk ghamilt kwarta inhabbat. Kieku riedu fethu huma." "……………………….." "Nghid li qed naghraf bhala l-imputati presenti fl-awla lil fr. Pulis, lil Fr. Godwin kif ukoll lil ......................." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tosserva li dak li xehed Leonard Camilleri dwar li l-imputat Francesco sive Godwin Scerri u hu kienu fil-kamra tal-imputat Scerri u li kien gie Kevin u beda jhabbat il-bieb u jsejjahlu u li wara qisu xi hames minuti jew ghaxar minuti ma semghux aktar il-bieb hu essenzjalment kollaborat minn dak li xehed Kevin Micallef.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Francesco sive Godwin Scerri li fis-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2004, inter alia, qal:

"..........................................................................................
........................."

"Nghid fit-12 ta' Jannar ta' l-1981 jiena mort il-Canada bhala Missjunarju u wkoll kont ukoll Kappillan ta' parrocca gewwa Emerville fil-Canada. Jiena hemmhekk ghamilt mill-bidu ta' l-1981 sa Settembru ta' l-1991.

Jiena mbaghad is-Superjur tieghi qalli biex jiena mmur Malta u floki dahal iehor. Jiena gejt lura Malta fil-21 ta' Settembru, 1991. Nghid jiena fit-2 ta' Jannar ta' l-1992 mort gewwa l-Ingilterra biex jiena naghmel *supply work* gewwa Kent. Jiena domt hemmhekk sal-bidu ta' April ta' l-

1992. Imbaghad jiena ergajt lura Malta u inzilt fid-Dar ta' San Guzepp, Sta. Venera. Jiena hemmhekk ma kelli xejn x'naqsam mat-tfal; kien hemm il-kommunita' taghna, il-qassisin, u kont fiha."

"........................................................................................................................"

"Nixtieq nghid illi jiena fit-12 ta' Jannar, 1981 jiena kont tlaqt lejn il-Canada..........................." "Jiena rritornajt lura Malta fl-1991. Jiena fil-perijodu li semmejt, bejn l-1981 u l-1991 kont gejt Malta fl-1985 biex inzewweg lin-neputija, kont gejt Malta biex inzewweg lin-neputija u nghid illi jiena f'dik is-sena gewwa l-Istitut ta' San Guzepp qatt ma mort fih. Nghid illi jiena fil-perijodu meta kont qieghed Malta biex inzewweg lin-neputija jien qaghdt jew ghand hija gewwa Birzebbugia jew inkella fid-dar taghna l-Missjunarji gewwa Birzebbugia."

"......................................................................................................................."

"Qieghed nesebixxi tliet (3) passaporti, li qieghdin rispettivament jigu mmarkati bhala Dok. FGS3, Dok. FGS4 u Dok. FGS5. Dawna l-passaporti, li huma qieghdin jigu esebiti b'mod kronologiku, qieghed nesebihom *animo ritirandi*. Nixtieq inzid nghid illi fil-perijodu li jiena fl-1985 kont qieghed Malta biex inzewweg lin-neputija, lanqas fid-dar taghna l-Missjunarji gewwa l-Marfa jiena qatt ma kont mort." "........................."

"In kwantu ghal Leonard Camilleri, dana kont nafu kif kont naf lit-tfal l-ohra gewwa l-istitut li kien hemm dak iz-zmien f'San Guzepp f'Sta. Venera. Nixtieq nghid illi d-Dar ta' San Guzepp Sta. Venera hija maqsuma fil-parti tal-Lvant hija dika li hija li tirrigwarda z-zona fejn hemm it-tfal, u nghid illi l-parti tal- Punent tad-dar hija l-post fejn nghixu ahna l-qassisin.

Nghid illi dawna biex wiehed mit-tfal ikun gie fil-*quarters* taghna l-patrijiet irid ikun ghadda ikun irid jghaddi minn tliet kurituri u bitha, li nghid bhala, korrezzjoni: irid jghaddi

mbaghad minn kuritur iehor barra it-tliet kurituri ohra, liema kuritur qieghed fuq il-bitha, u nghid bhala distanza dana ta’ dawn il-kurituri kollha hija ta’ bejn il-bini tal-Qorti u l-*Main Guard*, dana bejn wiehed u iehor.

Jiena qatt ma kelli x’naqsam fl-ghajnuna, trobbija jew edukazzjoni ta’ dawna t-tfal illi kien hemm fid-Dar ta’ San Guzepp, u dana in kwantu ghall-perijodu mill-1991 sa llum. Jiena fil-perijodu ta’ l-1991 xogholi kien qieghed li nqarar diversi fabbriki jew postijiet, pero’ nghid illi xogholi ma kienx qieghed gewwa l-Istitut ta’ San Guzepp f’Sta. Venera.

L-uniku inkarigu li kelli jiena gewwa d-Dar ta’ San Guzepp Sta. Venera li kont niehu hsieb l-*Opera Bona Morte* li tirrigwarda l-gbir ta’ flus karita’ biex dana jsir quddies ghal persuna li mbaghad tkun mietet. Nixtieq nghid illi dana Leonard Camilleri kien gieli gie jkellimni fil-kamra tieghi, pero’ jiena mbaghad irrealizzajt li dana kien qed juzaha bhala skuza bhala mezz biex huwa jiskarta mill-quddies.

Nghid ukoll dana gieli kien ikellimni fuq affarijiet ohra li jdejquni. Jiena kont slift lil dan Leonard Camilleri *stereo* ghal xi gimgha, gimghatejn, liema *stereo* kont gibtu mill-Amerika, Jiena dana mbaghad kont tlabtulu lura u kont sliftu lil haddiehor. Nghid dan l-i*stereo* zgur sliftu lil tnejn mit-tfal. In kwantu ghat-tieni wiehed li sliftu, jiena jekk narah naghrfu pero’ ma niftakarx x’jismu. Nghid illi hu Leonard Camilleri kien ukoll jigi fil-kamra tieghi. Kien jigi biex ikellimni fuq affarijiet personali. Nghid Jason Camilleri, hu Leonard Camilleri, kien jigi iktar ta’ spiss ghandi milli kien jigi Leonard Camilleri. Nghid bejn dawn l-ahwa kien hemm problemi kbar u nghid li kwazi kwazi Jason Camilleri kien jobghod lil hu Leonard Camilleri. Meta kien ikellimni fuq huh, jien kont dejjem nghidlu biex jiehu hsieb lil huh.

Nghid illi jiena, u dan niehu spunt minn dak illi xehed Leonard Camilleri meta qal li jien kont hadtu l-Belt, nghid illi dana mhux lilu biss kont hadt il-Belt; dana kien ikun hemm it-tfal meta jien kont inkun diehel il-Belt ghand hija l-barbier biex immur naqta’ xaghari u kienu jitolbuni biex

jaqtghu xagharhom ukoll, ghalhekk kont nohodhom il-Belt u jaqtghu xagharhom. Fil-kaz ta’ Leonard Camilleri li gara kien illi jiena kont dhalt il-Belt biex naqta’ xaghari, hadt lilu biex jaqta’ xagharu u mbaghad morna ghand *Gambrinus* u hadna zewg pastizzi u morna lura lejn l-Istitut. Nghid li dina kienet dak li normalment jigri ma’ kull wiehed minnhom l-ohrajn li hadt il-Belt.

Nghid illi in kwantu dak li allega Leonard Camilleri fid-depozizzjoni tieghu moghtija f’din il-kawza, u cjoe’ li jiena ikkommettejt xi abbuzi sesswali fil-konfront tieghu, jiena dana nichdu b’mod kategoriku. Nghid illi Jason Camilleri kien qalli li hu jahseb li huh Leonard Camilleri fil-fatt ma kienx huh. Nghid Leonard Camilleri qatt ma esprima ruhu mieghi li hu kien b’xi mod jobghod lil huh Jason Camilleri. Jiena nghid illi dana Leonard Camilleri qatt ma wera b’xi mod li hu kellu xi gibda lejja jew kellu xi ghira fil-konfront ta’ huh Jason Camilleri, u nghid ghalija dan kien jigi biex jahli z-zmien jew inkella biex jiskarta milli jmur ghall-quddiesa.

Jiena nghid li b’referenza ghal dak li xehed Leonard Camilleri fid-depozizzjoni tieghu moghtija f’din il-kawza fejn hu qal li jien kont abbuzajt minnu sesswalment gewwa l-Marfa, ir-referenza ghall-perijodu illi hu semma nghid f’dak il-perijodu jiena lanqas biss kont qieghed Malta. Nixtieq nghid illi minn dak li xehed l-istess Leonard Camilleri, huwa qal li dak li sehh gara qabel ma hu kien tela’ mal-kbar; dan voldieri illi hu kien ghadu ma ghalaqx il-hmistax-il (15) sena. Huwa allura dan Leonard Camilleri allega li meta kienu marru fil-Marfa, allura dana fil-perijodu meta hu kien ghadu m’ghalaqx il-hmistax-il (15) sena, hu qal li kont hemm jiena u abbuzajt minnu, meta dawn it-tfal, nixtieq nghid, jew fl-ewwel gimgha jew fit-tieni gimgha ta’ Settembru jinzlu lura San Guzepp mill-Marfa, u f’dan ir-rigward naghmel referenza ghal Dok. FGS2 li jiena ghadni kif esebejt illum, nghid jiena kont ghadni kif gejt lura Malta fil-21 ta’ Settembru ta’ l-1991, jiena nissottometti li jiena ma stajtx assolutament ikkommettejt dak li qed jghid hu ghax jiena lanqas kont qieghed f’Malta. Nghid illi jiena, kif diga’ xhedt, jiena kont ili barra minn Malta mill-1981, salv biss il-perijodu li semmejt ta’ l-1985 meta kont gejt ghat-

tieg tan-neputija, u konsegwentement nghid illi mill-1981 sal-21 ta' Settembru ta' l-1991 jiena dana Leonard Camilleri qatt ma kont rajtu u kont naf min hu. Jien ghalhekk dana sirt nafu wara l-21 ta' Settembru, 1991.

Nghid li fil-fatt meta jiena gejt lura minn barra fil-21 ta' Settembru, 1991, it-tfal kienu diga' nizlu mill-Marfa u kienu qieghdin fl-Istitut ta' San Guzepp f'Sta. Venera. Nixtieq nghid illi jiena fejn kont immur inqarar f'fabbriki, eccetra, nghid jiena gieli kont ninghata cikkulata jew kalzetti jew qomos. Nghid jiena c-cikkulata ma nhobbhiex u allura jiena din ic-cikkulata kont nghaddihom lit-tfal ta' l-Istitut taghna, u anke nghid gieli tajt ukoll ic-cikkulata lill-*fathers.*

Qieghed nesebixxi erba' (4) faccati li huma vera kopja fotostatika mill-Passaport tieghi li ghandu n-numru 611819 u dawna l-erba' faccati qieghdin jigu esbiti u mmarkati bhala Dok. FGS6."

"..........................................................................................
........................."

"B'referenza ghal dak illi kien xehed Leonard Camilleri fejn hu qal li kien ghadda minn hdejn il-bieb tal-kamra tieghi u kien sema certu tip ta' hsejjes, jiena niddikjara bil-gurament tieghi li jiena assolutament qatt ma ghamilt xi affarijiet ta' natura sesswali fil-kamra tieghi gewwa l-Istitut ta' San Guzepp, Sta. Venera, u nghid, anzi inzid nghid li jiena dawn l-affarijiet sesswali qatt ma ghamilthom fl-ebda post u imkien.

Jiena nghid illi dak kollu li xehdu dwari Oliver Goodrum u Leonard Camilleri huma kollu gideb u huma l-affarijiet ta' viljakkerija u ta' makakkerija u wkoll b'malizzjozita'. Nghid jiena lil Leonard Camilleri qatt ma tajtu flus. Jiena lanqas qatt ma xtrajt xi zarbun lil Leonard Camilleri. Nghid ahna l-*fathers*, minhabba li ghandna l-vot tal-poverta', lanqas ghandna *cheques*, u ghalhekk nichad li jiena qatt ktibt xi cekk lil Leonard Camilleri." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti b'referenza ghal dak li xehed l-imputat Francesco sive Godwin Scerri f'dak hawn fuq riportat fejn sostna li

nkwantu li Leonard Camilleri kien qal fid-deposizzjoni tieghu li Scerri kien abbuza sesswalment minn Leonard gewwa l-Marfa, il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mid-Deposizzjoni tal-imsemmi imputat Scerri (Seduta tal-10 ta' Novembru, 2004): "……………………………………………………………………………" "Jiena nghid li b'referenza ghal dak li xehed Leonard Camilleri fid-depozizzjoni tieghu moghtija f'din il-kawza fejn hu qal li jien kont abbuzajt minnu sesswalment gewwa l-Marfa, ir-referenza ghall-perijodu illi hu semma nghid f'dak il-perijodu jiena lanqas biss kont qieghed Malta. Nixtieq nghid illi minn dak li xehed l-istess Leonard Camilleri, huwa qal li dak li sehh gara qabel ma hu kien tela' mal-kbar; dan voldieri illi hu kien ghadu ma ghalaqx il-hmistax-il (15) sena. Huwa allura dan Leonard Camilleri allega li meta kienu marru fil-Marfa, allura dana fil-perijodu meta hu kien ghadu m'ghalaqx il-hmistax-il (15) sena, hu qal li kont hemm jiena u abbuzajt minnu, meta dawn it-tfal, nixtieq nghid, jew fl-ewwel gimgha jew fit-tieni gimgha ta' Settembru jinzlu lura San Guzepp mill-Marfa, u f'dan ir-rigward naghmel referenza ghal Dok. FGS2 li jiena ghadni kif esebejt illum, nghid jiena kont ghadni kif gejt lura Malta fil-21 ta' Settembru ta' l-1991, jiena nissottometti li jiena ma stajtx assolutament ikkommettejt dak li qed jghid hu ghax jiena lanqas kont qieghed f'Malta. Nghid illi jiena, kif diga' xhedt, jiena kont ili barra minn Malta mill-1981, salv biss il-perijodu li semmejt ta' l-1985 meta kont gejt ghat-tieg tan-neputija, u konsegwentement nghid illi mill-1981 sal-21 ta' Settembru ta' l-1991 jiena dana Leonard Camilleri qatt ma kont rajtu u kont naf min hu. Jien ghalhekk dana sirt nafu wara l-21 ta' Settembru, 1991." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hawn tiddikjara li l-imputat Francesco sive Godwin Scerri hu zbaljat meta jghid: "Nixtieq nghid illi minn dak li xehed l-istess Leonard Camilleri, huwa qal li dak li sehh gara qabel ma hu kien tela' mal-kbar; dan voldieri illi hu kien ghadu ma ghalaqx il-hmistax-il (15) sena."

Difatti Leonard Camilleri fid-deposizzjoni tieghu (Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003 fol. 75 tal-Process) jghid il-kuntrarju u cioe':

"..............................................................................................................................."
"Imbaghad ghalqat l-eta li nigi trasferit ghall-kbar u lilna il-kbar kien jiehu hsiebna Fr. Pulis."
"...................................................." Inzid nghid li imbghad is-Sajf ta' wara jien kelli esperjenza ohra. Kont mal-kbar ............. u kien hemm certu Fr Godwin li ma kienx jiehu hsibna u kien gie weekend ghall-mistrieh." (Sottolinjar tal-Qorti). Imbaghad Leonard Camilleri jsemmi kif gie abbuzat sesswalment gewwa l-Marfa mill-imputat Scerri (Ara brani riportati qabel f'din is-Sentenza mill-imsemmija deposizzjoni ta' Leonard Camilleri).

Hu veru li f'din id-deposizzjoni Leonard Camilleri rigward dan l-akkadut jghid: "Nghid ukoll li meta grat din ta' Fr. Godwin gewwa l-Marfa jien kelli 14-il sena" (Ara fol. 75 tal-Process). Pero' l-istess xhud b'referenza ghal dak li jsemmi dwar dak li gara ukoll gewwa l-Marfa fejn spjega kif kien gie abbuzat sesswalment minn Fr. Pulis u dan allura fis-sajf precedenti ghal dak li fih Leonard Camilleri sostna li gie abbuzat sesswalment mill- imputat Scerri, jghid: "Dan kien qisu meta kelli bejn 13 u 14-il sena li morna il-Marfa pero ma niftakarx." Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li meta Leonard Camilleri kien qal li meta grat din ta' Fr. Godwin gewwa l-Marfa hu kellu 14-il sena dan ha zball ghax in effetti hu kellu 15 il-sena. Tant jidher li hu zball ghax l-istess Camilleri jghid li hu kien mal-kbar, fil-fatt Camilleri esspressament jghid li hu kien ghalaq l-eta' li jigi trasferit mal-kbar (fol. 75 tal-Process). Inoltre l-imputat Scerri xehed (vide ante): "Nixtieq nghid illi minn dak li xehed l-istess Leonard Camilleri, huwa qal li dak li sehh gara qabel ma hu kien tela' mal-kbar; dan voldieri illi hu kien ghadu ma ghalaqx il-hmistax (15) sena." Stante li mid-deposizzjoni ta' Leonard Camilleri jemergi li meta hu kien gie abbuzat sesswalment mill-imputat Scerri gewwa l-Marfa hu kien mal-kbar ergo kien ghalaq il- 15-il sena bhala eta' u li skond l-istess Camilleri hu kien twieled fit-2 ta' Lulju 1977 ghaldaqstant is-sajf li sehh dan l-abbuz sesswali mill-imputat Scerri fuq Leonard Camilleri fil-Marfa dan kien is-Sajf tal-1992 u mhux tal-1991.

Issa l-Qorti tirrileva li minn Dok. FGS8, liema dokument gie esebit mill-istess imputat Scerri, jemergi li hemm miktub April 3, 1992 Arrival Malta u l-entry ta' wara fuq dan id-dokument hi Sept 5, 1993 Departure Malta. Minn dan jemergi li fis-Sajf tal-1992 l-imputat Francesco sive Godwin Scerri ma kienx imsiefer. Ergo dak li sostna fid-deposizzjoni tieghu l-imputat Scerri li hu ma setax abbuza sesswalment lill-Leonard Camilleri gewwa l-Marfa ghax kien imsiefer ma jreggix.

Dwar is-sussistenza tac-cirkostanzi aggravanti fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri li tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri, liema cirkostanzi aggravanti nkwantu ghal din l-ewwel akkuza huma elenkati fis-subartikolu 203(1)(a), (b) u (c) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li tirrizulta sodisfacentement ippruvata c-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Din ic-cirkostanza aggravanti hi: "(b) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;".

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Leonard Camilleri (Seduta 28 ta' Ottubru, 2003):

"<u>Qalli biex immur ghax kellu xi haga ghalija</u>" (Sottolinjar tal-Qorti). Hawn ix-xhud kien qed jirreferi ghall-imputat Scerri fic-cirkostanza ta' dak li sehh fil-Marfa. Fil-fehma tal-Qorti tali fatt mehuda in konsiderazzjoni dak li effettivament sehh fl-imsemmija okkazzjoni jipprova ic-cirkostanza aggravanti li d-delitt sar b'qerq.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddikjara li rigward l-akkuza in disamina, din l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-konfront tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri nkwantu tirrigwarda il-parte civile Leonard Camilleri skond l-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali kif moghtija mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004, u dan limitatament nkwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu

203(1)(b) tal-Kodici Kriminali nkwantu li jirrizulta li d-delitt sar b'qerq.

Rigward l-akkuza ta' stupru vjolent (artikolu 198 tal-Kodici Kriminali) migjuba kontra l-imputat Francesco sive Godwin Scerri li tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri, il-Qorti tiddikjara li din l-akkuza ma' tirrizultax sodisfacentement ippruvata kif dedotta. Dana stante li din l-akkuza kif giet moghtija fil-konfront tal-imsemmi imputat tghid:

<u>"Lil Francesco (Godwin) Scerri wahdu:</u>

Talli fis-Sajf tal-1992 fil-Marfa, bil-vjolenza, ikkommettejt stupru fuq il-persuna ta Leonard Camilleri, liema persuna kienet taht l-eta."

Issa minn ezami ta' dak li xehed Leonard Camilleri jemergi b'mod car li skond l-istess xhud l-istupru sehh fil-konfront tieghu mill-imputat Scerri gewwa San Guzepp.

Hawn il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Leonard Camilleri li fis-Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003, inter alia, qal:

"Darba minnhom kont fil-kamra ta' Fr. Godwin <u>gewwa San Guzepp</u> ..............." "............................." "Jiena rajt il-parti tieghu u imbghad hu dawwarni u imbghad wara li dawwarni dan kien ppentrani ...................." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ghaldaqstant mis-suespost jemergi li l-istupru li Leonard Camilleri qal li sar fuqu mill-imputat Scerri certament ma' sarx il-Marfa kif tghid l-akkuza ta' stupru vjolent migjuba kontra l-imsemmi imputat Scerri.

Hawn si tratta tal-lokalita' tal-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera fejn skond l-istess Leonard Camilleri gie stuprat mill-imputat Scerri u mhux kif tghid l-akkuza ta' stupru vjolent migjuba kontra l-imsemmi imputat Scerri fejn bhala lokalita' fejn sehh l-imsemmi delitt ta' stupru vjolent issemmi "fil-Marfa".

Il-Qorti, fir-rigward tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri nkwantu ghal dak li jirrizulta li jissussisti fil-konfront tieghu f'din il-kawza, tirrimarka li l-agir tieghu kien wiehed li jikkwalifika ruhu bhala disgustanti hafna. Dan kien agir ta' ghemil zieni altament moqziez li b'mod car ikkawza lezjoni fl-integrita' morali tal-minuri.

Rat fil-konfront tal-imputat Carmelo Pulis l-artikoli 18, 31 u 203 tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Carmelo Pulis hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu kif tinkwadra ruhha fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 u dan inkwantu tirrigwarda l-parte civile Lawrence Grech, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Charles Falzon, Jason Camilleri u David Cassar u dan limitatament nkwantu sehh fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u nkwantu tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri u dan limitatament nkwantu sehh fil-Marfa u inoltre bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti msemmija fis-sub-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali cioe': "*Jekk id-delitt isir minn ............., jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu*." u li tirrigwarda id-disa' (9) parte civile hawn fuq imsemmija u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fedina penali netta tal-imputat Carmelo Pulis u minn naha l-ohra l-gravita' tal-akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imsemmi imputat Carmelo Pulis ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija.

Inoltre nkwantu ghall-istess akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Carmelo Pulis fejn din l-istess akkuza tirrigwarda l-parte civile Raymond Azzopardi u Kevin Micallef stante li din l-akkuza ma' tirrizultax ippruvata fil-konfront tal-imsemmi imputat Carmelo Pulis inkwantu din l-akkuza tirrigwarda biss il-parte civile Raymond Azzopardi u Kevin Micallef tillibera lill-imputat Carmelo Pulis minn din l-akkuza limitatament inkwantu din l-akkuza

tirrigwarda biss lill-parte civile Raymond Azzopardi u Kevin Micallef.

Rat fil-konfront tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri l-artikoli 18, 31, u 203 tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Francesco sive Godwin Scerri hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2004 u dan nkwantu tirrigwarda biss il-parte civile Oliver Goodrum u Leonard Camilleri u b'dan li tirrigwarda il-parte civile Oliver Goodrum limitatament nkwantu dak li sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti u nkwantu tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri nkwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali nkwantu li jirrizulta li d-delitt sar b'qerq u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza minn naha wahda l-fedina penali minima tal-imputat Francesco sive Godwin Scerri u minn naha l-ohra l-gravita' tal-akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Francesco sive Godwin Scerri tikkundanna lill-istess imputat Francesco sive Godwin Scerri ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija.

Inoltre nkwantu ghall-istess akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Francesco sive Godwin Scerri fejn din l-akkuza tirrigwarda biss il-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef stante li din l-akkuza ma' tirrizultax ippruvata fil-konfront tal-imsemmi imputat Carmelo Pulis inkwantu din il-kawza tirrigwarda biss il-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef tillibera lill-imputat Francesco sive Godwin Scerri minn din l-akkuza limitatament inkwantu din l-akkuza tirrigwarda biss il-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri,

David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef.

Rigward it-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputat Francesco sive Godwin Scerri liema akkuza tirrigwarda stupru vjolent (artikolu 198 tal-Kodici Kriminali) li tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri, il-Qorti tillibera lill-imputat Francesco sive Godwin Scerri minn din l-akkuza stante li din l-akkuza ma' tirrizultax sodisfacentement ippruvata kif dedotta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------